ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea L 304

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 51

14 ta' Novembru 2008

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI


★ **Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar l-istatistika dwar l-enerġija** ([1]) ..... 1

★ **Regolament (KE) Nru 1100/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar l-eliminazzjoni ta' kontrolli li jsiru mal-fruntieri ta' Stati Membri fil-qasam ta' trasport bit-triq u b'passaġġi ta' l-ilma interni (Verżjoni kodifikata)** ([1]) ..... 63

★ **Regolament (KE, EURATOM) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (Verżjoni kodifikata)** ([1]) ..... 70

★ **Regolament (KE) Nru 1102/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar il-projbizzjoni tal-merkurju metalliku u ta' ċerti komposti u taħlitiet tal-merkurju u l-ħżin sikur tal-merkurju metalliku** ([1]) ..... 75

★ **Regolament (KE) Nru 1103/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 li jadatta numru ta' strumenti suġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, fir-rigward tal-proċedura regolatorja bi skrutinju – Adattament għall-proċedura regolatorja bi skrutinju – It-Tielet Parti** ..... 80


**Nota lill-qarrej** (Ara paġna 3 tal-qoxra)

**Prezz: 18 EUR**

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (KE) Nru 1099/2008 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-22 ta' Ottubru 2008**

**dwar l-istatistika dwar l-enerġija**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285 (1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([1]),

Billi:

(1) Jeħtieġ li l-Komunità jkollha data preċiża u tempestiva dwar il-kwantitajiet ta' l-enerġija, il-forom, is-sorsi, il-ġenerazzjoni, il-provvista, it-trasformazzjoni u l-konsum tagħhom, sabiex ikunu mmonitorjati l-impatt u l-konsegwenzi ta' l-attività politika tagħha dwar l-enerġija.

(2) Tradizzjonalment, l-istatistika dwar l-enerġija iffukat fuq il-provvista ta' l-enerġija u fuq l-enerġiji fossili. Fis-snin li ġejjin se tkun meħtieġa aktar attenzjoni ffukata fuq aktar konoxxenza u fuq il-monitoraġġ tal-konsum finali ta' l-enerġija, fuq l-enerġija rinnovabbli u fuq l-enerġija nukleari.

(3) Id-disponibbiltà ta' informazzjoni preċiża u aġġornata dwar l-enerġija hija essenzjali sabiex jiġi stmat l-impatt tal-konsum ta' l-enerġija fuq l-ambjent, b'mod partikolari relattivament għall-emissjoni tal-gassijiet serra. Din l-informazzjoni hija meħtieġa mid-Deċiżjoni 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li tikkonċerna l-mekkaniżmu għall-monitoraġġ ta' l-emissjonijiet ta' gass serra tal-Komunità u sabiex jiġi implimentat il-Protokoll ta' Kyoto ([2]).

(4) Id-Direttiva (KE) Nru 2001/77KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2001 dwar il-promozzjoni ta' elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-suq intern ta' l-elettriku ([3]) u d-Direttiva 2004/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar il-promozzjoni ta' koġenerazzjoni bbażata fuq id-domanda għal sħana utli fis-suq intern ta' l-enerġija ([4]), jeħtieġu li l-Istati Membri jirrapportaw id-data kwantitattiva dwar l-enerġija. Sabiex jiġi mmonitorjat il-progress lejn il-kisba ta' l-għanijiet stabbiliti f'dawn id-Direttivi, hija meħtieġa data dettaljata u aġġornata dwar l-enerġija.

(5) Id-Direttiva 2002/91/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar il-prestazzjoni ta' l-enerġija tal-bini ([5]), id-Direttiva 2006/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar effiċjenza fl-użu finali ta' l-enerġija u dwar servizzi ta' enerġija ([6]), u d-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 dwar it-twaqqif ta' qafas għall-iffissar tar-rekwiżiti għall-eko-disinn ta' prodotti li jużaw l-enerġija ([7]) jirrikjedu li l-Istati Membri jirrappurtaw data kwantitattiva dwar il-konsum ta' l-enerġija. Sabiex jiġi mmonitorjat il-progress lejn il-kisba ta' l-għanijiet stabbiliti f'dawk id-Direttivi, hemm ħtieġa għal data dettaljata u aġġornata dwar l-enerġija kif ukoll "interface" aħjar bejn din id-data dwar l-enerġija u surveys statistiċi relatati bħaċ-ċensimenti dwar il-popolazzjoni u d-djar u d-data dwar it-trasport.

([1]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2008 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-15 ta' Settembru 2008.

([2]) ĠU L 49, 19.2.2004, p. 1.
([3]) ĠU L 283, 27.10.2001, p. 33.
([4]) ĠU L 52, 21.2.2004 p. 50.
([5]) ĠU L 1, 4.1.2003, p. 65.
([6]) ĠU L 114, 27.4.2006, p. 64.
([7]) ĠU L 191, 22.7.2005, p. 29.

(6) Il-Green Papers tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ġunju 2005 dwar l-Effiċjenza fl-Użu ta' l-Enerġija u tat-8 ta' Marzu 2006 dwar Strateġija Ewropea għal Enerġija Sostenibbli, Kompetittiva u Sikura jiddiskutu l-linji politiċi dwar l-enerġija ta' l-UE li għalihom hija meħtieġa d-disponibbiltà ta' l-istatistika dwar l-enerġija ta' l-UE, inkluż, għall-għan sabiex jiġi stabbilit Osservatorju Ewropew tas-Suq ta' l-Enerġija.

(7) It-twaqqif ta' mudell ta' previżjoni ta' l-enerġija ta' dominju pubbliku, kif mitlub mill-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Diċembru 2006 dwar Strateġija Ewropea għal Enerġija Sostenibbli, Kompetittiva u Sikura [1] jirrikjedi data dettaljata u aġġornata dwar l-enerġija.

(8) Fis-snin li ġejjin, għandha tingħata attenzjoni akbar lis-sikurezza tal-provvista tal-karburanti l-aktar importanti, u hemm il-ħtieġa għal data aktar preċiża u tempestiva fil-livell ta' l-UE sabiex jiġu antiċipati u koordinati soluzzjonijiet ta' l-UE fir-rigward ta' kriżijiet possibbli ta' forniment.

(9) Il-liberalizzazzjoni tas-suq ta' l-enerġija u l-kumplessità tagħha li dejjem tiżdied jagħmluha dejjem aktar diffiċli sabiex tinkiseb data affidabbli u tempestiva dwar l-enerġija fin-nuqqas, b'mod partikulari, ta' bażi ġuridika li tikkonċerna l-provvista ta' tali data.

(10) Sabiex is-sistema ta' l-istatistika dwar l-enerġija tgħin fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri tagħha u sabiex tippromwovi d-dibattitu pubbliku li jinkludi ċ-ċittadini, hi trid tagħti garanziji ta' komparabbiltà, trasparenza, flessibbiltà u abbiltà ta' żvilupp. B'hekk fil-futur qrib, għandha tiġi inkorporata l-istatistika dwar l-enerġija nukleari u għandha tiġi żviluppata iktar id-data rilevanti dwar l-enerġija rinnovabbli. B'mod simili, fir-rigward ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija, id-disponibbiltà ta' statistika dettaljata dwar il-habitat u t-trasport tkun estremament utli.

(11) Il-produzzjoni ta' l-istatistika Komunitarja hija regolata mir-regoli stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar Statistika tal-Komunità [2].

(12) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jitwaqqaf qafas komuni għall-produzzjoni, it-trażmissjoni, l-evalwazzjoni u d-disseminazzjoni ta' statistika komparabbli ta' l-enerġija fil-Komunità ma jistax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri u għalhekk jista' jinkiseb aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, konformement mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Konformement mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak il-għan.

(13) Fil-produzzjoni u fid-disseminazzjoni ta' l-istatistika Komunitarja taħt dan ir-Regolament, l-awtoritajiet statistiċi nazzjonali u Komunitarji għandhom jieħdu kont tal-prinċipji stabbiliti fil-Kodiċi ta' Prattika għall-Istatistika Ewropea li kien adottat fl-24 ta' Frar 2005 mill-Kumitat tal-Programm Statistiku, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom [3] u meħmuż mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-indipendenza, integrità u responsabbiltà ta' l-awtoritajiet statistiċi nazzjonali u Komunitarji.

(14) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni [4].

(15) B'mod partikolari, għandha tingħata setgħa lill-Kummissjoni sabiex timmodifika l-lista ta' sorsi ta' data, l-istatistika nazzjonali u l-kjarifikazzjonijiet jew definizzjonijiet applikabbli kif ukoll l-arranġamenti dwar it-trażmissjoni u sabiex tistabbilixxi u timmodifika l-istatistika nukleari annwali, ladarba din tkun ġiet inkorporata, timmodifika l-istatistika dwar l-enerġija rinnovabbli, ladarba din tkun ġiet inkorporata, u tistabbilixxi u timmodifika l-istatistika dwar il-konsum ta' l-enerġija finali. Billi dawk il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia billi jissuplimentawh b'elementi mhux essenzjali ġodda, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE.

(16) Huwa meħtieġ li jsir provvediment sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tagħti eżenzjonijiet jew derogi lill-Istati Membri minn dawk l-aspetti tal-ġbir tad-data dwar l-enerġija li jirriżultaw f'piż eċċessiv fuq dawk li jwieġbu. L-eżenzjonijiet jew derogi għandhom jingħataw biss mar-riċezzjoni ta' ġustifikazzjoni adegwata li tindika s-sitwazzjoni preżenti u l-piżijiet eċċessivi b'mod trasparenti. Il-perijodu li għalih jibqgħu fis-seħħ għandu jkun limitat għall-inqas żmien meħtieġ.

(17) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jikkonformaw ma' l-opinjoni tal-Kumitat għall-Programmi Statistiċi,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni, trażmissjoni, evalwazzjoni u disseminazzjoni ta' statistika komparabbli dwar l-enerġija fil-Komunità.

[1] ĠU C 317 E, 23.12.2006, p. 876.
[2] ĠU L 52, 22.2.1997, p. 1.
[3] ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.
[4] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għad-data statistika li tikkonċerna l-prodotti ta' l-enerġija u l-aggregati tagħhom fil-Komunità.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "statistika Komunitarja" tfisser l-istatistiċi tal-Komunità kif definiti fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 322/97;

(b) "produzzjoni ta' l-istatistika" tfisser il-produzzjoni ta' statistiċi kif definita fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 322/97;

(ċ) "il-Kummissjoni (l-Eurostat)" tfisser l-awtorità tal-Komunità kif definita fir-raba' inċiż ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 322/97;

(d) "prodotti ta' l-enerġija" tfisser il-kombustibbli, is-sħana, l-enerġija rinnovabbli, l-elettriku, jew kwalunkwe forma oħra ta' enerġija;

(e) "aggregati" tfisser data li ġiet aggregata fil-livell nazzjonali dwar it-trattament jew l-użu ta' prodotti ta' l-enerġija, jiġifieri l-produzzjoni, il-kummerċ, l-istokks, it-trasformazzjoni, il-konsum u l-karatteristiċi strutturali tas-sistema ta' l-enerġija bħal kapaċitajiet installati għall-ġenerazzjoni ta' l-elettriku jew il-kapaċitajiet tal-produzzjoni għall-prodotti taż-żejt;

(f) "kwalità tad-data" tfisser l-aspetti segwenti tal-kwalità statistika: ir-rilevanza, il-preċiżjoni, it-tempestività u l-puntwalità, l-aċċessibbiltà u ċ-ċarezza, il-komparabbiltà, il-koerenza u l-kompletezza.

*Artikolu 3*

**Is-sorsi tad-data**

1. Waqt li japplikaw il-prinċipji taż-żamma ta' tnaqqis tal-piż fuq dawk li jwieġbu u tas-simplifikazzjoni amministrattiva, l-Istati Membri għandhom jikkompilaw id-data li tikkonċerna l-prodotti ta' l-enerġija u l-aggregati tagħhom fil-Komunità mis-sorsi li ġejjin:

(a) surveys statistiċi speċifiċi indirizzati lill-produtturi u kummerċjanti, lid-distributuri u trasportaturi ta' l-enerġija primarja u ta' l-enerġija trasformata, lill-importaturi u esportaturi tal-prodott ta' l-enerġija;

(b) surveys statistiċi oħra indirizzati lill-utenti ta' l-enerġija finali fis-setturi ta' l-industrija tal-manifattura, tat-trasport, u f'setturi oħra li jinkludu d-djar;

(ċ) proċeduri ta' stima statistika oħra jew sorsi oħra, inklużi sorsi amministrattivi, bħal regolaturi tas-swieq ta' l-elettriku u tal-gass.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dettaljati li jikkonċernaw ir-rappurtaġġ tad-data meħtieġa għall-istatistika nazzjonali kif speċifikat fl-Artikolu 4 minn intrapriżi u sorsi oħra.

3. Il-lista ta' sorsi ta' *data* tista' tiġi modifikata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(2).

*Artikolu 4*

**L-aggregati, il-prodotti ta' l-enerġija u l-frekwenza tat-trażmissjoni ta' l-istatistika nazzjonali**

1. L-istatistika nazzjonali li għandha tiġi rappurtata għandha tkun kif stabbilit fl-Annessi. Għandha tiġi trażmessa bil-frekwenzi li ġejjin:

(a) annwali, għall-istatistika dwar l-enerġija fl-Anness B;

(b) kull xahar, għall-istatistika dwar l-enerġija fl-Anness C;

(ċ) kull xahar tul medda qasira ta' żmien, għall-istatistika dwar l-enerġija fl-Anness D.

2. Il-kjarifikazzjonijiet jew id-definizzjonijiet applikabbli għat-termini tekniċi jinsabu fl-Annessi individwali u anke fl-Anness A (Kjarifikazzjonijiet tat-Terminoloġija).

3. Id-data li għandha tiġi trażmessa u l-kjarifikazzjonijiet u d-definizzjonijiet applikabbli jistgħu jiġu modifikati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(2).

*Artikolu 5*

**Trażmissjoni u disseminazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni (lill-Eurostat) l-istatistika nazzjonali msemmija fl-Artikolu 4.

2. L-arranġamenti għat-trażmissjoni tagħhom, inklużi l-limiti ta' żmien, id-derogi u l-eżenzjonijiet minnhom li jkunu applikabbli, għandhom ikunu skond kif stabbilit fl-Annessi.

3. L-arranġamenti għat-trażmissjoni ta' l-istatistika nazzjonali tista' tiġi modifikata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(2).

4. Fuq it-talba debitament ġustifikata ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tagħti eżenzjonijiet jew derogi addizzjonali konformement mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 11(3), għal dawk il-partijiet ta' l-istatistika nazzjonali li l-ġbir tagħhom għandu jwassal għal piż eċċessiv fuq dawk li jwieġbu.

5. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tiddissemina statistika annwali dwar l-enerġija sal-31 ta' Jannar tat-tieni sena wara l-perijodu rrappurtat.

*Artikolu 6*

**Valutazzjoni tal-kwalità u rapporti**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kwalità tad-data trażmessa.

2. Għandu jsir kull sforz raġonevoli sabiex tkun żgurata koerenza bejn id-data dwar l-enerġija ddikjarata skond l-Anness B u d-data ddikjarata skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2005/166/KE ta' l-10 ta' Frar 2005 li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna mekkaniżmu għall-monitoraġġ ta' l-emissjonijiet Komunitarji tal-gassijiet serra u sabiex jiġi implimentat il-Protokoll ta' Kyoto ([1]).

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-dimensjonijiet segwenti ta' valutazzjoni ta' kwalità għandhom japplikaw għad-data li għandha tiġi trażmessa:

(a) "rilevanza" tirriferi għall-grad sa fejn l-istatistika tissodisfa ħtiġijiet attwali u potenzjali ta' l-utenti;

(b) "preċiżjoni" tirriferi għall-viċinanza ta' l-estimi għall-valuri reali mhux magħrufa;

(ċ) "tempestività" tirriferi għall-perijodu ta' żmien bejn id-disponibbiltà ta' l-informazzjoni u l-avveniment jew fenomenu li hija tiddeskrivi;

(d) "puntwalità" tirriferi għall-perijodu ta' żmien bejn id-data tar-rilaxx tad-data u d-data mmirata meta hija kellha tkun provduta;

(e) "aċċessibbiltà" u "ċarezza" jirriferu għall-kundizzjonijiet u modalitajiet li bihom l-utenti jistgħu jakkwistaw, jużaw u jinterpretaw data;

(f) "komparabbiltà" tirriferi għall-kejl ta' l-impatt ta' differenzi f'kunċetti applikati ta' statistika u strumenti u proċeduri ta' kejl meta l-istatistika tiġi mqabbla bejn zoni ġeografiċi, oqsma settorali jew fuq medda ta' żmien;

(g) "koerenza" tirriferi għall-adegwatezza tad-data sabiex din tiġi affidabbilment kombinata b'modi differenti u għal użi varji.

4. Kull ħames snin, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) b'rapport dwar il-kwalità tad-data trażmessa kif ukoll dwar kwalunkwe tibdil metodoloġiku li jkun sar.

5. Fi żmien sitt xhur mir-riċezzjoni ta' talba mill-Kummissjoni (Eurostat), u sabiex jippermettulha tivvaluta l-kwalità tad-data trażmessa, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni (Eurostat) rapport li jinkludi kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tikkonċerna l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 7*

**Referenza ta' żmien u frekwenza**

L-Istati Membri għandhom jikkompilaw id-data kollha speċifikata f'dan ir-Regolament mill-bidu tas-sena kalendarja wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, u għandhom jittrażmettuha minn dakinhar 'il quddiem bil-frekwenzi stabbiliti fl-Artikolu 4(1).

*Artikolu 8*

**Statistika nukleari annwali**

Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha, b'koperazzjoni mas-settur ta' l-enerġija nukleari fl-UE, tiddefinixxi sett ta' statistika nukleari annwali li għandu jiġi rappurtat u disseminat mill-2009 'il quddiem, b'dik is-sena bħala l-ewwel perijodu rappurtat, mingħajr preġudizzju għall-kunfidenzjalità, fejn din tkun meħtieġa, u bil-preklużjoni tad-duplikazzjoni tal-ġbir tad-data, u fl-istess waqt bl-ispejjeż ta' produzzjoni miżmuma baxxi u bil-piż tar-rappurtar miżmum raġonevoli.

Is-sett ta' statistika nukleari annwali għandu jiġi stabbilit u jista' jiġi modifikat skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(2).

*Artikolu 9*

**Statistika dwar l-enerġija rinnovabbli u statistika dwar il-konsum finali ta' l-enerġija**

1. Bil-ħsieb li tiġi mtejba l-kwalità ta' l-istatistika dwar l-enerġija rinnovabbli u dwar il-konsum ta' enerġija finali, il-Kummissjoni (Eurostat), b'kollaborazzjoni ma' l-Istati Membri, għandha tiżgura li din l-istatistika tkun komparabbli, trasparenti, dettaljata u flessibbli billi:

(a) tirrivedi l-metodoloġija użata sabiex tiġi ġenerata statistika dwar l-enerġija rinnovabbli sabiex kull sena, u b'mod effettiv għall-nfiq li jsir, tkun disponibbli statistika addizzjonali, pertinenti u dettaljata dwar kull sors ta' enerġija rinnovabbli. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tippreżenta u tiddissemina l-istatistika ġġenerata mill-2010 (is-sena ta' referenza) 'l quddiem;

(b) tirrivedi u tiddetermina l-metodoloġija użata fil-livell nazzjonali u fil-livell Komunitarju sabiex tiġġenera statistika dwar il-konsum finali ta' l-enerġija (sorsi, fatturi varjabbli, kwalita, spejjeż) ibbażata fuq il-pożizzjoni attwali, studji eżistenti u studji pilota ta' fattibbilta, kif ukoll fuq analiżi li għad iridu jsiru tal-benefiċċji għall-ispejjeż li jsiru; u tevalwa l-konklużjonijiet ta' l-istudji pilota u ta' l-analiżi tal-benefiċċji għall-ispejjeż li jsiru bil-ħsieb li jiġu stabbiliti kriterji diviżjonali (breakdown keys) għall-enerġiji finali skond is-settur u l-użi prinċipali ta' l-enerġija u li gradwalment jiġu integrati l-elementi li jirriżultaw fl-istatistika mill-2012 (is-sena ta' referenza) 'l quddiem.

2. Is-sett ta' statistika dwar l-enerġija rinnovabbli jista' jiġi modifikat skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(2).

3. Is-sett ta' statistika finali ta' enerġija rinnovabbli għandu jiġi stabbilit u jista' jiġi modifikat skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(2).

([1]) ĠU L 55, 1.3.2005, p. 57.

*Artikolu 10*

**Miżuri implimentattivi**

1. Il-miżuri segwenti meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li ġejjin, li huma mfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenżjali ta' dan ir-Regolament, *inter alia* billi jissuplimentawh, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(2):

(a) modifikazzjonijiet tal-lista tas-sorsi tad-data (Artikolu 3(3));

(b) modifikazzjonijiet lill-istatistika nazzjonali u lill-kjarifikazzjonijiet jew definizzjonijiet applikabbli (Artikolu 4(3));

(ċ) modifikazzjonijiet ta' l-arranġamenti ta' trażmissjoni (Artikolu 5(3));

(d) l-istabbiliment u modifikazzjonijiet ta' l-istatistika nukleari annwali (Artikolu 8(2));

(e) modifikazzjonijiet ta' l-istatistika dwar enerġija rinnovabbli (Artikolu 9(2));

(f) l-istabbiliment u modifikazzjonijiet ta' statistika dwar il-konsum finali ta' l-enerġija (Artikolu 9(3)).

2. L-eżenżjonijiet jew derogi addizzjonali (Artikolu 5(4)) għandhom jingħataw skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(3).

3. Għandha tingħata konsiderazzjoni lill-prinċipju li l-ispejjeż addizzjonali u l-piż tar- rappurtar jibqgħu suġġetti għal limitu raġonevoli.

*Artikolu 11*

**Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat għall-Programmi Statistiċi.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandom japplikaw l-Artikolu 5a (1) u (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu previst fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

*Artikolu 12*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, 22 ta' Ottubru 2008.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | J.-P. JOUYET |

*ANNESS A*

**KJARIFIKAZZJONIJIET TAT-TERMINOLOĠIJA**

Dan l-Anness jipprovdi spjegazzjonijiet jew definizzjonijiet tat-termini li jintużaw fl-Annessi l-oħra.

1. NOTI ĠEOGRAFIĊI

Għal finijiet ta' rappurtaġġ biss, japplikaw id-definizzjonijiet ġeografiċi li ġejjin.

— L-Awstralja teskludi lit-territorji lil hinn mix-xtut tagħha.

— Id-Danimarka teskludi lill-Gżejjer Faroe u lil Greenland.

— Franza tinkludi lil Monako u teskludi lit-territorji Franċiżi lil hinn mix-xtut tagħha il-Gwadelup, il-Martinique, il-Gujana, Reunion, St.-Pierre u Miquelon, in-New Caledonia, il-Polineżja Franċiża, Wallis u Futuna, Mayotte.

— L-Italja tinkludi lil San Marino u lill-Vatikan.

— Il-Ġappun jinkludi lil Okinawa.

— L-Olanda teskludi lis-Surinam u lill-Antilles Olandiżi.

— Il-Portugall jinkludi lill-Açores u lill-Madejra.

— Spanja tinkludi lill-Gżejjer Kanarji, il-Gżejjed Baleariċi, u Ceuta u Melilla.

— L-Iżvizzera ma tinkludix lil-Liechtenstein.

— L-Istati Uniti jinkludu lill-50 Stat, lid-Distrett ta' Columbia, lill-Gżejjer Virgin ta' l-Istati Uniti, lill-Puerto Rico u lill-Gwam.

2. L-AGGREGATI

Il-produtturi jiġu kklassifikati skond il-fini tal-produzzjoni:

— Produttur ta' l-Attività Ewlenija: intrapriżi, kemm proprjetà privata kif ukoll proprjetà pubblika, li jiġġeneraw elettriku u/jew sħana għal bejgħ lil partijiet terzi, bħala l-attività ewlenija tagħhom.

— Awtoprodutturi: intrapriżi, kemm proprjetà privata kif ukoll proprjetà pubblika, li jiġġeneraw elettriku u/jew sħana b'mod sħiħ jew b'mod parzjali għall-użu tagħhom stess bħala attività li tappoġġja l-attività primarja tagħhom.

Nota: il-Kummissjoni tista' tiċċara t-terminoloġija b'mod ulterjuri billi żżid referenzi tan-NACE rilevanti skond il-proċedura regulatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(2) wara li reviżjoni tal-klassifikazzjoni tan-NACE tkun daħlet fis-seħħ.

2.1. **Is-Setturi tal-Provvista u tat-Trasformazzjoni**

Il-Produzzjoni/Produzzjoni Indiġena

Il-kwantitajiet ta' karburanti estratti jew prodotti, kalkulati wara kwalunkwe operazzjoni għat-tneħħija ta' materja inerti. Il-produzzjoni tinkludi l-kwantitajiet ikkunsmati mill-produttur fil-proċess ta'produzzjoni (eż. għat-tisħin jew għat-tħaddim ta' l-apparat u ta' l-awżiljarji) kif ukoll il-provvisti għal produtturi ta' l-enerġija oħra għat-trasformazzjoni jew għal użi oħra.

Il-mezzi indiġeni: il-produzzjoni mir-riżorsi fi ħdan l-Istat ikkonċernat.

L-Importazzjonijiet/Esportazzjonijiet

Għad-definizzjonijiet ġeografiċi ara t-taqsima "Noti Ġeografiċi".

Ħlief jekk tkun speċifikata xi ħaġa differenti, "importazzjonijiet" tirriferi għall-oriġini aħħarija (il-pajjiż fejn kien magħmul il-prodott ta' l-enerġija) għal użu fil-pajjiż u "esportazzjonijiet" għall-pajjiż aħħari tal-konsum tal-prodott ta' l-enerġija magħmul.

L-ammonti jitqiesu bħala importati jew esportati meta jkunu qasmu l-fruntieri politiċi tal-pajjiż, kemm jekk kien hemm awtorizzazzjoni doganali u kemm jekk le.

Fejn ma tista' tiġi rapportata l-ebda oriġini jew destinazzjoni tista' tintuża "Oħra".

Jistgħu jinqalgħu differenzi statistiċi jekk l-importazzjoni jew l-esportazzjoni totali biss tkun disponibbli fuq il-bażi t'aktar 'il fuq, filwaqt li l-analiżi ġeografika tkun ibbażata fuq survey, sors jew kunċett differenti. F'dan il-każ, id-differenzi għandhom ikunu inklużi taħt "Oħra".

---

Il-Bunkers Marittimi Internazzjonali

Il-kwantitajiet ta' karburanti konsenjati lil bastimenti jtajru liema bandiera jtajru li jintużaw f'navigazzjoni internazzjonali. In-navigazzjoni internazzjonali tista' ssir fuq il-baħar, fuq għadajjar interni, jew f'ilmijiet kostali. Jiġu esklużi:

— il-konsum minn bastimenti involuti f'navigazzjoni domestika. Il-qasma domestika/internazzjonali għandha tiġi ddeterminata fuq il-bażi tal-port tat-tluq u tal-port tal-wasla, u mhux skond il-bandiera jew in-nazzjonalità tal-bastiment.
— il-konsum minn bastimenti tas-sajd.
— il-konsum minn qawwiet militari.

---

Il-Bidliet fl-Istokk

Id-differenza bejn il-livell ta' l-istokk tal-ftuħ u l-livell ta' l-istokk ta' l-għeluq miżmum fit-territorju nazzjonali.

---

Il-Konsum Gross (kalkulat)

Il-valur kalkulat, definit bħala:

Il-produzzjoni indiġena + Minn sorsi oħra + L-Importazzjonijiet – L-Esportazzjonijiet – Il-Bunkers marittimi internazzjonali + Il-Bidliet fl-istokk.

---

Il-Konsum Gross (osservat)

Il-kwantità effettivament irreġistrata f'surveys tas-setturi ta' l-użu finali.

---

Id-Differenzi Statistiċi

Il-valur kalkulat, definit bħala:

Il-konsum gross kalkulat – il-konsum gross osservat.

Jindkludu l-bidliet fl-istokks tal-konsumaturi finali meta dawn ma jistgħux jiġu speċifikati bħala parti mill-"Bidliet fl-istokk".
Għandhom ikunu ddikjarati r-raġunijiet għal kwalunkwe differenza ewlenija.

---

L-Impjanti ta' l-Elettriku Produtturi ta' l-Attività Ewlenija

Il-kwantitajiet ta' karburant użati sabiex ikun prodott l-elettriku.

Il-karburanti użati mill-impjanti li fihom mill-inqas unità tas-CHP waħda li għandhom jiġu rapportati taħt l-Impjanti tas-CHP Produtturi ta' l-Attività Ewlenija.

---

L-Impjanti tas-Sħana u ta' l-Enerġija Kkombinati (CHP) Produtturi ta' l-Attività Ewlenija

Il-kwantitajiet tal-karburanti użati sabiex ikunu prodotti l-elettriku u s-sħana.

---

L-Impjanti tas-Sħana Produtturi ta' l-Attività Ewlenija

Il-kwantitajiet tal-karburanti użati sabiex tkun prodotta s-sħana.

---

L-Impjanti ta' l-Elettriku Awtoprodutturi

Il-kwantitajiet tal-karburanti użati sabiex ikun prodott l-elettriku.

Il-karburanti użati fl-impjanti li fihom mill-inqas unità tas-CHP waħda għandhom jiġu rapportati taħt l-Impjanti tas-CHP Awtoprodutturi.

---

L-Impjanti tas-Sħana u ta' l-Enerġija Kkombinati (CHP) Awtoprodutturi

Il-kwantitajiet ta' karburanti li jikkorrispondu għall-kwantità ta' l-eletttriku prodott u tas-sħana mibjugħa.

L-Impjanti tas-Sħana Awtoprodutturi

Il-kwantitajiet tal-karburanti li jikkorrispondu għall-kwantità ta' sħana mibjugħa.

L-Impjanti tal-Karburanti bi Privattiva

Il-kwantitajiet użati sabiex jiġu prodotti l-karburanti.

Il-kwantitajiet użati għat-tisħin u għat-tħaddim ta' l-apparat m'għandhomx ikunu ddikjarati hawnhekk, imma għandhom ikunu ddikjarati bħala konsum fis-settur ta' l-Enerġija.

L-ifran tal-Kokk

Il-kwantitajiet użati fl-ifran tal-kokk.

Il-kwanitatijiet użati għat-tisħin u għat-tħaddim ta' l-apparat m'għandhomx ikunu ddikjarati hawnhekk, imma għandhom ikunu ddikjarati bħala konsum fis-settur ta' l-Enerġija.

L-impjanti tal-BKB/PB

Il-kwanitajiet ta' linjite jew ta' faħam kannella użati sabiex ikunu prodotti maltunelli tal-faħam kannella (BKB) jew tal-pit sabiex ikunu prodotti maltunelli tal-pit (PB).

Il-kwantitajiet użati għat-tisħin u għat-tħaddim ta' l-apparat m'għandhomx ikunu ddikjarati hawnhekk, imma għandhom ikunu ddikjarata bħala konsum fis-settur ta' l-Enerġija.

Impjanti tal-manifattura tal-gass

Il-kwantitajiet użati sabiex ikun prodott il-gass f'impjanti tal-manifattura tal-gass u f'impjanti għall-gassifikazzjoni tal-faħam.

Il-kwantitajiet użati bħala karburant għat-tisħin u għat-tħaddim ta' l-apparat m'għandhomx ikunu inklużi hawnhekk, imma għandhom ikunu ddikjarati bħala konsum fis-settur ta' l-Enerġija.

Il-kalkara tal-funderija

Il-kwantitajiet ta' faħam għall-kokk u/jew faħam bituminuż (ġeneralment imsejjaħ PCI) u kokk ta' l-ifran ittrasformat fil-kalkari tal-funderija.

Il-kwantitajiet użati bħal karburant għat-tisħin u għat-tħaddim tal-kalkari tal-funderija (eż.: il-gass tal-kalkari tal-funderija) m'għandhomx ikunu inklużi hawnhekk, imma għandhom jiġu ddikjarati bħala konsum fis-settur ta' l-Enerġija.

Il-Likwefazzjoni tal-Faħam

Il-kwantitajiet ta' karburant użati sabiex ikun prodott żejt sintetiku.

Ir-raffineriji tal-pitrolju:

Il-kwantitajiet użati sabiex ikunu magħmula l-prodotti tal-pitrolju.

Il-kwantitajiet użati bħala karburant għat-tisħin u għat-tħaddim ta' l-apparat m'għandhomx ikunu ddikjarati hawnhekk, imma għandhom ikunu ddikjarati bħala konsum fis-settur ta' l-Enerġija.

Mhux Speċifikat Band'Oħra – it-Trasformazzjoni

Il-kwantitajiet użati għal attivitajiet ta' trasformazzjoni li mhumiex inklużi band'oħra. Jekk użati, dak li jiġi inkluż taħt din l-intestatura għandu jiġi spjegat fir-rapport.

## 2.2. Is-Settur ta' l-Enerġija u l-Konsum Finali

Is-Settur ta' l-Enerġija Totali

Il-kwantitajiet konsumati mill-industrija ta' l-enerġija sabiex ikunu appoġġjati l-operazzjonijiet ta' estrazzjoni (tħaffir fil-minjieri, produzzjoni taż-żejt u tal-gass) jew ta' l-impjanti ta' l-attivitajiet ta' trasformazzjoni.

Jeskludi l-kwantitajiet ta' karburanti ittrasformati f'forma ta' enerġija oħra (li għandha tiġi rapportata taħt is-settur tat-Trasformazzjoni) jew użati b'appoġġ għat-tħaddim tal-katusi taż-żejt, tal-gass u tas-*slurry* tal-faħam (li għandu jiġi rrapporat fis-Settur tat-Trasport).

Jinkludi l-manifattura ta' materjali kimiċi għall-fissjoni u għall-fużjoni atomika u l-prodotti ta' dawn il-proċessi.

L-Impjanti ta' l-Elettriku, tas-CHP u tas-Sħana

Il-kwantitajiet konsumati bħala enerġija fl-impjanti ta' l-elettriku, fl-impjanti tas-sħana u ta' l-enerġija Kkombinati (CHP) u fl-impjanti tas-sħana.

Il-Minjieri tal-Faħam

Il-kwantitajiet konsumati bħala enerġija sabiex ikunu appoġġjati l-estrazzjoni u l-preparazzjoni tal-faħam fi ħdan l-industrija tat-tħaffir fil-minjieri għall-faħam.

Il-faħam maħruq f'impjanti ta' l-enerġija fid-dħul għal minjiera tal-faħam għandu jiġi rapportat fis-Settur tat-Trasformazzjoni.

L-impjanti tal-karburanti bi privattiva

Il-kwantitajiet konsumati bħala enerġija fl-impjanti tal-karburanti bi privattiva.

L-ifran tal-Kokk

Il-kwantitajiet konsumati bħala enerġija fl-impjanti għall-kokk.

L-impjanti tal-BKB/PB

Il-kwantitajiet użati bħala enerġija fl-impjanti tal-BKP/PB.

| | |
|---|---|
| L-Impjanti tal-Manifattura tal-Gass/ix-xogħlijiet tal-gassifikazzjoni<br>Il-kwantitajiet konsumati bħala enerġija f'impjanti tal-manifattura tal-gass u fl-impjanti tal-gassifikazzjoni tal-faħam. | |
| Il-Kalkari tal-Funderiji<br>Il-kwantitajiet konsumati bħala enerġija fil-kalkari tal-funderiji. | |
| Il-Likwefazzjoni tal-Faħam<br>Il-kwantitajiet konsumati bħala enerġija fl-impjanti tal-likwefazzjoni tal-faħam. | |
| Ir-Raffineriji tal-Pitrolju<br>Il-kwantitajiet konsumati bħala enerġija fir-raffineriji tal-pitrolju. | |
| L-estrazzjoni taż-Żejt u tal-Gass<br>Il-kwantitajiet konsumati bħala karburant fil-proċess ta' l-estrazzjoni taż-żejt u tal-gass u fl-impjanti ta' l-ipproċessar tal-gass naturali.<br>Teskludi t-telf mill-katusi (li għandu jiġi rapportat bħala telf mid-distribuzzjoni) u l-kwantitajiet ta' l-enerġija użata sabiex jitħaddmu l-katusi (li għandhom jiġu rapportati fis-settur tat-Trasport). | |
| Il-Konsum Finali Totali<br>Definit (kalkulat) bħala:<br>= L-użu totali mhux ta' l-enerġija + Il-Konsum Finali ta' l-Enerġija (l-Industrija + it-Trasport + Setturi oħra)<br>Jeskludi konsenji għat-trasformazzjoni, l-użu mill-industriji li jipproduċu l-enerġija, u t-telf mid-distribuzzjoni. | |
| L-Użu Mhux ta' l-Enerġija<br>Il-prodotti ta' l-enerġija użati bħala materja prima fis-setturi differenti; jiġifieri, mhux konsumati bħala karburant jew ittrasformati fi karburant ieħor. | |

2.3. **L-Ispeċifikazzjoni ta' l-użu finali ta' l-Enerġija**

| | |
|---|---|
| Il-Konsum Finali ta' l-Enerġija<br>Il-konsum totali ta' l-enerġija fl-industrija, fit-trasport u f'setturi oħra. | |
| Is-Settur ta' l-Industrija<br>Dan jirriferi għall-kwantitajiet ta' karburant konsumati mill-intrapriża industrijali b'appoġġ għall-attivitajiet primarji tagħha.<br>Għall-impanti tas-sħana biss jew għall-impjanti tas-CHP, japplikaw biss kwantitajiet ta' karburanti konsumati għall-produzzjoni tas-sħana użata mill-impjant innifsu. Il-kwantitajiet ta' karburanti konsumati għall-produzzjoni tas-sħana li ġiet mibjugħa, u għall-produzzjoni ta' l-elettriku, għandhom jiġu rapportati taħt is-settur tat-Trasformazzjoni xieraq. | |
| Il-Ħadid u l-Azzar | |
| Il-Kimiku (inkluż il-Petrokimiku)<br>L-industriji kimiċi u petrokimiċi. | |
| Il-Metalli li Ma Fihomx Ħadid<br>L-industriji tal-metall li fihomx ħadid. | |
| Il-Minerali li Mhumiex Metalliċi<br>Il-ħġieġ, iċ-ċeramika, is-siment u materjali ta' l-industriji tal-bini oħra. | |
| L-Apparat tat-Trasport<br>L-industriji relatati għall-apparat li jintuża għat-trasport. | |
| Il-Makkinarju<br>Il-prodotti tal-metall iffabbrikati, il-makkinarju u l-apparat li mhux apparat tat-trasport. | |
| It-Tħaffir fil-Minjieri u t-Tħaffir fil-Barrieri<br>Jeskludu l-industriji li jipproduċu l-enerġija. | |
| L-Ikel, ix-Xorb u t-Tabakk | |
| Il-Polpa, il-Karti u l-Istampar<br>Jinkludu l-produzzjoni ta' medja rrekordjati. | |
| L-Injam u l-Prodotti ta' l-Injam (għajr għall-polpa u għall-karti) | |
| Il-Kostruzzjoni | |
| It-Tessuti u l-Ġilda | |

Mhux Speċifikat Band'Oħra – l-Industrija

Il-konsum f'setturi li mhumiex koperti aktar 'il fuq.

Is-Settur tat-Trasport

L-enerġija użata fl-attivitajiet tat-trasport kollha irrispettivament mis-settur ekonomiku fejn isseħħ l-attività.

Is-Settur tat-Trasport – Il-Ferrovija

Il-konsum kollha għall-użu fit-traffiku tal-ferrovija, inklużi l-ferroviji industrijali.

Is-Settur tat-Trasport – In-Navigazzjoni Domestika

Il-kwantitajiet konsenjati lil bastimenti jtajru liema bandiera jtajru li mhumiex involuti f'navigazzjoni internazzjonali (ara l-Bunkers marittimi internazzjonali). Il-qasma domestiku/internazzjonali għandha tkun iddeterminata fuq il-bażi tal-port tat-tluq u tal-port tal-wasla u mhux skond il-bandiera jew in-nazzjonalità tal-bastiment.

Is-Settur tat-Trasport – It-Triq

Il-kwantitajiet użati f'vetturi tat-triq.

Jinkludi karburant użat minn vetturi agrikoli fuq l-awtostradi u l-lubrikanti għall-użu f'vetturi tat-triq.

Jeskludi l-enerġija użata f'magni li ma jiċċaqilqux (ara s-settur Oħra), għal użu mhux fl-awtostradi fi trakters (ara l-Agrikoltura), għal użu militari f'vetturi tat-triq (ara s-settur Oħra – Mhux Speċifikat Band'Oħra), għall-bitum użat fil-kisi tat-toroq u għall-enerġija użata f'magni f'siti ta' kostruzzjoni (ara s-subsettur ta' l-Industrija, il-Kostruzzjoni).

Is-Settur tat-Trasport – It-Trasport bil-Katusi

Il-kwantitajiet użati bħala enerġija fl-appoġġ u fit-tħaddim tal-katusi li jittrasportaw gassijiet, likwidi, *slurries* u komoditajiet oħra.

Jinkludi l-enerġija użata għall-istazzjonijiet tal-petrol u għall-manutenzjoni tal-katusi.

Jeskludi l-enerġija użata għad-distribuzzjoni permezz tal-katusi ta' gass naturali jew gass manifatturat, l-ilma sħun jew l-istim mid-distributur għall-utenti finali (li għandu jiġi rapportat fis-settur ta' l-Enerġija), l-enerġija użata għad-distribuzzjoni finali ta' l-ilma lill-utenti fid-djar, lill-utenti industrijali, lill-utenti kummerċjali u lil utenti oħra (li għandhom jiġu inklużi fis-Servizzi Kummerċjali u Pubbliċi) u t-telf li jiġri waqt dan it-trasport bejn id-distributur u l-utenti finali (li għandu jiġi rapportat bħala telf mid-Distribuzzjoni).

Is-Settur tat-Trasport – L-Avjazzjoni Internazzjonali

Il-kwantitajiet ta' karburanti għall-avjazzjoni konsenjati lill-inġenji ta' l-ajru għall-avjazzjoni internazzjonali. Il-qasma domestiku/internazzjonali għandha tkun iddeterminata fuq il-bażi ta' minn fejn isir it-tluq u fejn isir l-illandjar u mhux skond in-nazzjonalità tal-linja ta' l-ajru.

Teskludi l-karburanti użati mil-linji ta' l-ajru għall-vetturi tat-triq tagħhom (li għandhom jiġu rapportati fis-settur tat-Trasport – Mhux Speċifikat Band'Oħra) u għall-użu militari tal-karburanti għall-avjazzjoni (li għandu jiġi rrapporat fis-setturi Oħra – Mhux Speċifikat Band'Oħra).

Is-Settur tat-Trasport – L-Avjazzjoni Domestika

Il-kwantitajiet ta' karburanti għall-avjazzjoni konsenjati lill-inġenji ta' l-ajru għall-avjazzjoni domestika – kummerċjali, privata, agrikola, eċċ.

Tinkludi l-karburant użat għal finijiet li mhumiex ta' titjiriet, eż. l-ittestjar ta' qabel il-produzzjoni tal-magni. Il-qasma domestiku/internazzjonali għandha tkun iddeterminata fuq il-bażi ta' minn fejn isir it-tluq u fejn isir l-illandjar u mhux skond in-nazzjonalità tal-linja ta' l-ajru.

Teskludi l-karburanti użati mil-linji ta' l-ajru għall-vetturi tat-triq tagħhom (li għandhom jiġu rrapporati fis-settur tat-Trasport – Mhux Speċifikat Band'Oħra) u għall-użu militari tal-karburanti għall-avjazzjoni (li għandu jiġi rrapporat fis-setturi Oħra – Mhux Speċfikat Band'Oħra).

It-Trasport tas-Settur – Mhux Speċifikat Band'Oħra

Il-kwantitajiet użati għal attivitajiet ta' trasport mhux inklużi band'oħra.

Jinkludi l-karburanti użati mil-linji ta' l-ajru għall-vetturi tat-triq tagħhom u l-karburanti użati fil-portijiet għat-tagħmir li jħott it-tagħbiji mill-bastimenti, għal diversi tipi ta' krejnijiet.

Għandu jkun iddikjarat dak li huwa inkluż taħt din l-intestatura.

Setturi Oħra

Is-setturi li ma jissemmewx b'mod speċifiku jew li ma jappartjenux għall-enerġija, għall-industrija jew għat-trasport.

Setturi Oħra – Is-Servizzi Kummerċjali u Pubbliċi

Il-karburanti konsumati min-negozju u mill-uffiċċji fis-setturi pubbliċi u privati.

Setturi Oħra – Residenzjali

Għandhom jiġu ddikjarati l-karburanti konsumati mid-djar kollha inklużi "id-djar b'persuni impjegati".

Setturi Oħra – L-Agrikoltura/il-Foresterija

Il-karburanti konsumati mill-utenti kklassifikati bħala agrikoltura, kaċċa u foresterija.

Setturi Oħra – Is-Sajd

Il-karburanti konsenjati għal sajd intern, kostali u fl-ibħra fondi. Is-sajd għandu jkopri l-karburanti konsenjati lill-bastimenti jtajru liema bandiera jtajru li ħadu l-karburant f'dak il-pajjiż (inkluż is-sajd internazzjonali) u l-enerġija użata fl-industrija tas-sajd.

Setturi Oħra – Mhux Speċifikat Band'Oħra

Dawn huma attivitajiet li mhumiex inklużi band'oħra. Din il-kategorija tinkludi l-użu militari tal-karburant għal konsum mobbli u li ma jiċċaqlaqx kollu (eż. bastimenti, inġenji ta' l-ajru, toroq u enerġija użata fl-imkejjen fejn jgħix l-istaff), irrispettivament minn jekk il-karburant konsenjat huwiex għall-militar ta' dak il-pajjiż jew għall-militar ta' pajjiż ieħor. Jekk jintuża, dak li jiġi inkluż taħt din l-intestatura għandu jiġi spjegat fir-rapport.

3. TERMINI OĦRA

Tapplika t-tifsira ta' l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin:

— TML: ċomb tetrametile

— TEL: ċomb tetraetile

— SBP: punt ta' tgħollija speċjali

— LPG: Gass tal-pitrolju likwifikat

— NGL: Likwidi tal-Gass Naturali

— LNG: Gas Naturali Likwifikat

— CNG: gass naturali kompressat

*ANNESS B*

**L-ISTATISTIKA ANNWALI DWAR L-ENERĠIJA**

Dan l-anness jiddeskrivi l-ambitu, l-unitajiet, il-perijodu rapportat, il-frekwenza, l-iskadenza u l-modalitajiet ta' trażmissjoni għall-ġbir annwali ta' l-istatistika dwar l-enerġija.

L-Anness A japplika għal spjegazzjonijiet tat-termini, li għalihom mhix provduta spjegazzjoni speċifika f'dan l-anness.

1. IL-KARBURANTI FOSSILI SOLIDI U L-GASSIJIET MANIFATURATI

1.1. **Il-prodotti ta' l-enerġija applikabbli**

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor din il-ġabra tad-data tapplika għall-prodotti ta' l-enerġija kollha li ġejjin:

| | Il-Prodott ta' l-Enerġija | Definizzjoni |
|---|---|---|
| 1 | L-Antraċite | Faħam ta' livell għoli użat għal applikazzjonijiet industrijali u residenzjali. Ġeneralment għandu inqas minn 10 % ta' materja volatili u kontenut għoli ta' karbonju (madwar 90 % ta' karbonju fiss). Il-valur kalorifiku gross tiegħu huwa akbar minn 23 865 kJ/kg (5 700 kcal/kg) fuq bażi ħielsa mill-irmied imma niedja. |
| 2 | Il-Faħam għall-Kokk | Faħam bituminuż bi kwalità li tippermetti l-produzzjoni ta' kokk adattat sabiex tkun appoġġjata ċarġ ta' kalkara tal-funderija. Il-valur kalorifiku gross huwa akbar minn 23 865 kJ/kg (5 700 kcal/kg) fuq bażi ħielsa mill-irmied imma niedja. |
| 3 | Faħam Bituminuż Ieħor (Faħam ta' l-Istim) | Faħam użat sabiex jiġi ġġenerat l-istim u li jinkludi l-faħam bituminuż kollu li mhux inkluż la taħt faħam għall-kokk u lanqas taħt l-antraċite. Huwa kkaraterizzat minn materja aktar volatili mill-antraċite (aktar minn 10 %) u inqas kontenut ta' karbonju (inqas minn 90 % ta' karbonju fiss). Il-valur kalorifiku gross tiegħu huwa akbar minn 23 865 kJ/kg (5 700 kcal/kg) fuq bażi ħielsa mill-irmied imma niedja. Jekk fl-ifran tal-kokk jintuża faħam bituminuż dan għandu jiġi rapportat bħala faħam għall-kokk. |
| 4 | Il-Faħam Sub-bitu-minuż | Jirriferi għal faħam li ma jagħqadx b'valur kalorifiku gross ta' bejn is-17 435 kJ/kg (4 165 kcal/kg) u t-23 865 kJ/kg (5 700 kcal/kg) li fih aktar minn 31 % ta' materja volatili fuq bażi ħielsa minn materja minerali xotta. |
| 5 | Il-Linjite/Faħam Kannella | Faħam li ma jagħqadx b'valur kalorifiku gross ta' inqas minn 17 435 kJ/kg (4 165 kcal/kg) u akbar minn 31 % ta' materja volatili fuq bażi ħielsa minn materja minerali xotta.<br>Ix-*shale* taż-żejt u r-ramliet tal-qatran prodotti u maħruqa direttament għandhom jiġu rapportati f'din il-kategorija. Ix-*shale* taż-żejt u r-ramliet tal-qatran użati bħala *inputs* għal proċessi ta' trasformazzjoni oħra għandhom ukoll jiġu rapportati f'din il-kategorija.<br>Dan jinkludi l-parti mix-*shale* taż-żejt jew mir-ramliet tal-qatran konsumata fil-proċess ta' trasformazzjoni. Ix-*shale* taż-żejt u l-prodotti l-oħra derivati minn likwefazzjoni għandhom jiġu rapportati fil-Kwestjonarju Annwali dwar iż-Żejt. |
| 6 | Il-Pit | Depożitu sedimentarju li jinħaraq, li huwa artab, poruż jew kompressat, li ġej mill-pjanti b'kontenut għoli ta' ilma (sa 90 % meta mhux ipproċessat), li jitqatta' malajr, b'kulur li jvarja mill-kannella ċar għall-kannella skur. Mhux inkluż il-pit użat għal finijiet mhux ta' enerġija.<br>Din id-definizzjoni hija bla ħsara la għad-definizzjoni tas-sorsi ta' l-enerġija rinnovabbli fid-Direttiva 2001/77/KE u lanqas għal-Linji Gwida ta' l-IPCC 2006 għall-Inventorji Nazzjonali dwar il-Gass b'Effett Serra. |
| 7 | Il-Karburant bi Pri-vattiva | Karburant kompost manifatturat minn trab fin tal-faħam iebes biż-żieda ta' aġent li jgħaqqad. L-ammont ta' karburant bi privattiva prodott, għalhekk, jistgħu jkunu xi ftit ogħla mill-ammont effettiv ta' faħam konsumat fil-proċess ta' trasformazzjoni. |
| 8 | Il-Kokk ta' l-Ifran tal-Kokk | Il-prodott solidu miksub mill-karbonizzazzjoni tal-faħam, prinċipalment tal-faħam għall-kokk, f'temperatura għolja, għandu livell baxx ta' rtuba u ta' materja volatili. Il-kokk ta' l-ifran tal-kokk jintuża prinċipalment fl-industrija tal-ħadid u ta' l-azzar fejn jagħmilha ta' sors ta' enerġija u ta' aġent kimiku. Ir-riħ tal-kokk u l-kokk tal-funderija huma inklużi f'din il-kategorija.<br>Is-semi-kokk (prodott solidu miksub mill-karbonizzazzjoni tal-faħam f'temperatura baxxa) għandu jiġi inkluż f'din il-kategorija. Is-semi-kokk jintuża bħala karburant domestiku jew mill-impjant tat-trasformazzjoni nnifsu. Din l-intestatura tinkludi wkoll il-kokk, ir-riħ tal-kokk u s-semi-kokk magħmul mil-linjite/mill-faħam kannella. |
| 9 | Il-Kokk f'forma ta' gass | Prodott sekondarju tal-faħam iebes użat għall-produzzjoni tal-gass ta' l-ibliet fL-impjanti tal-manifattura tal-gass. Il-Kokk f'forma ta' gass jintuża għal finijiet ta' tisħin. |

| Il-Prodott ta' l-Enerġija | | Definizzjoni |
|---|---|---|
| 10 | Il-Qatran tal-Faħam | Riżultat ta' distillazzjoni distruttiva tal-faħam bituminuż. Il-qatran tal-faħam huwa l-prodott sekondarju likwidu tad-distillazzjoni tal-faħam sabiex isir il-kokk fil-proċess ta' l-ifran tal-kokk jew jiġi prodott mill-faħam kanella ("qatran ta' temperatura baxxa".) Il-qatran tal-faħam jista' jkun distillat aktar fi prodotti organiċi differenti (eż. benzin, toluene, naftalina) li normalment għandhom jiġu rapportati bħala materja prima għall-industrija petrokimika. |
| 11 | Il-BKB (il-Maltunelli tal-Faħam Kannella) | Il-BKB huwa karburant kompost manifatturat mil-linjite/mill-faħam kanella, prodott billi jingħata l-forma ta' maltunelli taħt pressjoni għolja mingħajr iż-żieda ta' aġent li jgħaqqad. Dawn il-figuri jinkludu l-maltuntelli tal-pit, it-trab fin u t-trab tal-linjite niexef. |
| 12 | Il-Gass ta' l-Impjanti tal-Manifattura tal-Gass | Ikopri t-tipi kollha ta' gassijiet prodotti f'impjanti ta' utilità pubblika jew f'impjanti privati, li l-fini ewlieni tagħhom huwa l-manifattura, it-trasport u d-distribuzzjoni tal-gass. Jinkludi l-gass prodott bil-karbonizzazzjoni (inkluż il-gas prodott mill-ifran tal-kokk u trasferit lill-gass ta' l-impjanti tal-manifattura tal-gass), permezz tal-gassifikazzjoni totali bi jew mingħajr l-arrikkiment bi prodotti taż-żejt (l-LPG, iż-żejt tal-karburant residwali, eċċ.), u billi jiġu riformati u sempliċement imħallta l-gassijiet u/jew l-ajra, rapportat taħt il-linji "Minn Sorsi Oħra". Taħt is-settur tat-Trasformazzjoni identifika l-ammonti ta' gass ta' l-impjanti tal-manifattura tal-gass ittrasferiti lill-gass naturali mħallat li se jitqassam u se jkun konsumat permezz tal-gradilja tal-gass naturali.<br>Il-produzzjoni ta' gassijiet tal-faħam oħra (jiġifieri, il-gass ta' l-ifran tal-kokk, il-gass tal-kalkara tal-funderija u l-gass tal-forn ta' l-ossiġnu għall-azzar) għandha tiġi rapportata fil-kolonni li jikkonċernaw gassijiet ta' din ix-xorta, u mhux bħala produzzjoni ta' gass ta' l-impjanti tal-manifattura tal-gass. Il-gassijiet tal-faħam ittrasferiti lill-impjanti ta' l-impjanti tal-manifattura tal-gass imbagħad għandhom jiġu rapportati (fil-kolonna tagħhom stess) fis-settur tat-Trasformazzjoni fir-ringiela ta' l-impjanti tal-manifattura tal-gass. L-ammont totali ta' gass ta' l-impjanti tal-manifattura tal-gass li jirriżulta mit-trasferimenti ta' gassijiet tal-faħam oħra għandu jidher fil-linja tal-produzzjoni għall-gass ta' l-impjanti tal-manifattura tal-gass. |
| 13 | Il-Gass ta' l-Ifran tal-Kokk | Miksub bħala prodott sekondarju mill-manifattura tal-kokk ta' l-ifran tal-kokk għall-produzzjoni tal-ħadid u ta' l-azzar. |
| 14 | Il-Gass tal-Kalkari tal-Funderija | Prodott waqt il-ħruq tal-kokk f'kalkari tal-funderija fl-industrija tal-ħadid u ta' l-azzar. Jiġi rkuprat u użat bħala karburant parzjalment fi ħdan l-impjant u parzjalment fi proċessi oħra ta' l-industrija ta' l-azzar jew f'impjanti ta' l-enerġija mgħammra sabiex jaħarquh. Il-kwantità ta' karburant għandha tiġi rapportata fuq bażi ta' valur kalorifiku gross. |
| 15 | Il-Gass tal-Forn ta' l-Ossiġnu għall-Azzar | Prodott sekondarju tal-produzzjoni ta' l-azzar f'forn ta' l-ossiġnu, irkuprat malli jħalli l-forn. Il-gass huwa wkoll magħruf bħala gass konvertitur, gass LD jew gass BOS. |
| 16 | Il-Faħam Iebes | It-terminu "faħam iebes" jirriferi għal faħam b'valur kalorifiku gross akbar minn 23 865 kJ/kg (5 700 kcal/kg) fuq bażi ħielsa mill-irmied imma niedja u *b'reflectance* (il-proporzjon ta' l-intensità tar-radjazzjoni riflessa għal dak tar-radjazzjoni inċidenti għal superfiċi) medja bl-addoċċ tal-vitrinite ta' mill-inqas 0,6. Il-faħam iebes jinkludi l-prodotti ta' l-enerġija kollha minn 1 sa 3 flimkien (l-antraċite, il-Faħam għall-kokk, u Faħam Bituminuż iehor). |

1.2. **Lista ta' l-aggregati**

Għall-prodotti ta' l-enerġija kollha li ġew elenkati fil-paragrafu preċedenti għandha tiġi dikjarata l-lista ta' l-aggregati li ġejja, ħlief jekk ikun speċifikat mod iehor.

L-Anness A japplika għall-ispjegazzjonijiet tat-termini, li għalihom ma tiġix provduta spjegazzjoni f'dan l-anness.

1.2.1. *Is-Setturi tal-Provvista u tat-Trasformazzjoni*

| | |
|---|---|
| 1. | Il-Produzzjoni |
| 1.1 | li minnha: taħt l-art<br>Applikabbli biss għall-antraċite, għall-faħam għall-kokk, għal faħam bituminuż iehor, għal faħam sub-bituminuż u għal-linjite/għall-faħam kannella. |
| 4.1 | Li minnhom: Il-Bijokarburanti | Il-Bijogażolina u l-Bijodiżils. Japplikaw id-definizzjonijiet tal-Kapitolu 5, L-Enerġija Rinnovabbli u l-Enerġija mill-Iskart.<br>Il-kwantitajiet ta' bijokarburanti likwidi rapportati f'din il-kategorija jirrelataw mal-bijokarburant u mhux mal-volum totali tal-likwidi li fihom jiġu mħallta l-bijokarburanti.<br>Jeskludu l-kummerċ kollu tal-bijokarburanti li ma ġewx imħallta mal-karburanti tat-trasport (jiġifieri fil-forma pura tagħhom); dawn għandhom jiġu rapportati kif hemm fil-Kapitolu 5. Il-bijokarburanti ikkumerċjalizzati bħala parti mill-karburanti tat-trasport għandhom jiġu rapportati fil-prodott xieraq fejn jiġi indikat il-porzjon ta' bijokarburant. |
| 5 | Idrokarboni Oħra | Żejt mhux raffinat sintetiku minn ramliet tal-qatran, minn żejt li jittieħed mix-*shale* tal-bitum, eċċ., likwidi mil-likwefazzjoni tal-faħam (ara l-Kapitolu 1), il-produzzjoni ta' likwidi mill-konverżjoni tal-gass naturali f'gażolina (ara l-Kapitolu 2), l-idroġenu u ż-żjut emulsifikati (eż. l-*Orimulsion*).<br>Jeskludi l-produzzjoni tax-*shale* taż-żejt, li għaliha japplika l-Kapitolu 1.<br>Il-produzzjoni taż-żejt li jittieħed mix-*shale* tal-bitum (prodott sekondarju) għandha tiġi rapportata bħala "Minn sorsi oħra" fil-"kategrija Idrokarboni Oħra". |
| 6 | Il-Gass tar-Raffineriji (mhux likwifikat) | Il-gass tar-raffineriji jinkludi taħlita ta' gassijiet li mhumiex kondensibbli, li prinċipalment jikkonsisti mill-idroġenu, mill-metanu, mill-etanu u mill-olefini miksuba waqt id-distillazzjoni taż-żejt mhux raffinat jew it-trattament tal-prodotti taż-żejt (eż. *cracking*) fir-raffineriji. Dan jinkludi wkoll il-gassijiet li jiġu rritornati mill-industrija petrokimika. |
| 7 | L-Etanu | Idrokarbonu naturalment f'forma ta' gass b'katina dritta, ($C_2H_6$) estratt minn flussi ta' gass naturali u ta' gass tar-raffineriji. |
| 8 | L-LPG | L-LPG huma idrokarboni parafiniċi ħlief derivati mill-impjanti tal-proċessi tar-raffineriji, ta' l-istabilizzazzjoni taż-żejt mhux raffinat u ta' l-ipproċessar tal-gass naturali. Jikkonsistu prinċipalment mill-propan ($C_3H_8$) u mill-butan ($C_4H_{10}$) jew minn kombinazzjoni tat-tnejn. Jistgħu wkoll jinkludi l-propilene, il-butilene, l-isorpropilene u l-isobutilene. L-LPG normalment ikunu likwifikati taħt pressjoni għat-trasport u għall-ħażna. |

| Il-Prodott ta' l-Enerġija | Definizzjoni |
|---|---|
| 9 In-Nafta | In-nafta hija materja prima ddestinata jew għall-industrija petrokimika (eż. il-manifattura ta' l-etilene jew il-produzzjoni tas-sustanzi aromatiċi) jew għall-produzzjoni tal-gażolina bir-riforma jew bl-iżomerizzazzjoni fi ħdan ir-raffinerija.<br>In-nafta tinkludi l-materjal fil-medda tad-distillazzjoni ta' bejn it-30 °C u l-210 °C jew f'parti minn din il-medda. |
| 10 Il-Gażolina għall-Magni | Il-gażolina għall-magni tikkonsisti minn taħlita ta' idrokarboni ħfief li jiddistillaw bejn il-35 °C u l-215 °C. Tintuża bħala karburant għall-magni ta' l-*ispark ignition* ibbażati ma' l-art. Il-gażolina għall-magni tista' tinkludi addittivi, ossiġenati u aġenti li jtejbu l-ottanu, inklużi s-sustanzi taċ-ċomb bħat-TEL u t-TML.<br>Tinkludi l-komponenti tat-taħlit tal-gażolina għall-magni (esklużi l-addittivi/ossiġenati), eż. l-*alkylates*, il-gażolina iżomerata, riformata, *cracked* iddestinata sabiex tintuża bħala gażolina għall-magni rfinuta. |
| 10.1 Li minnha: Il-Bijoga-żolina | Japplikaw id-definizzjonijiet tal-Kapitolu 5, L-Enerġija Rinnovabbli u l-Enerġija mill-Iskart. |
| 11 Il-Gażolina għall-Avjazzjoni | Spirtu tal-magni ppreparat speċjalment għall-magni bil-pistuni ta' l-avjazzjoni, b'numru ta' ottanu adattat għall-magna, punt ta' l-iffriżar ta' - 60 °C u medda ta' distillazzjoni ġeneralment fi ħdan il-limiti ta' bejn it-30 °C u l-180 °C. |
| 12 Jet fuel tat-tip gażo-lina (jet fuel tat-tip nafta jew JP4) | Dan jinkludi ż-żjut idrokarboni ħfief sabiex jintużaw fl-unitajiet ta' l-enerġija tat-turbini ta' l-avjazzjoni, li jiddistillaw f'temperatura ta' bejn il-100 °C u l-250 °C. Jinkisbu billi jiġu mħallta l-pitrolji u l-gażolina jew in-nafti b'tali mod li l-kontenut aromatiku ma jeċċedix il-25 % f'volum, u l-pressjoni tal-gassijiet hija bejn it-13,7 kPa u l-20,6 kPa. |
| 13 Jet fuel tat-tip pitrolju | Distillat użat għall-unitajiet ta' l-enerġija tat-turbini ta' l-avjazzjoni. Għandu l-istess karatteristiċi tad-distillazzjoni f'temperatura ta' bejn il-150 °C u t-300 °C (ġeneral-ment mhux 'il fuq minn 250 °C) u t-temperatura li fiha l-fwar tal-pitrolju jista' jaqbad bħall-pitrolju. Barra minn hekk, għandu speċifikazzjonijiet partikolari (bħall-punt ta' l-iffriżar) li jiġu stabbiliti mill-Assoċċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (IATA).<br>Jinkudi l-komponenti tat-taħlit tal-pitrolju. |
| 14 Pitrolju Ieħor | Distillat tal-pitrolju rfinut użat f'setturi li mhumiex tat-trasport bl-inġenji ta' l-ajru. Jiddistilla bejn il-150 °C u t-300 °C. |
| 15 Iż-Żejt tal-Gass/tad-Diżil (iż-Żejt tal-Karburant Iddistillat) | Żejt tal-gass/tad-diżil huwa primarjament distillat medju li jiddistilla f'temperatura ta' bejn il-180 °C u t-380 °C. Jinkludi l-komponenti tat-taħlit. Huma disponibbli diversi gradi, jiddependi mill-użi: |
| 15.1 Li minnu: Id-Diżil tat-Trasport | Żejt tad-diżil għat-triq għall-*compression ignition* tad-diżil (karozzi, trakkijiet, eċċ.), ġeneralment b'kontenut baxx ta' kubrit; |
| 15.1.1 Mill-15.1, li minnu: Il-Bijodiżils | Japplikaw id-definizzjonijiet tal-Kapitolu 5, L-Enerġija Rinnovabli u l-Enerġija mill-Iskart. |
| 15.2 Li minnu: Iż-Żejt tal-Gass għat-Tisħin u Żejt tal-Gass ieħor | Żejt ħafif għat-tisħin għal użi industrijali u kummerċjali, id-diżil marittimu u d-diżil użat fit-traffiku tal-ferroviji, żejt tal-gass ieħor li jinkludi ż-żjut tal-gass tqal li jiddistillaw f'temperatura ta' bejn it-380 °C u l-540 °C u li jintużaw bħala materja prima petrokimika. |
| 16 Iż-Żejt tal-Karburant | Żjut tal-karburant (tqal) residwali kollha (inklużi dawk li jinkisbu bit-taħlit). Il-viskożità kinematika hija 'l fuq minn 10 cSt f'temperatura ta' 80 °C. It-temperatura li fiha l-fwar taż-żejt jista' jaqbad hija dejjem 'il fuq minn 50 °C u d-densità hija dejjem t'aktar minn 0,90 kg/l. |
| 16.1 Li minnu: Kontenut Baxx ta' Kubrit | Żejt tal-karburant tqil b'kontenut ta' kubrit aktar baxx minn 1 %. |
| 16.2 Li minnu: Kontenut Għoli ta' Kubrit | Żejt tal-karburant tqil b'kontenut ta' kubrit ta' 1 % jew ogħla. |

| Il-Prodott ta' l-Enerġija | | Definizzjoni |
|---|---|---|
| 17 | L-Ispirtu Abjad u l-SBP | Intermedji tad-distillat irfinut b'distillazzjoni fil-medda tan-nafta/tal-pitrolju. Huma suddiviżi bħala:<br>— Spirtu Industrijali (SBP): Żjut ħfief li jiddistillaw f'temperatura ta' bejn it-30 °C u l-200 °C. Hemm 7 jew 8 gradi ta' spirtu industrijali, jiddependi mill-pożizzjoni tal-qatgħa fil-medda tad-distillazjoni. Il-gradi jiġu definiti skond id-differenza fit-temperatura bejn punti tad-distillazzjoni ta' volum ta' 5 % u ta' volum ta' 90 % (li mhux aktar minn 60 °C).<br>— Spirtu Abjad: Spirtu industrijali fejn it-temperatura li fiha l-fwar taż-żejt jista' jaqbad hija ogħla mit-30 °C. Il-medda tad-distillazzjoni ta' l-ispirtu abjad hija bejn il-135 °C u l-200 °C. |
| 18 | Il-Lubrikanti | Idrokarboni prodotti mid-distillat skond il-prodott; jintużaw prinċipalment sabiex titnaqqas il-frizzjoni bejn is-superfiċji li jġorru l-piżijiet.<br>Jinkludu l-gradi rfinuti kollha taż-żejt ta' lubrikazzjoni, minn żejt tal-magħżel għal żejt taċ-ċilindri, u dawk kollha li jintużaw fil-griżijiet, fiż-żjut tal-magni u fil-gradi kollha ta' l-istokks ta' bażi taż-żejt ta' lubrikazzjoni. |
| 19 | Il-Bitum | Idrokarbonju solidu, semi-solidu jew viskuż bi strutturi kollojdali, li l-kulur tiegħu jvarja minn kannella sa iswed, miksub bħala residwu fid-distillazzjoni taż-żejt mhux raffinat, bid-distillazzjoni f'vakwu tar-residwi taż-żejt minn distillazzjoni atmosferika. Il-bitum ta' spiss jissejjaħ asfalt u primarjament jintuża għall-kostruzzjoni tat-toroq u għal materjal għas-soqfa.<br>Jinkludi l-bitum fluwidizzat u l-bitum ridott. |
| 20 | Ix-Xemgħat tal-Paraffin | Dawn huma idrokarboni alifatiċi saturati. Dawn ix-xemgħat huma residwi estratti billi titneħħa x-xemgħa miż-żjut ta' lubrikazzjoni. Għandhom struttura kristallina li hija ftit jew wisq fina skond il-grad. Il-karatteristiċi ewlenija tagħhom huma kif ġej: huma mingħajr kulur, mingħajr riħa u trasluċidi, b'punt ta' tidwib 'il fuq minn 45 °C. |
| 21 | Il-Kokk tal-Pitrolju | Prodott sekondarju iswed u solidu, miksub prinċipalment bil-*cracking* u bil-karbonizzazzjoni tal-materja prima derivata mill-pitrolju, mill-qigħan tal-vakwu, mill-qatran u miż-żiftijit fi proċessi bħala ikkokkjar imdewwem jew ikkokkjar fluwidu. Jikkonsisti prinċipalment mill-karbonju (90 sa 95 %) u għandu kontenut baxx ta' rmied. Jintuża bħala materja prima fl-ifran tal-kokk għall-industrija ta' l-azzar, għal finijiet ta' tisħin, għall-manifattura ta' l-elettrodi u għall-produzzjoni tal-kimiċi. Iż-żewġ karatteristiċi l-aktar importanti huma "il-kokk l-aħdar" u "l-kokk kalċinat".<br>Jinkludi "l-kokk katalista" iddepożitat fuq il-katalista matul il-proċessi ta' raffinar; dan il-kokk ma jistax jiġi rkuprat u ġeneralment jinħaraq bħala karburant tar-raffineriji. |
| 22 | Prodotti Oħra | Il-prodotti kollha li ma jissemmewx b'mod speċifiku aktar 'il fuq, pereżempju: il-qatran u l-kubrit.<br>Jinkludu s-sustanzi aromatiċi (eż. il-BTX jew il-benżin, it-*toulene* u l-*xylene*) u l-olefini (e.g. il-propilene) prodotti fi ħdan ir-raffineriji. |

## 4.2. Lista ta' l-aggregati

Għall-prodotti ta' l-enerġija kollha li ġew elenkati fil-paragrafu preċedenti għandha tiġi dikjarata l-lista ta' l-aggregati li ġejja, ħlief jekk ikun speċifikat mod ieħor.

### 4.2.1. *Is-Settur tal-Provvista u tat-Trasformazzjoni*

It-tabella li ġejja tapplika għaż-żejt mhux raffinat, għall-NGL, għall-materja prima tar-raffineriji, għall-addittivi, għall-bijokarburanti u għal idrokarboni oħra biss:

| | |
|---|---|
| 1. | Il-Produzzjoni Indiġena<br>Mhux applikabbli għall-materja prima tar-raffineriji u għall-bijokarburanti. |
| 2. | Minn Sorsi Oħra<br>L-Addittivi, il-Bijokarburanti u Idrokarboni Oħra, li l-produzzjoni tagħhom diġà ġiet koperta f'bilanċi oħra ta' karburant.<br>Mhux applikabbli għaż-żejt mhux raffinat, għall-NGL u għall-materja prima tar-raffineriji. |
| 2.1 | li minnhom: mill-Faħam<br>Jinkludi l-likwidi prodotti mill-impjanti tal-likwefazzjoni tal-faħam, il-produzzjoni likwida mill-ifran tal-kokk. |
| 2.2 | li minnhom: mill-Gass Naturali<br>Il-manifattura tal-gażolina sintetika tista' teħtieġ il-gass naturali bħala materja prima. L-ammont ta' gass għall-manifattura tal-metanol tiġi ddikjarata skond il-Kapitolu 2, filwaqt li l-irċevuti tal-metanol jiġu ddikjarati hawnhekk. |

2.3 li minnhom: mir-Rinnovabbli

Jinkludi l-bijokarburanti li qegħdin sabiex jitħalltu mal-karburanti tat-trasport.

Il-Produzzjoni tiġi ddikjarata kif hemm fil-Kapitolu 5, filwaqt li l-ammonti għat-taħlit jiġu ddikjarati hawnhekk.

3. Il-Flussi Lura mis-Settur Petrokimiku

Prodotti rfinuti jew semi-rfinuti li jiġu rritornati mill-konsumaturi finali lir-raffineriji għal ipproċessar, taħlit jew bejgħ. Ġeneralment huma prodotti sekondarji tal-manifattura petrokimika.

Applikabbli biss għall-materja prima tar-raffineriji.

4. Il-Prodotti Trasferiti

Il-prodotti importati tal-pitrolju li jiġu kklassifikati mill-ġdid bħala materja prima għal aktar ipproċessar fir-raffinerija, mingħajr konsenja lill-konsumaturi finali.

Applikabbli biss għall-materja prima tar-raffineriji.

5. L-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet

Jinkludu kwantitajiet ta' żejt mhux raffinat u ta' prodotti importati jew esportati skond ftehim ta' ppproċessar (jiġifieri raffinar akkont). Iż-żejt mhux raffinat u l-NGLs għandhom jiġu rapportati bħala li ġejjin mill-pajjiż ta' l-oriġini aħħarija; il-materja prima tar-raffineriji u l-prodotti rfinuti għandhom jiġu rapportati bħala li ġejjin mill-pajjiż ta' l-aħħar konsenja.

Jinkludu kwalunkwe likwidu ta' gass (eż. l-LPG) estratt matul ir-rigassifikazzjoni tal-gass naturali likwifikat importat u tal-prodotti tal-pitrolju importati jew esportati direttament mill-industrija petrokimika.

Nota: Il-kummerċ kollu f'bijokarburanti li ma jkunx ġew imħallta ma' karburanti għat-trasport (jiġifieri fil-forma pura tagħhom) għandu jiġi rrappurtat fil-Kwestjonarju dwar l-Enerġiji li Jiġġeddu.

L-esportazzjonijiet mill-ġdid taż-żejt importat għall-ipproċessar fi ħdan iż-żoni riservati għandhom ikunu inklużi bħala esportazzjoni ta' prodott mill-pajjiż ta' l-ipproċessar għad-destinazzjoni finali.

6. L-Użu Dirett

Iż-żejt mhux raffinat, l-NGL, l-Addittivi u l-Ossiġenati (u l-parti li hija bijokarburanti) u l-idrokarboni l-oħra użati direttament mingħajr ma jkunu pproċessati fir-raffineriji tal-pitrolju.

Jinkludi żejt mhux raffinat maħruq għall-ġenerazzjoni ta' l-elettriku.

7. Il-bidliet fl-istokk

Żieda fl-istokk tintwera bħala numru negattiv u tnaqqis fl-istokk jintwera bħala numru pożittiv.

8. Il-Konsum kalkulat tar-Raffineriji

L-ammont totali tal-prodott kalkulat bħala li daħħal fil-proċess tar-raffineriji. Huwa definit bħala:

Il-produzzjoni indiġena + Minn sorsi oħra + Il-flussi lura mill-industrija + Il-prodotti trasferiti + L-importazzjonijiet – L-esportazzjonijiet – L-użu dirett + Il-bidliet fl-istokk

9. Id-differenzi statistiċi

Definiti bħala l-konsum kalkulat tar-raffineriji wara li jitnaqqas il-konsum osservat tar-raffineriji.

10. Il-Konsum Osservat tar-Raffineriji

L-ammonti imkejla bħala *input* għar-raffineriji

11. It-Telf mir-Raffineriji

Id-differenza bejn il-Konsum tar-raffineriji (osservat) u l-Produzzjoni grossa tar-raffineriji. It-telf jista' jiġri matul il-proċessi tad-distillazzjoni minħabba l-evaporazzjoni. It-telf rapportat huwa pożittiv. Jista' jkun hemm żidiet volumetriċi imma l-ebda żieda fil-massa.

12. L-Istokks Totali tal-Ftuħ u ta' l-Għeluq fit-Territorju Nazzjonali

L-istokks kollha fit-territorju nazzjonali, inklużi l-istokks miżmuma mill-gvernijiet, mill-konsumaturi ewlenin jew mill-organizzazzjonijiet li jżommu l-istokks, l-istokks miżmuma abbord bastimenti ta' l-oċean li jkunu deħlin, l-istokks miżmuma f'żoni riservati u l-istokks miżmuma għal oħrajn, kemm jekk skond ftehim governattiv bilaterali jew le. Il-ftuħ u l-għeluq jirriferu għall-ewwel u għall-aħħar jum tal-perijodu tar-rappurtaġġ rispettivament.

13. Il-Valur Kalorifiku Nett

Il-produzzjoni, l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet, u l-medja ġenerali.

It-tabella li ġejja tapplika biss għal prodotti rfinuti (il-Gass tar-raffineriji, l-Etanu, l-LPG, in-Nafta, il-Gażolina għall-magni, il-Gażolina għall-Avjazzjoni, Jet Fuel tat-tip Gażolina, Jet Fuel tat-tip Pitrolju, Pitrolju ieħor, iż-Żejt tal-gass/tad-diżil, iż-Żejt tal-karburant b'livell għoli u baxx ta' kubrit, l-Ispirtu Abjad u l-SPB, il-Lubrikanti, il-Bitum, ix-Xemgħat tal-Paraffin, il-Kokk tal-pitrolju, u Prodotti oħra). Iż-żejt mhux raffinat u l-NGS użati sabiex jinħarqu direttament għandhom jiġu inklużi fil-konsenji tal-prodotti rfinuti u fit-trasferimenti ta' l-interprodotti:

| | |
|---|---|
| 1 | L-Irċevuti tal-Prodotti Primarji<br>Jinkludu l-kwantitajiet ta' żejt mhux raffinat indiġenu jew importat (inkluż l-ikkondensat) u l-NGL indiġenu użat direttament mingħajr ma jkun ipproċessat f'raffinerija tal-pitrolju u l-kwantitajiet ta' Flussi Lura mill-industrija Petrokimika li, għalkemm mhux karburant primarju, jintużaw direttament. |
| 2 | Il-Produzzjoni Grossa tar-Raffineriji<br>Il-produzzjoni tal-prodotti rfinuti f'raffinerija jew f'impjant tat-taħlit.<br>Teskludi t-telf mir-raffineriji, imma tinkludi l-Karburant tar-Raffineriji. |
| 3 | Il-Prodotti Riċiklati<br>Il-prodotti rfinuti li jgħaddu għat-tieni darba min-network tat-tqegħid fis-suq, wara li jkunu ġew konsenjati darba lill-konsumaturi finali (eż. lubrikanti użati li jiġu pproċessati mill-ġdid). Dawn il-kwantitajiet għandhom jingħarfu mill-Flussi Lura petrokimiċi. |
| 4 | Il-Karburant tar-Raffineriji<br>Il-prodotti tal-pitrolju konsumati b'appoġġ għall-ħidma ta' raffinerija.<br>Jeskludi l-prodotti użati minn kumpaniji taż-żejt barra l-proċess ta' l-irfinar, eż. bunkers jew tankers taż-żejt.<br>Jinkludi karburanti użati għall-produzzjoni fir-raffineriji ta' l-elettriku u tas-sħana mibjugħa. |
| 4.1 | Li minnu: użat għall-ġenerazzjoni ta' l-elettriku<br>L-ammont użati sabiex jiġi ġġenerat l-elettriku fl-impjanti fir-raffineriji. |
| 4.2 | Li minnu: użat għall-produzzjoni tas-CHP<br>L-ammont użat fl-impjanti tas-CHP fir-raffineriji. |
| 5 | L-Importazzjonijiet u l-Esportazzjonijiet |
| 6 | Il-Bunkers Marittimi Internazzjonali |
| 7 | It-Trasferimenti ta' l-Interprodotti<br>Il-kwantitajiet li ġew ikklassifikati mill-ġdid jew minħabba li l-ispeċifikazzjoni tagħhom inbidlet jew minħabba li jiġu mħallta fi prodott ieħor.<br>Annotazzjoni negattiva għal prodott wieħed tiġi kkumpensata minn annotazzjoni pożittiva (jew diversi annotazzjonijiet) għal prodott wieħed jew għal diversi prodotti u viċe versa; l-effett totali nett għandu jkun ta' żero. |
| 8 | Il-Prodotti Trasferiti<br>Il-prodotti tal-pitrolju importati li jiġu kklassifikati mill-ġdid bħala materja prima għal aktar ipproċessar fir-raffinerija, mingħajr konsenja lill-konsumaturi finali. |
| 9 | Il-Bidliet fl-Istokk<br>Żieda fl-istokk tintwera bħala numru negattiv u tnaqqis fl-istokk jintwera bħala numru pożittiv. |
| 10 | Il-Konsenji Grossi Kalkulati Interni<br>Dawn huma definiti bħala:<br>L-Irċevuti tal-prodott primarju + Il-produzzjoni grossa tar-raffineriji + Il-Prodotti Riċiklati − Il-Karburant tar-raffineriji + L-Importazzjonijiet − L-Esportazzjonijiet − Il-Bunkers Marittimi Internazzjonali + It-trasferimenti ta' l-interprodotti − Il-Prodotti trasferiti + Il-Bidliet fl-istokk |
| 11 | Id-Differenza Statistika<br>Definita bħala l-konsenja grossa kalkulata interna mingħajr il-konsenja grossa osservata interna. |
| 12 | Il-Konsenji Grossi Osservati Interni<br>Il-konsenja osservata tal-prodotti tal-pitrolju rfinuti minn sorsi primarji (eż. raffineriji, impjanti tat-taħlit, eċċ) għas-suq intern.<br>Din il-figura tista' tkun differenti mill-figura kalkulata minħabba, pereżempju, differenzi fil-kopertura u/jew differenzi fid-definizzjoni ta' sistemi ta' rappurtaġġ differenti. |
| 12.1 | Li minnhom: Il-Konsenji Grossi lis-Settur Petrokimiku<br>Il-kwantitajiet ta' karburanti konsenjati lis-settur Petrokimiku. |

| | | |
|---|---|---|
| 12.2 | Li minnhom: L-Użu ta' l-Enerġija Fis-Settur Petrokimiku<br>Il-kwantitajiet ta' żejt użati bħala karburant għal proċessi petrokimiċi bħall-*cracking* ta' l-istim. |
| 12.3 | Li minnhom: L-Użu Mhux ta' l-Enerġija Fis-Settur Petrokimiku<br>Il-kwantitajiet ta' żejt użati fis-settur petrokimiku sabiex ikunu prodotti l-etilene, il-propilene, il-*butilene*, il-gass tas-sinteżi, is-sustanzi aromatiċi, il-butadiene u materjali mhux ipproċessati oħra bbażati fuq l-idrokarboni fi proċessi bħall-*cracking* ta' l-istim, l-impjanti tas-sustanzi aromatiċi u r-riforma ta' l-istim. Teskludi l-ammonti ta' żejt użati għal finijiet ta' karburant. |
| 13 | Il-Flussi Lura mis-Settur Petrokimiku Għar-Raffineriji |
| 14 | Il-Livelli ta' l-Istokk tal-Ftuħ u ta' l-Għeluq<br>L-istokks kollha fit-territorju nazzjonali, inklużi l-istokks miżmuma mill-gvernijiet, mill-konsumaturi ewlenin u mill-organizzazzjonijiet li jżommu l-istokks, l-istokks miżmuma abbord bastimenti ta' l-oċean li jkunu deħlin, l-istokks miżmuma f'żoni riservati u l-istokks miżmuma għal oħrajn, kemm jekk skond ftehim governattiv bilaterali u kemm jekk le. Il-ftuħ u l-għeluq jirriferi għall-ewwel u għall-aħħar jum tal-perijodu tar-rappurtaġġ rispettiv tagħhom. |
| 15 | Il-Bidliet fl-Istokk fl-Utilitajiet Pubbliċi<br>Il-bidliet fl-istokks li jinżammu mill-utilitajiet pubbliċi u li mhumiex inklużi fil-Livelli ta' l-Istokks u fil-Bidliet fl-istokks li ġew irrapporati band'oħra. Żieda fl-istokk tintwera bħala numru negattiv u tnaqqis fl-istokk jintwera bħala numru pożittiv.<br>Jinkludu ż-Żejt mhux raffinat u l-NGL użati sabiex jinħarqu direttament, jekk japplika. |
| 16 | Il-Valur Kalorifiku Nett tal-Konsenji Grossi Interni |

Għas-settur tat-trasformazzjoni, għall-karburanti kollha japplikaw l-aggregati li ġejjin, ħlief għall-materja prima tar-raffineriji, għall-addittivi/ossiġenati, għall-bijokarburanti u għal idrokarboni oħra, imma inklużi l-karburanti użati għal finijiet li mhumiex ta' enerġija (il-kokk tal-pitrolju u oħra, li għandhom jiġu ddikjarati separatament):

| | |
|---|---|
| 1 | Is-Settur tat-Trasformazzjoni Totali<br>Il-kwantitajiet totali ta' karburanti użati għall-konverżjoni primarja jew sekondarja ta' l-enerġija. |
| 1.1 | Li minnu: L-Impjanti ta' l-Elettriku Produtturi ta' l-Attività Ewlenija |
| 1.2 | Li minnu: L-Impjanti ta' l-Elettriku Awtoprodutturi |
| 1.3 | Li minnu: L-Impjanti tas-CHP Produtturi ta' l-Attività Ewlenija |
| 1.4 | Li minnu: L-Impjanti tas-CHP Awtoprodutturi |
| 1.5 | Li minnu: L-Impjanti tas-Sħana Produtturi ta' l-Attività Ewlenija |
| 1.6 | Li minnu: L-Impjanti tas-Sħana Awtoprodutturi |
| 1.7 | Li minnu: L-Impjanti tal-Manifattura tal-Gass/l-Impjanti ta' Gassifikazzjoni |
| 1.8 | Li minnu: Il-Gass Naturali Mħallat |
| 1.9 | Li minnu: L-Ifran tal-Kokk |
| 1.10 | Li minnu: Il-Kalkari tal-Funderiji |
| 1.11 | Li minnu: L-Industrija Petrokimika |
| 1.12 | Li minnu: L-Impjanti tal-Karburanti Bi Privattiva |
| 1.13 | Li minnu: Mhux Speċifikat Band'Oħra – It-Trasformazzjoni |

4.2.2. *Is-Settur ta' l-Enerġija*

Għas-settur ta' l-enerġija, għall-karburanti kollha japplikaw l-aggregati li ġejjin, ħlief għall-materja prima tar-raffineriji, għall-addittivi/ossiġenati, għall-bijokarburanti u għal idrokarboni oħra, imma inklużi l-karburanti użati għal finijiet mhux ta' enerġija (il-kokk tal-pitrolju u oħrajn, li għandhom jiġu ddikjarati separatament):

| | |
|---|---|
| 1 | Is-Settur ta' l-Enerġija Totali<br>Il-kwantità totali użata bħala enerġija fis-settur ta' l-enerġija |
| 1.1 | Li minnu: Il-Minjieri tal-Faħam |

| | |
|---|---|
| 1.2 | Li minnu: L-Estrazzjoni taż-Żejt u tal-Gass |
| 1.3 | Li minnu: L-Ifran tal-Kokk |
| 1.4 | Li minnu: Il-Kalkari tal-Funderiji |
| 1.5 | Li minnu: L-Impjanti tal-Manifattura tal-Gass |
| 1.6 | Li minnu: L-Impjanti ta’ l-Enerġija<br>L-Impjanti ta’ l-Elettriku, tas-CHP u tas-Sħana. |
| 1.7 | Li minnu: Mhux Speċifikat Band’Oħra – L-Enerġija |
| 2 | It-Telf mid-Distribuzzjoni<br>It-telf li jiġri barra mir-raffinerija minħabba t-trasport u d-distribuzzjoni.<br>Jinkludi t-telf mill-katusi. |

4.2.3. *L-ispeċifikazzjoni ta’ l-użu finali ta’ l-enerġija*

Għall-ispeċifikazzjoni ta’ l-użu finali ta’ l-enerġija għall-karburanti kollha japplikaw l-aggregati li ġejjin, ħlief għall-materja prima tar-raffineriji, għall-addittivi/ossiġenati, għall-bijokarburanti u għal idrokarboni oħra, imma inklużi l-karburanti użati għal finijiet mhux ta’ enerġija (il-kokk tal-pitrolju u oħrajn, li għandhom jiġu ddikjarati separatament):

| | |
|---|---|
| 1 | Il-Konsum Finali ta’ l-Enerġija |
| 2 | Is-Settur ta’ l-Industrija |
| 2.1 | Li minnu: Il-Ħadid u l-Azzar |
| 2.2 | Li minnu: Il-Kimiku u l-Petrokimiku |
| 2.3 | Li minnu: Il-Metalli li ma Fihomx Ħadid |
| 2.4 | Li minnu: Il-Minerali li Mhumiex Metalliċi |
| 2.5 | Li minnu: L-Apparat tat-Trasport |
| 2.6 | Li minnu: Il-Makkinarju |
| 2.7 | Li minnu: It-Tħaffir fil-Minjieri u t-Tħaffir fil-Barrieri |
| 2.8 | Li minnu: L-Ikel, ix-Xorb u t-Tabakk |
| 2.9 | Li minnu: Il-Polpa, il-Karta u l-Istampar |
| 2.10 | Li minnu: L-Injam u l-Prodotti ta’ l-Injam |
| 2.11 | Li minnu: Il-Kostruzzjoni |
| 2.12 | Li minnu: It-Tessuti u l-Ġilda |
| 2.13 | Li minnu: Mhux Speċifikat Band’Oħra – L-Industrija |
| 3 | Is-Settur tat-Trasport |
| 3.1 | Li minnu: L-Avjazzjoni Internazzjonali |
| 3.2 | Li minnu: L-Avjazzjoni Domestika |
| 3.3 | Li minnu: It-Toroq |
| 3.4 | Li minnu: Il-Ferrovija |
| 3.5 | Li minnu: In-Navigazzjoni Domestika |
| 3.6 | Li minnu: It-Trasport bil-Katusi |
| 3.7 | Li minnu: Mhux Speċifikat Band’Oħra – It-Trasport |
| 4 | Setturi Oħra |
| 4.1 | Li minnhom: Is-Servizzi Kummerċjali u Pubbliċi |

| | |
|---|---|
| 4.2 | Li minnhom: Ir-Residenzjali |
| 4.3 | Li minnhom: L-Agrikoltura/il-Foresterija |
| 4.4 | Li minnhom: Is-Sajd |
| 4.5 | Li minnhom: Mhux Speċifikat Band'Oħra – Oħra |
| 5 | L-Użu Totali Mhux ta' l-Enerġija<br>Il-kwantitajiet użati bħala materja prima fis-setturi differenti u li mhumiex konsumati bħala karburant jew ittrasformati fi karburant ieħor. Dawn il-kwantitajiet ġew inklużi fl-aggregati li ġew elenkati aktar 'il fuq. |
| 5.1 | Li minnu: Is-Settur tat-Trasformazzjoni |
| 5.2 | Li minnu: Is-Settur ta' l-Enerġija |
| 5.3 | Li minnu: Is-Settur tat-Trasport |
| 5.4 | Li minnu: Is-Settur ta' l-Industrija |
| 5.4.1 | Is-Settur ta' l-Industrija li minnu: Il-Kimiku (inkluż il-Petrokimiku) |
| 5.5 | Li minnu: Setturi Oħra |

4.2.4. *L-Importazzjonijiet u l-Esportazzjonijiet*

L-importazzjonijiet skond il-pajjiż ta' l-oriġini, u l-esportazzjonijiet skond il-pajjiż tad-destinazzjoni. Ara wkoll in-noti taħt l-4.2.1, l-aggregat Nru 5.

4.2.5. *L-inputs lill-awtoprodutturi tal-ġenerazzjoni ta' l-elettriku u tas-sħana*

L-*inputs* lill-awtoprodutturi tal-ġenerazzjoni ta' l-elettriku u tas-sħana għandhom ikunu ddikjarati b'mod seperat għall-impjanti ta' l-elettriku biss, għall-impjanti tas-CHP u għall-impjanti tas-sħana biss.

Jeskludu l-prodotti ta' l-enerġija li ġejjin: il-materja prima tar-raffineriji, l-addittivi/ossiġenati, il-bijokarburanti, idrokarboni oħra, l-etanu, il-gażolina għall-magni, il-bijogażolina, il-gażolina għall-avjazzjoni, jet fuel tat-tip gażolina (jet fuel tat-tip nafta jew JP4), l-ispirtu abjad u l-SPB, u l-lubrikanti.

L-*inputs* japplikaw għall-impjanti jew għall-attivitajiet li ġejjin:

| | |
|---|---|
| 1 | Is-Settur ta' l-Enerġija Totali<br>Il-kwantità totali użata bħala enerġija fis-settur ta' l-enerġija |
| 1.1 | Li minnu: Il-Minjieri tal-Faħam |
| 1.2 | Li minnu: L-Estrazzjoni taż-Żejt u tal-Gass |
| 1.3 | Li minnu: L-Ifran tal-Kokk |
| 1.4 | Li minnu: Il-Kalkari tal-Funderiji |
| 1.5 | Li minnu: L-Impjanti tal-Manifattura tal-Gass |
| 1.6 | Li minnu: Mhux Speċifikat Band'Oħra – L-Enerġija |
| 2 | Is-Settur ta' l-Industrija |
| 2.1 | Li minnu: Il-Ħadid u l-Azzar |
| 2.2 | Li minnu: Il-Kimiku u l-Petrokimiku |
| 2.3 | Li minnu: Il-Metalli li ma Fihomx Ħadid |
| 2.4 | Li minnu: Il-Minerali li Mhumiex Metalliċi |
| 2.5 | Li minnu: L-Apparat tat-Trasport |
| 2.6 | Li minnu: Il-Makkinarju |
| 2.7 | Li minnu: It-Tħaffir fil-Minjieri u t-Tħaffir fil-Barrieri |

| | |
|---|---|
| 2.8 | Li minnu: L-Ikel, ix-Xorb u t-Tabakk |
| 2.9 | Li minnu: Il-Polpa, il-Karta u l-Istampar |
| 2.10 | Li minnu: L-Injam u l-Prodotti ta' l-Injam |
| 2.11 | Li minnu: Il-Kostruzzjoni |
| 2.12 | Li minnu: It-Tessuti u l-Ġilda |
| 2.13 | Li minnu: Mhux Speċifikat Band'Oħra – L-Industrija |
| 3 | Is-Settur tat-Trasport |
| 3.1 | Li minnu: It-Trasport bil-Katusi |
| 3.2 | Li minnu: Mhux Speċifikat Band'Oħra – It-Trasport |
| 4 | Setturi Oħra |
| 4.1 | Li minnhom: Is-Servizzi Kummerċjali u Pubbliċi |
| 4.2 | Li minnhom: Ir-Residenzjali |
| 4.3 | Li minnhom: L-Agrikoltura/il-Foresterija |
| 4.4 | Li minnhom: Is-Sajd |
| 4.5 | Li minnhom: Mhux Speċifikat Band'Oħra – Oħra |

### 4.3. **Unitajiet tal-kejl**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Il-kwantitajiet ta' l-enerġija | $10^3$ tunnellati metriċi |
| 2 | Il-valuri kalorifiċi | MJ/tunnellata metrika |

### 4.4. **Derogi u eżenzjonijiet**

Ċipru hija eżentata mir-rappurtaġġ ta' l-aggregati definiti fi § 4.2.3 taħt 4 (Setturi Oħra) u 5 (L-Użu Totali Mhux ta' l-Enerġija); għandhom japplikaw il-valuri totali biss.

Ċipru għandha deroga ta' 3 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, għar-rappurtaġġ ta' l-aggregati definiti fi § 4.2.3 taħt 2 (L-Industrija) u 3 (It-Trasport); matul dan il-perijodu ta' deroga għandhom japplikaw biss il-valuri totali.

## 5. L-ENERĠIJA RINNOVABBLI U L-ENERĠIJA MILL-ISKART

### 5.1. **Il-prodotti ta' l-enerġija applikabbli**

Ħlief jekk speċifikat mod ieħor, din il-ġabra ta' data tapplika għall-prodotti ta' l-enerġija li ġejjin kollha:

| Il-Prodott ta' l-Enerġija | Definizzjoni |
|---|---|
| 1. L-enerġija mill-ilma | L-enerġija potenzjali u kinetika ta' l-ilma kkonvertita f'elettriku f'impjanti idroelettriċi. Il-*pumped storage* irid jiġi inkluż. Il-produzzjoni trid tiġi rapportata għad-daqsijiet ta' impjanti ta' < 1 MW, 1 to < 10 MW, ≥ 10 MW u mill-*pumped storage*. |
| 2. Ġeotermali | L-enerġija disponibbli bħala sħana emessa minn fi ħdan il-qoxra tad-dinja, ġeneralment fil-forma ta' ilma sħun jew stim. Din il-produzzjoni ta' l-enerġija hija d-differenza bejn l-entalpija tal-fluwidu prodott fil-ħofra għall-ilma tal-produzzjoni u dik tal-fluwidu li eventwalment jintrema. Tiġi esplojtata f'siti adattati:<br>— għall-ġenerazzjoni ta' l-elettriku billi jintuża stim niexef jew billi tintuża salmura b'entalpija għolja wara li l-fwar jista' jibda jaqbad<br>— direttament bħala sħana għat-tisħin tad-distrett, għall-agrikoltura, eċċ. |

| Il-Prodott ta’ l-Enerġija | | Definizzjoni |
|---|---|---|
| 3. | L-Enerġija tax-Xemx | Ir-radjazzjoni tax-xemx esplojtata għall-produzzjoni ta’ l-ilma sħun u għall-ġenerazzjoni ta’ l-elettriku. Din il-produzzjoni ta’ l-enerġija hija s-sħana disponibbli għall-mezz tat-trasferiment tas-sħana, jiġifieri l-enerġija inċidenti tax-xemx mingħajr it-telf ottiku u tal-kolletturi. L-enerġija passiva tax-xemx għat-tisħin, għat-tkessiħ u għat-tidwil dirett tad-djar jew ta’ bini ieħor mhix inkluża. |
| 3.1 | Li minnha: Fotovoltajka tax-Xemx | Id-dawl tax-xemx ikkonvertit f’elettriku bl-użu ta’ ċelluli tax-xemx ġeneralment magħmula minn materjal semi-konduttur li espost għad-dawl se jiġġenera l-elettriku. |
| 3.2 | Li minnha: Termali tax-Xemx | Is-sħana mir-radjazzjoni tax-xemx, tista’ tikkonsisti minn:<br>(a) impjanti termo-elettriċi tax-xemx, jew<br>(b) apparat għall-produzzjoni ta’ l-ilma sħun domestiku jew għat-tisħin staġonali tal-pixxini (eż. il-kolletturi bil-pjanċa ċatta, prinċipalment it-tip ta’ termosifun) |
| 4. | Il-mareat, il-mewġ, l-oċean | L-enerġija mekkanika derivata mill-moviment tal-mareat, mill-moviment tal-mewġ jew mill-kurrent ta’ l-oċeani u esplojtata għall-ġenerazzjoni ta’ l-elettriku. |
| 5. | Ir-riħ | L-enerġija kinetika tar-riħ esplojtata għall-ġenerazzjoni ta’ l-elettriku fit-turbini tar-riħ. |
| 6. | L-Iskart Industrijali (mhux rinnovabbli) | Skart rapportat ta’ oriġini industrijali mhux rinnovabbli (solidi jew likwidi) maħruq direttament għall-produzzjoni ta’ l-elettriku u/jew tas-sħana. Il-kwantità ta’ karburant użata għandha tiġi rapportata fuq bażi ta’ valur kalorifiku nett. L-iskart industrijali rinnovabbli għandu jiġi rapportat fil-kategoriji tal-Bijomassa Solida, tal-Bijogass u/jew tal-Bijokarburanti Likwidi. |
| 7. | L-Iskart Muniċipali: | L-iskart prodott mid-djar, mill-isptarijiet u mis-settur terzjarju maħruq f’installazzjoni speċifiċi, fuq bażi ta’ valur kalorifiku nett. |
| 7.1 | Li minnu: Rinnovabbli | Il-porzjon ta’ l-iskart muniċipali li huwa ta’ oriġini bijoloġika. |
| 7.2 | Li minnu: Mhux Rinnovabbli | Il-porzjon ta’ l-iskart muniċipali li huwa ta’ oriġina mhux bijoloġika. |
| 8. | Il-Bijomassa Solida: | Tkopri l-materjal organiku, mhux fossili ta’ oriġini bijoloġika li jista’ jintuża għall-produzzjoni tas-sħana jew għall-ġenerazzjoni ta’ l-elettriku. Tinkludi: |
| 8.1 | Li minnha: Il-Faħam tal-Kannol | Ir-residwu solidu tad-distillazzjoni distruttiva u tal-piroliżi ta’ l-injam u ta’ materjal veġetali ieħor. |
| 8.2 | Li minnha: L-Injam, l-Iskart ta’ l-Injam, Skart Solidu Ieħor | Uċuħ ta’ l-enerġija mkabbra għal fini partikolari (il-luq, iż-żafżafa, eċċ.), għadd ta’ materjali ta’ l-injam iġġenerati bi proċess industrijali (l-industrija ta’ l-injam/tal-karta b’mod partikolari) jew provduti direttament mill-foresterija u mill-agrikoltura (il-ħatab għan-nar, il-laqx ta’ l-injam, il-ġerbub ta’ l-injam, il-qoxra tas-siġra, is-serratura, iċ-ċana, il-laqx, il-likur iswed, eċċ.) kif ukoll skart bħal tiben, ħlief tar-ross, qxur tal-lewż, ħmieġ tat-tjur domestiku, fdal ta’ l-għeneb mgħaffeġ, eċċ. Il-kombustjoni hija t-teknoloġija ppreferuta għal dan l-iskart solidu. Il-kwantità ta’ karburant użata għandha tiġi rapportata fuq bażi ta’ valur kalorifiku nett. |
| 9. | Il-Bijogass: | Gass magħmul prinċipalment mill-metanu u mid-dijossidu tal-karbonju prodotti mid-diġestjoni anerobika tal-bijomassa. |
| 9.1 | Li minnu: Il-Gass mill-miżbliet | Bijogass ifformat mid-diġestjoni ta’ l-iskart tal-miżbliet |
| 9.2 | Li minnu: Il-Gass mill-effluwent imtajjen tad-drenaġġ | Bijogass prodott mill-fermentazzjoni anerobika ta’ l-effluwent imtajjen tad-drenaġġ |
| 9.3 | Li minnu: Bijogass Ieħor | Il-bijogass prodott mill-fermentazzjoni anerobika tas-*slurries* ta’ l-annimali u ta’ l-iskart fil-biċċeriji, fil-birreriji u f’industriji agro-alimentari oħra |
| 10. | Il-Bijokarburanti Likwidi | Il-kwantitajiet ta’ bijokarburanti likwidi rapportati f’din il-kategorija għandhom jirrelataw mal-kwantitajiet ta’ bijokarburant u mhux mal-volum totali tal-likwidi li fihom jiġu mħallta l-bijokarburanti. Għall-każ partikolari ta’ l-importazzjonijiet u ta’ l-esportazzjonijiet tal-bijokarburanti likwidi, huwa konċernat biss il-kummerċ tal-kwantitajiet li ma ġewx imħallta mal-karburanti tat-trasport (jiġifieri fil-forma pura tagħhom); il-kummerċ tal-bijokarburanti likwidi mħallta mal-karburanti tat-trasport għandu jiġi rapportat fid-data dwar iż-żejt fil-Kapitolu 4.<br>Il-bijokarburanti likwidi li ġejjin huma konċernati: |

| Il-Prodott ta' l-Enerġija | Definizzjoni |
|---|---|
| 10.1 Li minnhom: Il-Bijo-gażolina | Din il-kategorija tinkludi l-bijoetanol (l-etanol prodott mill-bijomassa u/jew mill-frazzjoni bijodegradabbli ta' l-iskart), il-bijometanol (il-metanol prodott mill-bijomassa u/jew mill-frazzjoni bijodegradabbli ta' l-iskart), il-bijoETBE (etil-terzjarju-butil-eteru prodott fuq il-bażi tal-bijoetanol; il-perċentwali skond il-volum tal-bijoETBE li hija kkalkulata bħala bijokarburant hija ta' 47 %) u l-bijoMTBE (metil-terzjarju-butil-eteru prodott fuq il-bażi tal-bijometanol: il-perċentwali skond il-volum tal-bijoMTBE li tiġi kalkulata bħala bijokarburant hija ta' 36 %). |
| 10.2 Li minnhom: Il-Bijo-diżils | Din il-kategorija tinkludi l-bijodiżil (metil-ester prodott minn żejt tal-veġetali jew ta' l-annimali, ta' kwalità ta' diżil), il-bijodimetileteru (dimetileteru prodott mill-bijomassa), il-*Fischer Tropsch* (Fischer Tropsch prodott mill-bijomassa), iż-żejt bijoloġiku estratt fil-kiesaħ (żejt prodott minn żerriegħa taż-żejt permezz ta' pproċessar mekkaniku biss) u l-bijokarburanti likwidi l-oħra kollha li jiġu miżjuda ma', imħallta ma' jew użati direttament bħala diżil tat-trasport. |
| 10.3 Li minnhom: Bijo-karburanti Likwidi Oħra | Il-bijokarburanti likwidi, użati direttament bħala karburant, li mhumiex inklużi fil-bijogażolina jew fil-bijodiżils. |

5.2. **Lista ta' l-aggregati**

Għall-prodotti ta' l-enerġija kollha li ġew elenkati fil-paragrafu preċedenti għandha tiġi ddikjarata l-lista ta' l-aggregati li ġejja, ħlief jekk ikun speċifikat mod ieħor.

5.2.1. *Il-Produzzjoni Grossa ta' l-Elettriku u tas-Sħana*

L-elettriku u s-sħana prodotti mill-prodotti ta' l-enerġija li jissemmew fis-Subtitolu 5.1 (ħlief għall-faħam tal-kannol u inklużа s-somma totali tal-bijokarburanti likwidi biss) iridu jiġu ddikjarati, fejn japplika, b'mod separat:

— għall-impjanti produtturi ta' l-attività ewlenija u għall-impjanti awtoprodutturi;

— għall-impjanti li jipproduċu l-elettriku biss, għall-impjanti li jipproduċu s-sħana biss u għall-impjanti tas-sħana u ta' l-enerġija kkombinati (CHP).

5.2.2. *Is-Setturi tal-Provvista u tat-Trasformazzjoni*

Għall-aggregati li ġejjin iridu jiġu ddikjarati l-kwantitajiet ta' prodotti ta' l-enerġija li jissemmew fis-Subtitolu 5.1 (ħlief għall-enerġija mill-ilma, għall-enerġija fotovoltajka tax-xemx, għall-enerġija mill-mareat, mill-mewġ u mill-oċeani u għall-enerġija mir-riħ) u li jintużaw fis-Setturi tal-Provvista u tat-Trasformazzjoni:

| | |
|---|---|
| 1 | Il-Produzzjoni |
| 2 | L-Importazzjonijiet |
| 3 | L-Esportazzjonijiet |
| 4 | Il-bidliet fl-istokk<br>Żieda fl-istokk tintwera bħala numru negattiv u tnaqqis mill-istokk jintwera bħala numru pożittiv. |
| 5 | Il-konsum gross |
| 6 | Id-differenzi statistiċi |
| 7 | Is-Settur tat-trasformazzjoni totali<br>Il-kwantitajiet ta' rinnovabbli u ta' skart użati għall-konverżjoni ta' forom primarji ta' enerġija għal forom sekondarji (eż. minn gassijiet mill-miżbliet għal elettriku) jew użati għat-trasformazzjoni għal prodotti ta' l-enerġija derivati (eż. il-bijogass użat għal gass naturali mħallat). |
| 7.1 | Li minnu: L-Impjanti ta' l-Elettriku Produtturi ta' l-Attività Ewlenija |
| 7.2 | Li minnu: L-Impjanti tas-CHP Produtturi ta' l-Attività Ewlenija |
| 7.3 | Li minnu: L-Impjanti tas-Sħana Produtturi ta' l-Attività Ewlenija |

| | |
|---|---|
| 7.4 | Li minnu: L-Impjanti ta' l-Elettriku Awtoprodutturi |
| 7.5 | Li minnu: L-Impjanti tas-CHP Awtoprodutturi |
| 7.6 | Li minnu: L-Impjanti tas-Sħana Awtoprodutturi |
| 7.7 | Li minnu: L-Impjanti tal-Karburanti Bi Privattiva<br>Il-kwantitajiet ta' rinnovabbli u ta' skart użati sabiex ikun prodott il-karburant bi privattiva. Ir-rinnovabbli u l-iskart użati għat-tisħin u għat-tħaddim ta' l-apparat iridu jiġu rapportati bħala konsum fis-settur ta' l-Enerġija. |
| 7.8 | Li minnu: L-Impjanti tal-BKB/PB<br>Il-kwantitajiet ta' rinnovabbli u skart użati sabiex ikun prodott il-BKB. Ir-rinnovabbli u l-iskart użati għat-tisħin u għat-tħaddim ta' l-apparat iridu jiġu rapportati bħala konsum fis-settur ta' l-Enerġija. |
| 7.9 | Li minnu: Il-Gass ta' l-impjanti tal-manifattura tal-gass<br>Il-kwantitajiet ta' rinnovabbli u ta' skart użati sabiex ikun prodott il-gass ta' l-impjanti tal-manifattura tal-gass. Ir-rinnovabbli u l-iskart użati għat-tisħin u għat-tħaddim ta' l-apparat iridu jiġu rapportati bħala konsum fis-settur ta' l-Enerġija. |
| 7.10 | Li minnu: Għall-Gass Naturali Mħallat<br>Il-kwantitajiet ta' bijogassijiet imħallta mal-gass naturali. |
| 7.11 | Li minnu: sabiex Jitħallat mal-Gażolina/mad-Diżil għall-Magni<br>Il-kwantitajiet ta' bijokarburanti likwidi li mhumiex konsenjati għall-konsum finali imma li jintużaw ma' prodotti tal-pitrolju oħra li ġew rapportati kif hemm fil-Kapitolu 4 ta' dan l-anness. |
| 7.12 | Li minnu: L-Impjanti tal-produzzjoni tal-Faħam tal-Kannol<br>Il-kwantitajiet ta' njam użati għall-produzzjoni tal-Faħam tal-Kannol. |
| 7.13 | Li minnu: Mhux Speċifikat Band'Oħra – It-Trasformazzjoni |

5.2.3. *Is-Settur ta' l-Enerġija*

Għall-aggregati li ġejjin iridu jiġu ddikjarati l-kwantitajiet tal-prodotti ta' l-enerġija li jissemmew fis-Subtitolu 5.1 (ħlief għall-enerġija mill-ilma, għall-enerġija fotovoltajka tax-xemx, għall-enerġija mill-mareat, mill-mewġ u mill-oċeani, u l-enerġija mir-riħ) u li jintużaw fis-settur ta' l-enerġija jew għall-konsum finali:

| | |
|---|---|
| 1 | Is-Settur ta' l-Enerġija Totali<br>L-enerġiji rinnovabbli u l-iskart konsumati mill-industrija ta' l-enerġija sabiex tkun appoġġjata l-attività ta' trasformazzjoni. Pereżempju, l-enerġiji rinnovabbli u l-iskart użati għat-tisħin, għat-tidwil jew sabiex jitħaddmu l-pompi/il-kompressuri.<br>Il-kwantitajiet ta' enerġiji rinnovabbli u ta' skart ittrasformati f'forma ta' enerġija oħra għandhom jiġu rapportati taħt is-settur tat-Trasformazzjoni. |
| 1.1 | Li minnu: L-Impjanti tal-Gassifikazzjoni |
| 1.2 | Li minnu: L-Impjanti ta' l-Elettriku, tas-CHP u tas-Sħana Pubbliċi |
| 1.3 | Li minnu: Il-Minjieri tal-Faħam |
| 1.4 | Li minnu: L-Impjanti tal-Karburanti Bi Privattiva |
| 1.5 | Li minnu: L-Ifran tal-Kokk |
| 1.6 | Li minnu: Ir-Raffinerji tal-Pitrolju |
| 1.7 | Li minnu: L-Impjanti tal-BKB/PB |
| 1.8 | Li minnu: Il-Gass ta' l-Impjanti tal-Manifattura tal-Gass |
| 1.9 | Li minnu: Il-Kalkari tal-Funderiji |
| 1.10 | Li minnu: L-Impjanti tal-produzzjoni tal-Faħam tal-Kannol |
| 1.11 | Li minnu: Mhux Speċifikat Band'Oħra |
| 2 | It-Telf mid-Distribuzzjoni<br>It-telf kollu li ġara minħabba t-trasport u d-distribuzzjoni. |

5.2.4. *L-użu finali ta' l-enerġija*

Għall-aggregati li ġejjin iridu jiġu ddikjarati l-kwantitajiet ta' prodotti ta' l-enerġija li jissemmew fis-Subtitolu 5.1 (ħlief għall-enerġija mill-ilma, għall-enerġija fotovoltajka tax-xemx, għall-enerġija mill-mareat, mill-mewġ u mill-oċeani, u għall-enerġija mir-riħ):

| | |
|---|---|
| 1 | Il-Konsum ta' l-Enerġija Finali |
| 2 | Is-Settur ta' l-Industrija |
| 2.1 | Li minnu: Il-Ħadid u l-Azzar |
| 2.2 | Li minnu: Il-Kimiku u l-Petrokimiku |
| 2.3 | Li minnu: Il-Metalli li ma Fihomx Ħadid |
| 2.4 | Li minnu: Il-Minerali li Mhumiex Metalliċi |
| 2.5 | Li minnu: L-Apparat tat-Trasport |
| 2.6 | Li minnu: Il-Makkinarju |
| 2.7 | Li minnu: It-Tħaffir fil-Minjieri u t-Tħaffir fil-Barrieri |
| 2.8 | Li minnu: L-Ikel, ix-Xorb u t-Tabakk |
| 2.9 | Li minnu: Il-Polpa, il-Karta u l-Istampar |
| 2.10 | Li minnu: L-Injam u l-Prodotti ta' l-Injam |
| 2.11 | Li minnu: Il-Kostruzzjoni |
| 2.12 | Li minnu: It-Tessuti u l-Ġilda |
| 2.13 | Li minnu: Mhux Speċifikat Band'Oħra – L-Industrija |
| 3 | Is-Settur tat-Trasport |
| 3.1 | Li minnu: Il-Ferrovija |
| 3.2 | Li minnu: It-Toroq |
| 3.3 | Li minnu: In-Navigazzjoni Domestika |
| 3.4 | Li minnu: Mhux Speċifikat Band'Oħra – It-Trasport |
| 4 | Setturi Oħra |
| 4.1 | Li minnhom: Is-Servizzi Kummerċjali u Pubbliċi |
| 4.2 | Li minnhom: Ir-Residenzjali |
| 4.3 | Li minnhom: L-Agrikoltura/il-Foresterija |
| 4.4 | Li minnhom: Is-Sajd |
| 4.5 | Li minnhom: Mhux Speċifikat Band'Oħra – Oħra |

5.2.5. *Il-Karatteristiċi Tekniċi ta' l-Installazzjonijiet*

Il-kapaċitajiet tal-ġenerazzjoni ta' l-elettriku li ġejjin għandhom jiġu ddikjarati kif inhu applikabbli fi tmiem is-sena rapportata:

| | |
|---|---|
| 1 | L-enerġija mill-ilma<br>Trid tiġi rapportata l-kapaċità għad-daqsijiet ta' impjanti ta' < 1 MW, 1 sa < 10 MW, ≥ 10 MW u mill-*pumped storage*, kif ukoll għad-daqsijiet kollha kkombinati. Id-daqsijiet ta' l-impjanti fid-dettall għandhom jiġu rapportati bħala netti mill-*pumped storage*. |
| 2 | Ġeotermali |
| 3 | Fotovoltajka tax-Xemx |
| 4 | Termali tax-Xemx |

| | |
|---|---|
| 5 | Il-mareat, il-mewġ, l-oċean |
| 6 | Ir-riħ |
| 7 | L-Iskart Industrijali (mhux rinnovabbli) |
| 8 | L-Iskart Muniċipali |
| 9 | L-Injam, l-Iskart ta' l-Injam, Skart Solidu Ieħor |
| 10 | Il-Gass mill-miżbliet |
| 11 | Il-Gass mill-Effluwent Imtajjen tad-Drenaġġ |
| 12 | Bijogass Ieħor |
| 13 | Il-Bijokarburanti Likwidi |

Għandha tiġi ddikjarata s-superfiċi totali installata tal-kolletturi tax-xemx.

Il-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-bijokarburanti li ġejjin għandhom ikunu ddikjarati:

| | |
|---|---|
| 1 | Il-Bijokarburanti Likwidi: |
| 1.1 | Li minnhom: Il-Bijogażolina |
| 1.2 | Li minnhom: Il-Bijodiżils |
| 1.3 | Li minnhom: Bijokarburanti Likwidi Oħra |

5.2.6. *L-inputs lill-awtoprodutturi tal-ġenerazzjoni ta' l-elettriku u tas-sħana*

L-*inputs* lill-awtoprodutturi tal-ġenerazzjoni ta' l-elettriku u tas-sħana għandhom jiġu ddikjarati separatament għall-impjanti ta' l-elettriku biss, għall-impjanti tas-CHP, u għall-impjanti tas-sħana biss.

Għall-aggregati li ġejjin iridu jiġu ddikjarati l-kwantitajiet tal-prodotti ta' l-enerġija li jissemmew fis-Subtitolu 5.1 (ħlief għall-enerġija mill-ilma, għall-enerġija fotovoltajka tax-xemx, għall-enerġija mill-mareat, mill-mewġ u mill-oċeani, u l-enerġija mir-riħ):

| | |
|---|---|
| 1 | Is-Settur ta' l-Enerġija Totali |
| 1.1 | Li minnu: L-Impjanti tal-Gassifikazzjoni |
| 1.2 | Li minnu: Il-Minjieri tal-Faħam |
| 1.3 | Li minnu: L-Impjanti tal-Karburanti Bi Privattiva |
| 1.4 | Li minnu: L-Ifran tal-Kokk |
| 1.5 | Li minnu: Ir-Raffinerji tal-Pitrolju |
| 1.6 | Li minnu: L-Impjanti tal-BKB/PB |
| 1.7 | Li minnu: Il-Gass ta' l-Impjanti tal-Manifattura tal-Gass |
| 1.8 | Li minnu: Il-Kalkari tal-Funderiji |
| 1.9 | Li minnu: L-Impjanti tal-produzzjoni tal-Faħam tal-Kannol |
| 1.10 | Li minnu: Mhux Speċifikat Band'Oħra |
| 2 | Is-Settur ta' l-Industrija |
| 2.1 | Li minnu: Il-Ħadid u l-Azzar |
| 2.2 | Li minnu: Il-Kimiku u l-Petrokimiku |
| 2.3 | Li minnu: Il-Metalli li ma Fihomx Ħadid |

| | |
|---|---|
| 2.4 | Li minnu: Il-Minerali li Mhumiex Metalliċi |
| 2.5 | Li minnu: L-Apparat tat-Trasport |
| 2.6 | Li minnu: Il-Makkinarju |
| 2.7 | Li minnu: It-Tħaffir fil-Minjieri u t-Tħaffir fil-Barrieri |
| 2.8 | Li minnu: L-Ikel, ix-Xorb u t-Tabakk |
| 2.9 | Li minnu: Il-Polpa, il-Karta u l-Istampar |
| 2.10 | Li minnu: L-Injam u l-Prodotti ta' l-Injam |
| 2.11 | Li minnu: Il-Kostruzzjoni |
| 2.12 | Li minnu: It-Tessuti u l-Ġilda |
| 2.13 | Li minnu: Mhux Speċifikat Band'Oħra – L-Industrija |
| 3 | Is-Settur tat-Trasport |
| 3.1 | Li minnu: Il-Ferrovija |
| 3.2 | Li minnu: Mhux Speċifikat Band'Oħra – It-Trasport |
| 4 | Setturi Oħra |
| 4.1 | Li minnhom: Is-Servizzi Kummerċjali u Pubbliċi |
| 4.2 | Li minnhom: Ir-Residenzjali |
| 4.3 | Li minnhom: L-Agrikoltura/il-Foresterija |
| 4.4 | Li minnhom: Is-Sajd |
| 4.5 | Li minnhom: Mhux Speċifikat Band'Oħra – Oħra |

## 5.3. **Il-valuri kalorifiċi**

Għall-prodotti li ġejjin għandhom ikunu ddikjarati l-valuri kalorifiċi netti medji:

| | |
|---|---|
| 1 | Il-Bijogażolina |
| 2 | Il-Bijodiżil |
| 3 | Il-Bijokarburanti Likwidi l-Oħra |
| 4 | Il-Faħam tal-Kannol |

## 5.4. **Unitajiet tal-kejl**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Il-ġenerazzjoni ta' l-elettriku | MWh |
| 2 | Il-produzzjoni tas-sħana | TJ |
| 3 | Il-prodotti ta' l-enerġija rinnovabbli | Il-bijogażolina, il-bijodiżils u bijofuwils likwidi oħra: tunnellati metriċi<br>Il-faħam tal-kannol: 1000 tunnellata metrika<br>L-oħrajn kollha: TJ (fuq il-bażi tal-valuri kalorifiċi netti). |
| 4 | Is-superfiċi tal-kollettur tax-xemx | 1000 $m^2$ |
| 5 | Il-kapaċità ta' l-impjanti | Il-bijokarburanti: tunnellati metriċi/sena<br>L-oħrajn kollha: MWe |
| 6 | Il-valuri kalorifiċi | KJ/kg (il-valur kalorifiku nett). |

5.5. **Derogi u eżenzjonijiet**

Mhux applikabbli.

6. ID-DISPOŻIZZJONIJIET APPLIKABBLI

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin japplikaw għall-ġbir tad-data kif ġie deskritt fil-kapitoli preċedenti:

1. Il-perijodu rapportat:

   Sena kalendarja (mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru).

2. Il-frekwenza

   Annwali.

3. L-iskadenza għat-trażmissjoni tad-data

   It-30 ta' Novembru tas-sena wara l-perijodu rapportat.

4. Il-format u l-metodu tat-trażmissjoni

   Il-format tat-trażmissjoni għandu jikkonforma ma' standard ta' skambju xieraq li ġie speċifikat mill-Eurostat.

   Id-data għandha tiġi trażmessa jew tittella' b'mezzi elettroniċi lill-punt tad-dħul waħdieni għad-data fil-Eurostat.

*ANNESS C*

**L-ISTATISTIKA DWAR L-ENERĠIJA TA' KULL XAHAR**

Dan l-anness jiddeskrivi l-ambitu, l-unitajiet, il-perijodu rapportat, il-frekwenza, l-iskadenza u l-modalitajiet tat-trażmissjoni għall-ġabra ta' kull xahar ta' l-istatistika dwar l-enerġija.

L-Anness A japplika għal spjegazzjonijiet tat-termini li għalihom mhix provduta spjegazzjoni speċifika f'dan l-anness.

1. IL-KARBURANTI SOLIDI

1.1. **Il-prodotti ta' l-enerġija applikabbli**

Ħlief jekk ikun speċifikat mod ieħor, din il-ġabra ta' data tapplika għall-prodotti ta' l-enerġija li ġejjin kollha:

| Il-Prodott ta' l-Enerġija | | Definizzjoni |
|---|---|---|
| 1 | Il-faħam iebes | Sediment fossili iswed, kombustibbli, solidu u organiku b'valur kalorifiku gross akbar minn 24 MJ/kg f'kondizzjoni ħieles mill-irmied bil-kontenut ta' rtuba miksub f'temperatura ta' 30 °C u b'umdità relattiva ta' l-ajra ta' 96 %. |
| 2 | Il-Linjite | Sediment fossili organiku kombustibbli, b'kulur li jvarja minn kannella sa iswed, b'valur kalorifiku gross aktar baxx minn 24 MJ/kg f'kondizzjoni ħielsa mill-irmied bil-kontenut ta' rtuba miksub f'temperatura ta' 30 °C u b'umdità relattiva ta' l-arja ta' 96 %. |
| 2.1 | Li minnu: Il-Linjite Iswed | Linjite b'kontenut ta' rtuba ta' bejn l-20 u l-25 % u b'kontenut ta' rmied ta' bejn id-9 u t-13 %. Il-linjite iswed kien ifformat fl-era sekondarja. Fi ħdan l-Unjoni, issa qed jiġi prodott biss fi Franza mit-tħaffir fil-fond tal-minjieri fi Provenza. |
| 2.2 | Li minnu: Il-Faħam kannella | Linjite b'kontenut ta' rtuba ta' bejn l-40 u s-70 % u b'kontenut ta' rmied li normalment ikun ta' bejn it-2 u s-6 %; dan ta' l-aħħar, madanakollu, jista' jkun għoli daqs 12 % jiddependi mid-depożitu. Il-faħam kannella kien ifformat prinċipalment fl-era terzjarja. Isir tħaffir fil-minjiera għal dan il-karburant f'siti miftuħa. |
| 3 | Il-Pit | Sediment kombustibbli artab, li jvarja minn merħi għal kompressat u naturali ta' oriġini veġetali b'kontenut għoli ta' rtuba (sa 90 %), b'kulur li jvarja minn kannella ċar għal kannella skur.<br>Din id-definizzjoni hija bla ħsara la għad-definizzjoni tas-sorsi ta' l-enerġija rinnovabbli fid-Direttiva 2001/77/KE u lanqas għal-Linji Gwida ta' l-IPCC 2006 għall-Inventorji Nazzjonali dwar il-Gass b'Effett Serra. |
| 4 | Il-Karburant Bi Privattiva | Il-karburanti bi privattiva tal-faħam iebes huma artefatti ta' forma speċifikata prodotti minn tħin sħun taħt pressjoni, biż-żieda ta' materjal li jgħaqad (żift). |
| 5 | Il-Maltunelli tal-Linjite | Artefatti ta' forma lixxa prodotti wara li l-linjite jitgħaffeġ u jitnixxef, mogħtija l-forma taħt pressjoni għolja mingħajr iż-żieda ta' sustanzi li jgħaqqdu. Dawn jinkludu l-linjite mnixxef u r-riħ tal-linjite. |
| 6 | Il-Kokk idderivat mill-faħam iebes | Karburant solidu artifiċjali derivat mill-faħam iebes u miksub permezz tad-distillazzjoni niexfa tal-faħam fin-nuqqas totali jew parzjali ta' l-arja.<br>Jinkludi:<br>— Il-kokk iebes: miksub bil-karbonizzazzjoni f'temperaturi għoljin<br>— Is-semi-kokk: miksub bil-karbonizzazzjoni f'temperaturi baxxi<br>— Il-kokk ta' l-impjanti tal-manifattura tal-gass: prodott fl-impjanti tal-manifattura tal-gass. |
| 7 | Il-kokk tal-linjite | Residwu solidu miksub permezz tad-distillazzjoni niexfa tal-linja fin-nuqqas ta' l-arja. |

1.2. **Lista ta' l-aggregati**

Għall-prodotti ta' l-enerġija kollha li ġew elenkati fil-paragrafu preċedenti għandha tiġi ddikjarata l-lista ta' l-aggregati li ġejja, ħlief jekk ikun speċifikat mod ieħor.

L-Anness A japplika għal spjegazzjonijiet tat-termini li għalihom mhix provduta spjegazzjoni speċfika f'dan l-anness.

1.2.1. *Is-Settur tal-Provvista*

L-aggregati li ġejjin japplikaw għall-faħam iebes, għal-linjite totali u għal-linjite iswed, għall-faħam kannella u għall-pit:

| | |
|---|---|
| 1 | Il-Produzzjoni |
| 2 | Il-prodotti rkuprati<br>Is-*slurries* u x-*shale* tal-munzelli ta' l-iskart irkuprati mill-minjieri. |
| 3 | L-Importazzjonijiet |
| 3.1 | Li minnhom: l-importazzjonijiet fi ħdan l-UE |
| 4 | L-Esportazzjonijiet |
| 4.1 | Li minnhom: l-esportazzjonijiet fi ħdan l-UE |
| 5 | Il-bidliet fl-istokk<br>Il-kwantitajiet miżmuma mill-minjieri u mill-importaturi.<br>Jeskludu l-istokks tal-konsumaturi (eż. dawk miżmuma fl-impjanti ta' l-enerġija u fl-impjanti għall-kokk) ħlief l-istokks miżmuma mill-konsumaturi li jimportaw direttament.<br>Żieda fl-istokk tintwera bħala numru negattiv u tnaqqis fl-istokk jintwera bħala numru pożittiv. |
| 6 | Il-Konsenji Interni Kalkulati<br>L-ammont totali tal-prodott kalkulat bħala li ġie konsenjat għal konsum intern. Jiġi definit bħala:<br>Il-Produzzjoni + Il-Prodotti rkuprati + L-Importazzjonijiet – L-Esportazzjonijiet + Il-Bidliet fl-istokk |
| 7 | Il-Konsenji Interni Osservati<br>Il-kwantitajiet konsenjati lis-suq intern. Daqs it-total tal-konsenji lit-tipi differenti ta' konsumaturi. Jista' jkun hemm differenza bejn il-konsenji kalkulati u dawk osservati. |
| 7.1 | Li minnhom: L-użu tagħhom stess mill-produtturi<br>L-użu intern f'unitajiet ta' produzzjoni.<br>Jeskludi l-konsum f'impjanti ta' l-enerġija fid-dħul għal ġo minjiera, l-impjanti tal-karburanti bi privattiva fid-dħul għal ġo minjiera, l-impjanti ta' l-ifran tal-kokk fid-dħul għal ġo minjiera u l-konsenji lill-istaff ta' minjiera tal-faħam tal-ħaġra u l-bini tagħha. |
| 7.2 | Li minnhom: L-Impjanti ta' l-enerġija ta' l-attività ewlenija |
| 7.3 | Li minnhom: L-Impjanti ta' l-enerġija awtoprodutturi fil-minjieri tal-faħam |
| 7.4 | Li minnhom: L-Impjanti għall-Kokk |
| 7.5 | Li minnhom: L-Impjanti tal-Karburanti Bi Privattiva<br>Il-kwantitajiet użati għat-trasformazzjoni fl-impjanti tal-karburanti Bi Privattiva (fid-dħul għal ġol-minjiera u indipendenti). |
| 7.6 | Li minnhom: L-Industrija totali (mingħajr l-industrija tal-ħadid u ta' l-azzar) |
| 7.7 | Li minnhom: L-Industrija tal-ħadid u ta' l-azzar |
| 7.8 | Li minnhom: Oħra (servizzi, djar, eċċ.)<br>Il-kwantitajiet ta' karburant għad-djar (inkluż il-faħam tal-minjiera tal-faħam tal-ħaġra u l-bini tagħha provdut lill-ħaddiema fil-minjieri u f'impjanti assoċjati) u s-servizzi (amministrazzjonijiet, ħwienet, eċċ.) u wkoll lil setturi li mhumiex speċifikati band'oħra (it-tisħin tad-distrett, it-trasport, eċċ.). |
| 8 | L-istokks ta' l-għeluq |
| 8.1 | Li minnhom: Il-Minjieri |
| 8.2 | Li minnhom: L-Importaturi |
| 8.3 | Li minnhom: fl-impjanti għall-kokk<br>Japplika għall-faħam iebes biss. |

L-aggregati li ġejjin japplikaw għall-kokk derivat mill-faħam iebes, għall-kokk tal-linjite, għall-karburanti bi privattiva u għall-maltunelli tal-linjite:

| | |
|---|---|
| 1 | Il-Produzzjoni |
| 2 | L-Importazzjonijiet |
| 3 | L-Esportazzjonijiet |
| 3.1 | Li minnhom: l-esportazzjonijiet fi ħdan l-UE |
| 4 | Il-bidla fl-istokk<br>Il-kwantitajiet miżmuma fl-impjanti għall-kokk (kokk) u fl-impjanti tal-karburanti bi privattiva (il-karburanti bi privattiva) kif ukoll għand l-importaturi.<br>Teskludi l-istokks tal-konsumaturi ħlief l-istokks miżmuma mill-konsumaturi li jimportaw direttament.<br>Żieda fl-istokk tintwera bħala numru negattiv u tnaqqis fl-istokk jintwera bħala numru pożittiv. |
| 5 | Il-Konsenji Interni Kalkulati<br>L-ammont totali tal-prodott kalkulat bħala li kien konsenjat għall-konsum intern. Jiġi definit bħala:<br>Il-Produzzjoni + l-Importazzjonijiet – L-Esportazzjonijiet + Il-Bidliet fl-istokk |
| 6 | Il-Konsenji Interni Osservati<br>Il-kwantitajiet konsenjati lis-suq intern. Daqs it-total tal-konsenji lil tipi differenti ta’ konsumaturi. Jista’ jkun hemm differenza bejn il-konsenji kalkulati u dawk osservati. |
| 6.1 | Li minnhom: L-industrija totali (mingħajr l-industrija tal-ħadid u ta’ l-azzar) |
| 6.2 | Li minnhom: L-Industrija tal-ħadid u ta’ l-azzar |
| 6.3 | Li minnu: Oħra (servizzi, djar, eċċ.)<br>Il-kwantitajiet ta’ karburant lid-djar (inklużi l-kokk u l-karburanti bi privattiva provduti lill-ħaddiema fil-minjieri u f’impjanti assoċjati) u s-servizzi (amministrazzjonijiet, ħwienet, eċċ.) |
| 7 | L-istokks ta’ l-għeluq<br>L-istokks huma l-kwantitajiet miżmuma:<br>— mill-impjanti għall-kokk (applikabbli biss għall-kokk tal-faħam u tal-linjite),<br>— l-impjanti tal-karburanti Bi Privattiva (applikabbli biss għall-karburanti bi privattiva tal-faħam u tal-linjite),<br>— l-importaturi. |

1.2.2. *L-importazzjonijiet*

Għal-linjite, għall-kokk tal-linjite, għall-karburanti bi privattiva u għall-maltunelli tal-linjite, iridu jiġu ddikjarati l-kwantitajiet totali ta’ l-importazzjonijiet fi ħdan l-UE u ta’ l-importazzjonijiet barra l-UE.

Għall-faħam iebes, iridu jiġu ddikjarati l-importazzjonijiet mill-pajjiżi ta’ l-oriġini li ġejjin:

| | |
|---|---|
| 1 | Il-kwantitajiet ta’ l-importazzjoni fi ħdan l-UE |
| 1.1 | Li minnhom: Il-Ġermanja |
| 1.2 | Li minnhom: Ir-Renju Unit |
| 1.3 | Li minnhom: Il-Polonja |
| 1.4 | Li minnhom: UE oħra<br>Il-pajjiżi rilevanti jridu jiġu speċifikati. |
| 2 | Il-kwantitajiet ta’ l-importazzjonijiet barra l-UE |
| 2.1 | Li minnhom: L-Istati Uniti ta’ l-Amerika |
| 2.2 | Li minnhom: L-Awstralja |
| 2.3 | Li minnhom: L-Afrika t’Isfel |
| 2.4 | Li minnhom: Is-C.I.S. |

| | |
|---|---|
| 2.4.1 | Minn 2.4, li minnhom: Ir-Russja |
| 2.4.2 | Minn 2.4, li minnhom: L-Ukrajna |
| 2.5 | Li minnhom: Il-Kanada |
| 2.6 | Li minnhom: Il-Kolombja |
| 2.7 | Li minnhom: Iċ-Ċina |
| 2.8 | Li minnhom: Oħra barra l-UE<br>Il-pajjiżi rilevanti jridu jiġu speċifikati. |

1.3. **Unitajiet tal-kejl**

Il-kwantitajiet tal-prodotti kollha jiġu espressi f'$10^3$ tunnellati metriċi.

1.4. **Derogi u eżenzjonijiet**

Mhumiex applikabbli.

2. L-ELETTRIKU

2.1. **Il-prodotti ta' l-enerġija applikabbli**

Dan il-kapitolu jkopri l-enerġija elettrika.

2.2. **Lista ta' l-aggregati**

Trid tiġi dikjarata l-lista ta' l-aggregati li ġejja.

2.2.1. *Is-Settur tal-Produzzjoni*

Għall-aggregati li ġejjin iridu jkunu ddikjarati kemm il-kwantitajiet grossi kif ukoll dawk netti:

| | |
|---|---|
| 1 | Il-produzzjoni totali ta' l-elettriku |
| 1.1 | Li minnha: In-Nukleari |
| 1.2 | Li minnha: L-Idro |
| 1.2.1 | Minn 1.2, li minnha: il-parti mill-idro prodotta mill-*pumped storage* |
| 1.3 | Li minnha: Il-Ġeotermali |
| 1.4 | Li minnha: It-Termali Konvenzjonali |
| 1.5 | Li minnha: Ir-riħ |

Iridu jkunu ddikjarati anki l-kwantitajiet ta' l-enerġija elettrika li ġejjin:

| | |
|---|---|
| 2 | L-Importazzjonijiet |
| 2.1 | Li minnhom: l-importazzjonijiet fi ħdan l-UE |
| 3 | L-Esportazzjonijiet |
| 3.1 | Li minnhom: l-esportazzjonijiet fi ħdan l-UE |
| 4 | Użati għall-*pumped storage* |
| 5 | Użati għas-suq intern<br>Dan jiġi kalkulat bħala:<br>Il-produzzjoni totali netta + l-importazzjonijiet – l-esportazzjonijiet – Użati għall-*pumped storage* |

Għall-konsum tal-karburant fl-impjanti produtturi ta' l-attività ewlenija japplikaw l-aggregati li ġejjin (irriferi għall-Anness B għad-definizzjonijiet tal-faħam iebes u tal-linjite):

| | |
|---|---|
| 6 | Il-konsum tal-karburant totali fl-impjanti produtturi ta' l-attività ewlenija<br>Il-kwantità totali ta' karburant konsumata sabiex ikun prodott l-elettriku u wkoll għall-produzzjoni tas-sħana li għandha tinbiegħ lill-partijiet terzi b'mod esklużiv. |
| 6.1 | Li minnu: Il-Faħam iebes |
| 6.2 | Li minnu: Il-Linjite |
| 6.3 | Li minnu: Il-Prodotti tal-pitrolju |
| 6.4 | Li minnu: Il-Gass naturali |
| 6.5 | Li minnu: Il-gass derivat (dawn huma gassijiet manifatturati) |
| 6.6 | Li minnu: Karburanti oħra |

2.2.2. *L-istokks tal-karburant għand produtturi ta' l-attività ewlenija*

Produtturi ta' l-attività ewlenija tfisser utilitajiet pubbliċi li jiġġeneraw l-elettriku billi jintużaw il-karburanti. Iridu jiġu ddikjarati l-istokks ta' l-għeluq li ġejjin (l-istokks fi tmiem ix-xahar rapportat):

| | |
|---|---|
| 1 | Il-Faħam iebes |
| 2 | Il-Linjite |
| 3 | Il-Prodotti tal-pitrolju |

### 2.3. Unitajiet tal-kejl

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Il-kwantitajiet ta' l-enerġija | L-elettriku: GWh<br>Il-faħam iebes, il-linjite, il-prodotti tal-pitrolju: kemm f'$10^3$ tunnellati metriċi kif ukoll f'TJ fuq il-bażi tal-valur kalorifiku nett.<br>Il-gass naturali u l-gassijiet derivati: TJ fuq il-bażi tal-valur kalorifiku gross.<br>Karburanti oħra: TJ fuq il-bażi tal-valur kalorifiku nett.<br>Is-sħana nukleari: TJ. |
| 2 | L-istokks | $10^3$ tunnellati metriċi |

### 2.4. Derogi u eżenzjonijiet

Mhux applikabbli.

## 3. IL-PRODOTTI TAŻ-ŻEJT U TAL-PITROLJU

### 3.1. Il-prodotti ta' l-enerġija applikabbli

Ħlief jekk ikun speċifikat mod ieħor din il-ġabra tad-data tapplika għall-prodotti ta' l-enerġija kollha li ġejjin, li għalihom japplikaw id-definizzjonijiet fil-Kapitolu 4 ta' l-Anness B: iż-żejt mhux raffinat, l-NGL, il-materja prima tar-raffineriji, idrokarboni oħra, il-gass tar-raffineriji (mhux likwifikat), l-etanu, l-LPG, in-nafta, il-gażolina għall-magni, il-gażolina għall-avjazzjoni, jet fuel tat-tip gażolina (jet fuel tat-tip nafta), jet fuel tat-tip pitrolju, pitrolju ieħor, iż-żejt tal-gass/tad-diżil (iż-żejt tal-karburant distillat), id-diżil tat-trasport, iż-żejt tal-gass tat-tisħin u ieħor, iż-żejt tal-karburant (kemm b'kontenut baxx kif ukoll b'kontenut għoli ta' kubrit), l-ispirtu abjad u l-SPB, il-lubrikanti, il-bitum, ix-xemgħat tal-paraffin u l-kokk tal-pitrolju.

Fejn japplika, il-gażolina għall-magni trid tiġi dikjarata f'żewġ kategoriji, jiġifieri:

— il-Gażolina għall-Magni Bla Ċomb: il-gażolina għall-magni fejn is-sustanzi taċ-ċomb ma ġewx miżjuda sabiex tittejjeb il-klassifikazzjoni ta' l-ottanu. Jista' jkun fiha traċċi ta' ċomb organiku.

— il-Gażolina għall-Magni biċ-Ċomb: il-gażolina għall-magni bit-TEL u/jew bit-TML miżjud sabiex tittejjeb il-klassifikazzjoni ta' l-ottanu.

"Prodotti Oħra" tinkludi kemm il-kwantitajiet li jikkorrispondu għad-definizzjoni fil-Kapitolu 4 ta' l-Anness) u minbarra l-kwantitajiet ta' l-ispirtu abjad u ta' l-SPB, tal-lubrikanti, tal-bitum u tax-xemgħat tal-paraffin; dawn il-prodotti ma jridux jiġu ddikjarati separatament.

3.2. **Lista ta' l-aggregati**

Għall-prodotti ta' l-enerġija li ġew elenkati fil-paragrafu preċedenti għandha tiġi dikjarata l-lista ta' l-aggregati li ġejja, ħlief jekk ikun speċifikat mod ieħor.

3.2.1. *Is-Settur tal-Provvista*

It-tabella li ġejja tapplika biss għaż-żejt mhux raffinat, għall-NGL, għall-materja prima tar-raffineriji, għall-addittivi/ossiġenati, għall-bijokarburanti u għal idrokarboni oħra biss:

| | |
|---|---|
| 1. | Il-Produzzjoni Indiġena<br>Mhux applikabbli għall-materja prima tar-raffinerji. |
| 2 | Minn Sorsi Oħra<br>L-Addittivi, il-Bijokarburanti u Idrokarboni Oħra, li l-produzzjoni tagħhom diġà ġiet koperta f'bilanċi oħra ta' karburant.<br>Mhux applikabbli għaż-żejt mhux raffinat, għall-NGL u għall-materja prima tar-raffineriji. |
| 3 | Il-Flussi Lura Mis-Settur Petrokimiku<br>Il-prodotti rfinuti jew semi-rfinuti li jiġu rritornati mill-konsumaturi finali lir-raffineriji għall-ipproċessar, għat-taħlit jew għall-bejgħ. Ġeneralment ikunu prodotti sekondarji tal-manifattura petrokimika.<br>Applikabbli biss għall-materja prima tar-raffineriji. |
| 4 | Il-Prodotti Trasferiti<br>Il-prodotti tal-pitrolju importati li jiġu kklassifikati mill-ġdid bħala materja prima għal iktar ipproċessar fir-raffinerija, mingħajr ma jiġu konsenjati lill-konsumaturi finali.<br>Applikabbli biss għall-materja prima tar-raffineriji. |
| 5 | L-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet<br>Jinkludu l-kwantitajiet ta' żejt mhux raffinat u ta' prodotti importati jew esportati skond ftehim ta' ppproċessar (jiġifieri raffinar akkont). Iż-żejt mhux raffinat u l-NGLs għandhom jiġu rapportati bħala li ġejjin mill-pajjiż ta' l-oriġini aħħarija; il-materja prima tar-raffineriji u l-prodotti rfinuti għandhom jiġu rapportati bħala li ġejjin mill-pajjiż ta' l-aħħar konsenja.<br>Jinkludu kwalunkwe likwidu tal-gass (eż. l-LPG) estratt matul ir-rigassifikazzjoni tal-gass naturali likwifikat importat u tal-prodotti tal-pitrolju importati jew esportati direttament mill-industrija petrokimika.<br>Nota: Il-kummerċ kollu ta' bijokarburanti li ma jkunux ġew imħallta mal-karburanti użati għat-trasport (jiġifieri fil-forma pura tagħhom) għandu jiġi rrappurtat fil-Kwestjonarju dwar l-Enerġiji li Jiġġeddu. |
| 6 | L-Użu Dirett<br>Iż-żejt mhux raffinat, l-NGL u l-idrokarboni l-oħra użati direttament mingħajr ma jkunu ppoċessati fir-raffineriji tal-pitrolju.<br>Jinkludi ż-żejt mhux raffinat maħruq għall-ġenerazzjoni ta' l-elettriku. |
| 7 | Il-bidliet fl-istokk<br>Żieda fl-istokk tintwera bħala numru pożittiv u tnaqqis fl-istokk jintwera bħala numru negattiv. |
| 8 | Il-Konsum kalkulat tar-Raffinerija<br>L-ammont totali tal-prodott kalkulat bħala li ddaħħal fil-proċess tar-raffinerija. Jiġi definit bħala:<br>Il-produzzjoni indiġena + Minn sorsi oħra + Il-Flussi lura mill-industrija + Il-prodotti trasferiti + L-importazzjonijiet – L-esportazzjonijiet – L-użu dirett – Il-bidliet fl-istokk |
| 9 | Id-differenzi statistiċi<br>Definiti bħala l-konsum kalkulat tar-raffinerija mingħajr il-konsum osservat tar-raffinerija. |
| 10 | Il-Konsum Osservat tar-Raffinerija<br>L-ammont mkejla bħala *input* għar-raffineriji |

| | | |
|---|---|---|
| 11 | It-Telf mir-Raffineriji<br>Id-differenza bejn il-konsum tar-raffinerija (osservat) u l-produzzjoni grossa tar-raffinerija. It-telf jista’ jiġri waqt il-proċessi tad-distillazzjoni minħabba l-evaporazzjoni. It-telf rapportat huwa pożittiv. Jista’ jkun hemm żidiet volumetriċi imma l-ebda żieda fil-massa. |
| 12 | Il-produzzjoni ta’ l-ossiġenati<br>Dik il-parti tal-produzzjoni jew minn sorsi oħra li huma l-eteri, bħall-MTBE (il-metil terzjarju butil eteru), it-TAME (it-terzjarju amil metil eteru), l-etanol u l-esters u li tintuża għat-taħlit fil-gażolina u fiż-żejt tal-gass. |

It-tabella li ġejja ma tapplikax għall-materja prima tar-raffinerija u lanqas għall-addittivi/ossiġenati:

| | |
|---|---|
| 1 | L-Irċevuti tal-Prodotti Primarji<br>Jinkludu l-kwantitajiet ta’ żejt mhux raffinat indiġenu jew importat (inkluż il-kondensat) u l-NGL indiġenu użati direttament mingħajr ma ġew ipproċessati f’raffinerija tal-pitrolju u l-kwantitajiet tal-Flussi lura mill-industrija Petrokimika li, għalkemm mhux karburant primarju, jintużaw direttament. |
| 2 | Il-Produzzjoni Grossa tar-Raffinerija<br>Il-produzzjoni tal-prodotti rfinuti f’raffinerija jew f’impjant tat-taħlit.<br>Teskludi t-telf mir-raffineriji, imma tinkludi l-karburant tar-raffinerija. |
| 3 | Il-Prodotti Riċiklati<br>Il-prodotti rfinuti li jgħaddu għat-tieni darba min-network tat-tqegħid fis-suq, wara li jkunu ġew konsenjati darba lill-konsumaturi finali (eż. lubrikanti użati li qed jiġu pproċessati mill-ġdid). Dawn il-kwantitajiet għandhom jingħarfu mill-Flussi lura petrokimiċi. |
| 4 | Il-Karburant tar-Raffineriji<br>Il-prodotti tal-pitrolju konsumati b’appoġġ għat-tħaddim ta’ raffinerija.<br>Jeskludi l-prodotti użati mill-kumpaniji taż-żejt barra mill-proċess ta’ raffinar, eż. il-bunkers jew it-tankers taż-żejt.<br>Jinkludi l-karburanti użati għall-produzzjoni fir-raffineriji ta’ l-elettriku u tas-sħana mibjugħa. |
| 5 | L-Importazzjonijiet u l-Esportazzjonijiet |
| 6 | Il-Bunkers Marittimi Internazzjonali |
| 7 | It-Trasferimenti ta’ l-Interprodotti<br>Il-kwantitajiet li ġew ikklassifikati mill-ġdid jew minħabba li l-ispeċifikazzjoni tagħhom inbidlet jew minħabba li ġew imħallta fi prodott ieħor.<br>Annotazzjoni negattiva għal prodott wieħed tiġi kkumpensata b’annotazzjoni pożittiva (jew b’diversi annotazzjonijiet) għal prodott wieħed jew għal diversi prodotti u viċe versa; l-effett nett totali għandu jkun ta’ żero. |
| 8 | Il-Prodotti Trasferiti<br>Il-prodotti tal-pitrolju importati li jiġu kklassifikati mill-ġdid bħala materja prima għal aktar ipproċessar fir-raffinerija, mingħajr ma jiġu konsenjati lill-konsumaturi finali. |
| 9 | Il-Bidliet fl-istokk<br>Żieda fl-istokk tintwera bħala numru pożittiv u tnaqqis fl-istokk jintwera bħala numru negattiv. |
| 10 | Il-Konsenji Interni Grossi Kalkulati<br>Dawn jiġu definiti bħala:<br>L-irċevuti tal-prodotti primarji + Il-Produzzjoni grossa tar-raffinerija + Il-Prodotti Riċiklati − Il-Karburant tar-Raffineriji + L-Importazzjonijiet − L-Esportazzjonijiet − Il-Bunkers Marittimi Internazzjonali + It-Trasferimenti ta’ l-Interprodotti − Il-Prodotti Trasferiti − Il-Bidliet fl-istokk |
| 11 | Id-Differenza Statistika<br>Definita bħala l-konsenja interna grossa kalkulata mingħajr il-konsenja interna grossa osservata. |
| 12 | Il-Konsenji Interni Grossi Osservati<br>Il-konsenja osservata tal-prodotti tal-pitrolju rfinuti minn sorsi primarji (eż. ir-raffineriji, l-impjanti tat-taħlit, eċċ.) għas-suq intern.<br>Din il-figura tista’ tkun differenti mill-figura kalkulata minħabba, pereżempju, id-differenzi fil-kopertura u/jew id-differenzi fid-definizzjoni fis-sistemi differenti tar-rappurtaġġ. |
| 12.1 | Li minnhom: Il-Konsenji lill-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali |
| 12.2 | Li minnhom: Il-Konsenji lill-Impjanti Pubbliċi ta’ l-Enerġija |
| 12.3 | Li minnhom: Il-Konsenji ta’ l-LPG Awtomottiv |
| 12.4 | Li minnhom: Il-Konsenji (grossi) lis-settur Petrokimiku |

| | |
|---|---|
| 13 | Il-Flussi Lura mis-settur Petrokimiku lir-raffineriji |
| 14 | Il-konsenji interni netti totali |

3.2.2. *L-istokks*

L-istokks tal-ftuħ u ta' l-għeluq li ġejjin iridu jkunu ddikjarati għall-prodotti ta' l-enerġija kollha ħlief għall-gass tar-raffineriji:

| | |
|---|---|
| 1 | L-istokks fit-territorju nazzjonali<br>L-istokks fil-postijiet li ġejjin: it-tankijiet tar-raffineriji, it-terminali li jżommu kwantitajiet kbar ta' materjal (*bulk terminals*), it-tankijiet tal-katusi, iċ-ċattri u t-tankers kostali (meta l-port tat-tluq u tad-destinazzjoni qegħdin fl-istess pajjiż), it-tankers f'port ta' pajjiż membru (jekk il-merkanzija tagħhom se tinħatt fil-port), il-bunkers interni tal-bastimenti. Eskludi l-istokks taż-żejt miżmuma fil-katusi, fil-vaguni tat-tankijiet tal-ferrovija, fil-vaguni tat-tankijiet tat-trakkijet, fil-bunkers tal-bastimenti li jbaħħru, fl-istazzjonijiet tal-petrol, fil-ħwienet kbar tal-bejgħ bl-imnut u fil-bunkers fuq il-baħar. |
| 2 | L-istokks miżmuma għal pajjiżi oħra skond ftehim governattiv bilaterali<br>L-istokks fit-territorju nazzjonali li jappartjenu lil pajjiż ieħor li l-aċċess għalihom huwa ggarantit minn ftehim bejn il-gvernijiet rispettivi. |
| 3 | L-istokks b'destinazzjoni barranija magħrufa<br>L-istokks li mhumiex inklużi fil-punt 2 fit-territorju nazzjonali li jappartjenu lil u huma ddestinati għal pajjiż ieħor. Dawn l-istokks jistgħu jinsabu ġewwa jew barra żoni riservati. |
| 4 | Stokks oħra miżmuma f'żoni riservati<br>Jinkludu stokks li mhumiex inklużi fil-punt 2 jew 3 irrispettivament minn jekk irċevewx awtorizzazzjoni doganali jew le. |
| 5 | L-istokks miżmuma mill-konsumaturi ewlenija<br>Jinkludu l-istokks li jkunu suġġetti għal kontroll governattiv. Din id-definizzjoni ma tinkludix stokks oħra tal-konsumaturi. |
| 6 | L-istokks miżmuma abbord bastimenti ta' l-oċean li deħlin fil-port jew fl-irmiġġ<br>L-istokks irrispettivament minn jekk ingħatawx awtorizzazzjoni doganali jew le. Din il-kategorija teskludi l-istokks abbord bastimenti f'nofs l-ibħra.<br>Jinkludu ż-żejt f'tankers kostali jekk kemm il-port tat-tluq kif ukoll tad-destinazzjoni qegħdin fl-istess pajjiż. Fil-każ tal-bastimenti li jkunu deħlin b'aktar minn port ta' ħatt wieħed, rapporta biss l-ammont li għandu jinħatt fil-pajjiż li jkun qiegħed jirrapporta. |
| 7 | L-istokks miżmuma mill-gvern fit-territorju nazzjonali<br>Jinkludu l-istokks mhux militari miżmuma fit-territorju nazzjonali minn gvern, li huma l-proprjetà tal-gvern jew li huma kkontrollati u miżmuma esklużivament għal finijiet ta' emerġenza.<br>Jeskludu l-istokks miżmuma minn kumpaniji taż-żejt statali jew minn utilitajiet elettriċi jew l-istokks miżmuma direttament minn kumpaniji taż-żejt f'isem il-gvernijiet. |
| 8 | L-istokks miżmuma minn organizzazzjoni li żżomm l-istokks fit-territorju nazzjonali<br>L-istokks miżmuma kemm mill-korporazzjonijiet pubbliċi kif ukoll minn dawk privati li ġew stabbiliti sabiex jinżammu stokks esklużivament għal finijiet ta' emerġenza.<br>Jeskludu l-istokks mandatorji miżmuma minn kumpaniji privati. |
| 9 | L-istokks l-oħra kollha miżmuma fit-territorju nazzjonali<br>L-istokks l-oħra kollha li jissodisfaw il-kondizzjonijiet deskritti fil-punt 1 t'aktar 'il fuq. |
| 10 | L-istokks miżmuma barra mill-pajjiż skond ftehim governattiv bilaterali<br>L-istokks li jappartjenu lil pajjiż li jkun qiegħed jirrapporta imma li jinżammu f'pajjiż ieħor, li l-aċċess għalihom huwa ggarantit permezz ta' ftehim bejn il-gvernijiet rispettivi. |
| 10.1 | Li minnhom: L-Istokks governattivi |
| 10.2 | Li minnhom: L-istokks ta' l-organizzazzjoni *holding* |
| 10.3 | Li minnhom: Stokks oħra |
| 11 | L-istokks miżmuma barra mill-pajjiż magħżula definitivament bħala stokks ta' importazzoni<br>L-istokks li mhumiex inklużi fil-kategorija 10 li jappartjenu lill-Istat tar-rappurtaġġ imma li jinżammu fi Stat ieħor u li qed jistennew li jiġu importati hemmhekk. |
| 12 | Stokks oħra f'żoni riservati<br>Stokks oħra fit-territorju nazzjonali li mhumiex inklużi fil-kategoriji t'aktar 'il fuq. |
| 13 | Il-kontenut tal-katusi<br>Iż-żejt (żejt mhux raffinat u prodotti tal-pitrolju) li jinsabu fil-katusi, li huma meħtieġa sabiex jinżamm il-fluss fil-katusi. |

Minbarra dan, irid ikun hemm dikjarazzjoni għall-analiżi statistika tal-kwantitajiet skond il-pajjiż korrispondenti:

— l-istokks ta' l-għeluq miżmuma għal pajjiżi oħra skond ftehim governattiv bilaterali,

— stokks oħra ta' l-għeluq b'destinazzjoni barranija magħrufa,

— l-istokks ta' l-għeluq miżmuma barra mill-pajjiż skond ftehim governattiv bilterali

— stokks oħra ta' l-għeluq miżmuma barra mill-pajjiż magħżula definittivament sabiex jiġu importati fil-pajjiż li jkun qiegħed jirrapporta.

Stokks tal-ftuħ tfisser l-istokks fl-aħħar jum tax-xahar ta' qabel dak rapportat. Stokks ta' l-għeluq tfisser l-istokks fl-aħħar jum tax-xahar rapportat.

3.2.3. *L-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet*

L-importazzjonijiet skond il-pajjiż ta' l-oriġini, u l-esportazzjonijiet skond il-pajjiż tad-destinazzjoni.

### 3.3. Unitajiet tal-kejl

Il-kwantitajiet ta' l-enerġija: $10^3$ tunnellati metriċi

### 3.4. Noti ġeografiċi

Għal finijiet ta' rappurtaġġ statistiku biss, japplikaw il-kjarifikazzjonijiet tal-Kapitolu 1 fl-Anness A bl-eċċezzjonijiet speċifiċi li ġejjin:

1. id-Danimarka tinkludi l-Gżejjer Faroes u l-Groenlandja.

2. l-Iżvizzera tinkludi l-Liechtenstein.

### 3.5. Derogi u eżenzjonijiet

Mhux applikabbli.

## 4. IL-GASS NATURALI

### 4.1. Il-prodotti ta' l-enerġija applikabbli

Il-gass naturali huwa definit fil-Kapitolu 2 ta' l-Anness B.

### 4.2. Lista ta' l-aggregati

Għall-prodotti ta' l-enerġija kollha li ġew elenkati fil-paragrafu preċedenti għandha tiġi dikjarata l-lista ta' l-aggregati li ġejja, ħlief jekk ikun speċifikat mod ieħor.

4.2.1. *Is-Settur tal-Provvista*

| | |
|---|---|
| 1. | Il-Produzzjoni Indiġena<br>Il-produzzjoni niexfa kollha li tista' titqiegħed fis-suq fi ħdan il-fruntieri nazzjonali, inkluża l-produzzjoni lil hinn mix-xtut. Il-produzzjoni titkejjel wara l-purifikazzjoni u l-estrazzjoni ta' l-NGLs u tal-kubrit.<br>Teskludi t-telf mill-estrazzjoni u l-kwantitajiet li ġew injettati mill-ġdid, tħallew joħorġu minn fetħa jew ġew ivvampjati.<br>Tinkludi l-kwantitajiet użati fi ħdan l-industrija tal-gass naturali; fl-estrazzjoni tal-gass, fis-sistemi tal-katusi u fl-impjanti ta' l-ipproċessar. |
| 2 | L-Importazzjonijiet |

| | |
|---|---|
| 3 | L-Esportazzjonijiet |
| 4 | Il-bidliet fl-istokk<br>Żieda fl-istokk tintwera bħala numru pożittiv u tnaqqis fl-isokk jintwera bħala numru negattiv. |
| 5 | Il-Konsenji Interni Grossi Kalkulati<br>Dawn huma definiti bħala:<br>Il-Produzzjoni Indiġena + l-Importazzjonijiet – L-Esportazzjonijiet – Il-Bidla fl-Istokk |
| 6 | Id-Differenza Statistika<br>Definita bħala l-konsenja interna grossa kalkulata mingħajr il-konsenja interna grossa osservata. |
| 7 | Il-Konsenji Interni Grossi Osservati<br>Jinkludu l-gass użat mill-industrija tal-gass għat-tisħin u għat-tħaddim ta' l-apparat tagħhom (jiġifieri, il-konsum fl-estrazzjoni tal-gass, fis-sistema tal-katusi u fl-impjanti ta' l-ipproċessar) u t-telf mid-distribuzzjoni. |
| 8 | Il-livelli ta' l-istokks tal-ftuħ u ta' l-għeluq miżmuma fit-territorju nazzjonali<br>Il-kwantitajiet maħżuna f'faċilitajiet ta' ħażna speċjali (faċilità żvojtata tal-gass u/jew taż-żejt, akwiferu, kavità tal-melħ, kaverni mħallta jew oħra) kif ukoll ħażna tal-gass naturali likwifikat. Stokks tal-ftuħ tfisser l-istokks fl-aħħar jum tax-xahar ta' qabel dak rapportat. Stokks ta' l-għeluq tfisser l-istokks fl-aħħar jum tax-xahar rapportat. |
| 9 | L-użu minnhom stess u t-telf ta' l-industrija tal-gass naturali<br>Il-kwantitajiet ta' l-użu mill-industrija tal-gass stess għat-tisħin u għat-tħaddim ta' l-apparat tagħha (jiġifieri l-konsum fl-estrazzjoni tal-gass, fis-sistema tal-katusi u fl-impjanti ta' l-ipproċessar).<br>Jinkludi t-telf mid-distribuzzjoni. |

4.2.2. *L-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet*

L-importazzjonijiet skond il-pajjiż ta' l-oriġini, u l-esportazzjonijiet skond il-pajjiż tad-destinazzjoni.

4.3. **Unitajiet tal-kejl**

Il-kwantitajiet iridu jiġu ddikjarati f'żewġ unitajiet:

— fil-kwantità fiżika, f'$10^6$ $m^3$ jekk wieħed jassumi kondizzjonijiet ta' referenza għall-gassijiet (15 °C, 101 325 kPa),

— f'kontenut ta' enerġija, jiġifieri f'TJ, ibbażat fuq il-valur kalorifiku gross.

4.4. **Derogi u eżenzjonijiet**

Mhux applikabbli.

5. ID-DISPOŻIZZJONIJIET APPLIKABBLI

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin japplikaw għall-ġbir tad-data kif ġie deskritt fil-kapitoli preċedenti kollha:

1. Il-perijodu rapportat:

   Xahar kalendarju.

2. Il-frekwenza

   Kull xahar.

3. L-iskadenza għat-trażmissjoni tad-data

   Fi ħdan tliet xhur wara x-xahar rapportat.

4. Il-format u l-metodu tat-trażmissjoni

   Il-format tat-trażmissjoni għandu jikkonforma ma' standard adattat ta' skambju li ġie speċifikat mill-Eurostat.

   Id-data għandha tiġi trażmessa jew imtella' b'mezzi elettroniċi għall-punt tad-dħul waħdieni għad-data fil-Eurostat.

*ANNESS D*

**L-ISTATISTIKA TA' KULL XAHAR TUL MEDDA QASIRA TA' ŻMIEN**

Dan l-anness jiddeskrivi l-ambitu, l-unitajiet, il-perijodu rapportat, il-frekwenza, l-iskadenza u l-modalitajiet tat-trażmissjoni għall-ġbir ta' kull xahar tul medda qasira ta' żmien tad-data statistika.

L-Anness A japplika għal spjegazzjonijiet tat-termini li għalihom mhix provduta spjegazzjoni speċifika f'dan l-anness.

1. IL-GASS NATURALI

1.1. **Il-prodotti ta' l-enerġija applikabbli**

Dan il-kapitolu jkopri l-gass naturali biss. Il-gass naturali huwa definit fil-Kapitolu 2 ta' l-Anness B.

1.2. **Lista ta' l-aggregati**

Għandha tiġi ddikjarata l-lista ta' l-aggregati li ġejja.

| | |
|---|---|
| 1 | Il-Produzzjoni |
| 2 | L-Importazzjonijiet |
| 3 | L-Esportazzjonijiet |
| 4 | Il-bidla fl-istokk<br>Żieda fl-istokk tintwera bħala numru negattiv u tnaqqis fl-istokk jintwera bħala numru pożittiv. |
| 5 | Il-Provvista<br>Din tiġi kalkulata bħala:<br>Il-produzzjoni + l-importazzjonijiet – l-esportazzjonijiet + il-bidla fl-istokk |

1.3. **Unitajiet tal-kejl**

Iridu jiġu ddikjarati l-kwantitajiet ta' gass naturali f'TJ, ibbażati fuq il-valur kalorifiku gross.

1.4. **Dispożizzjonijiet oħra applikabbli**

1. Il-perijodu rapportat:

   Xahar kalendarju.

2. Il-frekwenza

   Kull xahar.

3. L-iskadenza għat-trażmissjoni tad-data

   Fi żmien xahar wara x-xahar rapportat.

4. Il-format u l-metodu tat-trażmissjoni

   Il-format tat-trażmissjoni għandu jikkonforma ma' standard adattat ta' skambju li ġie speċifikat mill-Eurostat.

   Id-data għandha tiġi trażmessa jew imtella' b'mezzi eletroniċi għall-punt tad-dħul waħdieni għad-data fil-Eurostat.

1.5. **Derogi u eżenzjonijiet**

Il-Ġermanja hija eżentata minn dan il-ġbir tad-data.

2. L-ELETTRIKU

2.1. **Il-prodotti ta' l-enerġija applikabbli**

Dan il-kapitolu jkopri l-elettriku biss.

2.2. **Lista ta' l-aggregati**

Għandha tiġi dikjarata l-lista ta' l-aggregati li ġejja.

| | |
|---|---|
| 1 | Il-produzzjoni totali ta' l-elettriku<br>Il-kwantità grossa totali ta' l-elettriku ġġenerat.<br>Tinkludi l-konsum ta' l-impjanti ta' l-enerġija stess. |
| 2 | L-Importazzjonijiet |
| 3 | L-Esportazzjonijiet |
| 4 | Il-Provvista Grossa ta' l-Elettriku<br>Din tiġi kalkulata bħala:<br>Il-produzzjoni totali ta' l-elettriku + l-importazzjonijiet – l-esportazzjonijiet |

2.3. **Unitajiet tal-kejl**

Il-kwantitajiet ta' l-enerġija jridu jkunu espressi f'GWh

2.4. **Dispożizzjonijiet applikabbli oħra**

1. Il-perijodu rapportat:

   Xahar kalendarju.

2. Il-Frekwenza

   Kull xahar.

3. L-iskadenza għat-trażmissjoni tad-data

   Fi ħdan xahar wara x-xahar rapportat.

4. Il-format u l-metodu tat-trażmissjoni

   Il-format tat-trażmissjoni għandu jikkonforma ma' standard adattat ta' skambju li ġie speċifikat mill-Eurostat.

   Id-data għandha tiġi trażmessa jew imtella' b'mezzi eletroniċi għall-punt tad-dħul waħdieni għad-data fil-Eurostat.

2.5. **Derogi u eżenzjonijiet**

Il-Ġermanja hija eżentata minn dan il-ġbir tad-data.

3. IŻ-ŻEJT U L-PRODOTTI TAL-PITROLJU

Din il-ġabra tad-data hija komunement magħrufa bħala l-"Kwestjonarju JODI".

3.1. **Il-prodotti ta' l-enerġija applikabbli**

Ħlief jekk ikun speċifikat mod ieħor din il-ġabra tad-data tapplika għall-prodotti ta' l-enerġija li ġejjin kollha, li għalihom japplikaw id-definizzjonijiet fil-Kapitolu 4 ta' l-Anness B: iż-żejt mhux raffinat, l-LPG, il-gażolina (li hija s-somma tal-gażolina għall-magni u tal-gażolina għall-avjazzjoni), il-pitrolju (li huwa s-somma ta' jet fuel tat-tip pitrolju u ta' pitrolju ieħor), iż-żejt tal-gass/tad-diżil u ż-żejt tal-karburant (kemm b'kontenut baxx kif ukoll b'kontenut għoli ta' kubrit).

Minbarra dan, din il-ġabra tad-data tapplika wkoll għaż-"żejt totali", li jfisser is-somma ta' dawn il-prodotti kollha ħlief iż-żejt mhux raffinat, u li jrid kinkludi wkoll prodotti tal-pitrolju oħra, bħall-gass tar-raffineriji, l-etanu, in-nafta, il-kokk tal-pitrolju, l-ispirtu abjad u l-SPB, ix-xemgħat tal-paraffin, il-bitum, il-lubrikanti u oħrajn.

3.2. **Lista ta' l-aggregati**

Għall-prodotti ta' l-enerġija kollha li ġew elenkati fil-paragrafu preċedenti għandha tiġi dikjarata l-lista' ta' l-aggregati li ġejja, ħlief jekk ikun speċifikat mod ieħor.

3.2.1. *Is-Settur tal-Provvista*

It-tabella li ġejja tapplika biss għaż-żejt mhux raffinat:

| | |
|---|---|
| 1 | Il-Produzzjoni |
| 2 | L-Importazzjonijiet |
| 3 | L-Esportazzjonijiet |
| 4 | L-Istokk ta' l-Għeluq |
| 5 | Il-bidla fl-istokk<br>Żieda fl-istokk tintwera bħala numru pożittiv u tnaqqis fl-istokk jintwera bħala numru negattiv. |
| 6 | Il-Konsum tar-Raffinerija<br>L-ammont ta' materjal ipproċessat mir-raffinerija li ġie osservat. |

It-tabella li ġejja tapplika għaż-żejt mhux raffinat, għall-LPG, għall-gażolina, għall-pitrolju, għaż-żejt tal-gass/tad-diżil, għaż-żejt tal-karburant u għaż-żejt totali:

| | |
|---|---|
| 1 | Il-Produzzjoni tar-Raffinerija<br>Il-produzzjoni grossa, inkluż il-karburant tar-raffineriji. |
| 2 | L-Importazzjonijiet |
| 3 | L-Esportazzjonijiet |
| 4 | L-Istokk ta' l-Għeluq |
| 5 | Il-bidla fl-istokk<br>Żieda fl-istokk tintwera bħala numru pożittiv u tnaqqis fl-istokk jintwera bħala numru negattiv. |
| 6 | Id-Domanda<br>Il-konsenji jew il-bejgħ lis-suq intern (il-konsum domestiku) flimkien mal-Karburant tar-Raffineriji flimkien mal-Bunkers Marittimi u ta' l-Avjazzjoni Internazzjonali. Id-Domanda għaż-Żejt Totali tinkludi ż-Żejt Mhux Raffinat. |

3.3. **Unitajiet tal-kejl**

Il-kwantitajiet ta' l-enerġija: $10^3$ tunnellati metriċi

3.4. **Dispożizzjonijiet applikabbli oħra**

1. Il-perijodu rapportat:

   Xahar kalendarju.

2. Il-Frekwenza

Kull xahar.

3. L-iskadenza għat-trażmissjoni tad-data

Fi ħdan 25 jum wara x-xahar rapportat.

4. Il-format u l-metodu tat-trażmissjoni

Il-format tat-trażmissjoni għandu jikkonforma ma’ standard adattat ta’ skambju li ġie speċifikat mill-Eurostat.

Id-data għandha tiġi trażmessa jew imtella’ b’mezzi eletroniċi għall-punt tad-dħul waħdieni għad-data fil-Eurostat.

3.5. **Derogi u eżenzjonijiet**

Mhux applikabbli.

# REGOLAMENT (KE) Nru 1100/2008 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tat-22 ta' Ottubru 2008

## dwar l-eliminazzjoni ta' kontrolli li jsiru mal-fruntieri ta' Stati Membri fil-qasam ta' trasport bit-triq u b'passaġġi ta' l-ilma interni

**(Verżjoni kodifikata)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4060/89 tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar l-eliminazzjoni ta' kontrolli li jsiru mal-fruntieri ta' Stati Membri fil-qasam ta' trasport bit-triq u b'passaġġi ta' l-ilma interni ([3]) ġie emendat b'mod sostanzjali ([4]). Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kodifikat.

(2) Element importanti tal-politika komuni tat-trasport taħt it-Trattat huwa li tinkiseb libertà biex tipprovdi servizzi fil-qasam tat-trasport. Konsegwentement, huwa l-għan ta' dik il-politika li tiżdied il-fluwidità tal-moviment tal-mezzi differenti ta' trasport fi ħdan il-Komunità.

(3) Kif previst b'leġislazzjoni Komunitarja u nazzjonali eżistenti fil-qasam ta' trasport bit-triq u b'passaġġi ta' l-ilma interni, l-Istati Membri jistgħu jiċċekkjaw, jagħmlu verifiki u ispezzjonijiet fir-rigward ta' karatteristiċi tekniċi, awtorizzazzjonijiet u dokumentazzjoni oħra li vetturi u bastimenti fuq passaġġi ta' l-ilma intern għandhom ikunu konformi magħhom. Dan l-iċċekkjar u dawn il-verifiki u ispezzjonijiet għadhom b'mod ġenerali ġustifikati sabiex jiġi evitat tfixkil għall-organizzazzjoni tas-suq tat-trasport u sabiex tiġi żgurata sigurtà fit-toroq u fil-passaġġi ta' l-ilma intern.

(4) Taħt il-leġislazzjoni Komunitarja eżistenti, l-Istati Membri jistgħu jorganizzaw liberament u jwettqu ċċekkjar, verifiki u ispezzjonijiet kif imsemmi hawn fuq fejn jixtiequ.

(5) Dan l-iċċekkjar u dawn il-verifiki u ispezzjonijiet jistgħu jsiru b'effikaċja ugwali fit-territorju kollu ta' l-Istati Membri konċernati u, għalhekk, il-qsim tal-fruntiera m'għandux iservi bħala pretest sabiex jitwettqu dawn il-ħidmiet,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Dan ir-Regolament japplika għal kontrolli mwettaqa mill-Istati Membri skond il-liġi Komunitarja jew nazzjonali fl-oqsma ta' trasport bit-triq u b'passaġġi ta' l-ilma interni li jistgħu jitwettqu permezz ta' mezzi tat-trasport reġistrati jew imqiegħda f'ċirkolazzjoni ġewwa Stat Membru.

*Artikolu 2*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "fruntiera" tfisser fruntiera interna ġewwa l-Komunità jew fruntiera esterna, fejn il-ġarr bejn Stati Membri jinvolvi passaġġ minn pajjiż terz;

(b) "kontroll" ifisser kull iċċekkjar, ispezzjoni, verifikazzjoni jew formalità mwettqa fil-fruntieri ta' l-Istati Membri mill-awtoritajiet nazzjonali, li tfisser waqfien jew restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-vetturi jew bastimenti konċernati.

*Artikolu 3*

Il-kontrolli msemmija fl-Anness I, li jitwettqu skond il-liġi Komunitarja jew nazzjonali fl-oqsma ta' trasport bit-triq jew b'passaġġi ta' l-ilma interni bejn Stati Membri, m'għandhomx jitwettqu bħala kontroll tal-fruntieri iżda biss bħala parti mill-proċeduri normali ta' kontroll applikati b'mod mhux diskriminatorju ġewwa t-territorju kollu ta' Stat Membru.

*Artikolu 4*

Kif u meta meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tipproponi emendi għall-Anness I sabiex jittieħed kont ta' l-iżviluppi teknoloġiċi fil-qasam kopert b'dan ir-Regolament.

*Artikolu 5*

Ir-Regolament (KEE) Nru 4060/89, kif emendat permezz tar-Regolament elenkat fl-Anness II, huwa mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

([1]) ĠU C 324, 30.12.2006, p. 47.

([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Diċembru 2006 (ĠU C 317 E, 23.12.2006, p. 599) u Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2008

([3]) ĠU L 390, 30.12.1989, p. 18.

([4]) Ara l-Anness II.

*Artikolu 6*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, 22 ta' Ottubru 2008.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | J.-P. JOUYET |

*ANNESS I*

**PARTI 1**

LIĠI KOMUNITARJA

*Taqsima 1*

**Direttivi**

(a) L-Artikolu 6(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità id-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali ([1]), li jistipula li l-vetturi jistgħu jkunu suġġetti, fir-rigward ta' l-istandards komuni dwar il-piżijiet għal ispezzjonijiet każwali u, fir-rigward ta' l-istandards komuni dwar id-dimensjonijiet, biss għal ispezzjonijiet fejn ikun hemm suspett ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet tagħha;

(b) L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 96/96/KE ta' l-20 ta' Diċembru 1996 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-testijiet dwar jekk il-vetturi u l-karrijiet tagħhom humiex tajba għat-triq ([2]), li jistipula li kull Stat Membru għandu jagħraf il-prova maħruġa minn kull Stat Membru ieħor li vettura tkun għaddiet mit-test li juri li hija tajba għat-triq; dan l-att ta' rikonoxximent jimplika li verifika mill-awtoritajiet nazzjonali tista' ssir kullimkien fit-territorji tagħhom;

(ċ) L-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2006/1/KE tal-Parlamemt Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq ([3]), li jistabbilixxi li prova ta' konformità mad-Direttiva tingħata permezz ta' numru ta' dokumenti li jridu jinżammu abbord il-vettura mikrija, viz., il-kuntratt tal-kirja u l-kuntratt ta' impjieg tas-sewwieq;

(d) L-Artikolu 3(3), (4) u (5) tad-Direttiva tal-Kunsill 76/135/KEE ta' l-20 ta' Jannar 1976 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' liċenzji għan-navigabbilità għall-bastimenti tal-passaġġi ta' l-ilma intern ([4]), li jistipula li l-liċenzja ta' navigabbilità, ċertifikati jew awtorizazzjonijiet iridu jintwerew fuq talba mill-awtoritajiet nazzjonali;

(e) L-Artikolu 17(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 82/714/KEE ta' l-4 ta' Ottubru 1982 li tistabbilixxi rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni ([5]), li jipprovdi li l-Istati Membri jistgħu f'kull ħin jikkontrollaw li kull bastiment ikollu abbord ċertifikat validu skond it-termini tad-Direttiva.

*Taqsima 2*

**Regolamenti**

(a) L-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 684/92 tas-16 ta' Marzu 1992 dwar regoli komuni għat-trasport internazzjonali ta' passiġġieri bil-*coach* u bix-xarabank ([6]), li jintitolaw lil kull uffiċjal ta' ispezzjoni awtorizzat biex jivverifika u jikkontrolla l-biljetti tat-trasport u d-dokumenti ta' awtorizzazzjonji jew ta' kontroll previsti fir-Regolament;

(b) L-Artikolu 18 tar-Regolament (KEE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill -tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali relatata mat-trasport bit-triq ([7]), li tintitola lill-Istati Membri li jadottaw miżuri li jkopru, *inter alia*, l-organizzazzjoni ta', proċedura għal u mezz ta' sistema ta' kull kontroll li tiżgura li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament ġew osservati;

(ċ) L-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 ta' l-20 ta' Diċembru 1985 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat -trasport bit- triq ([8]), li jintitola lill-Istati Membri li jadottaw miżuri li jkopru, *inter alia*, l-organizzazzjoni tal-proċedura għal, u l-mezz ta' kif għandhom isiru, kontrolli dwar jekk l-apparat josservax id-dispożizzjonijiet tar-Regolament;

([1]) ĠU L 235, 17.9.1996, p. 59.
([2]) ĠU L 46, 17.2.1997, p. 1.
([3]) ĠU L 33, 4.2.2006, p. 82.
([4]) ĠU L 21, 29.1.1976, p. 10.
([5]) ĠU L 301, 28.10.1982, p. 1.
([6]) ĠU L 74, 20.3.1992, p. 1.
([7]) ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1.
([8]) ĠU L 370, 31.12.1985, p. 8.

(d) L-Artikolu 5(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 881/92 tas-26 ta' Marzu 1992 dwar l-aċċess għas-suq tat-trasport ta' merkanzija bit-triq fil-Komunità lejn jew mit-territorju ta' Stat Membru jew li jgħaddi mit-territorju ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri ([1]), li jipprovdi li għandha tinżamm kopja attestata vera ta' l-awtorizzazzjoni tal-Komunità fil-vettura u għandha tiġi murija meta dan ikun mitlub minn uffiċjal awtorizzat li jagħmel dawn l-ispezzjonijiet.

## PARTI 2

### LIĠI NAZZJONALI

(a) Kontrolli fuq liċenzi tas-sewqan ta' persuni li jsuqu vetturi għall-ġarr ta' oġġetti u persuni

(b) Kontrolli dwar il-mezzi ta' trasport ta' oġġetti perikolużi u b'mod partikolari:

(i) Dokumenti

- Ċertifikat ta' taħriġ ta' sewwieq
- Istruzzjonijiet dwar sigurtà
- Ċertifikat ta' approvazzjoni (ADR jew standards ekwivalenti)
- Kopja tad-deroga, jekk applikabbli (ADR jew standards ekwivalenti)

(ii) Identifikazzjoni tal-vettura li ġġorr l-oġġetti perikolużi

- Pjanċa oranġjo
  - konformità
  - tqegħid fuq il-vettura
- Tabella fuq il-vettura li tindika periklu
  - konformità
  - tqegħid fuq il-vettura
- Pjanċa ta' l-identifikazzjoni tat-tank (għal tankijiet fissi, li jistgħu jiġu żmuntati jew kontenituri)
  - preżenza u leġibbiltà
  - data ta' l-aħħar ispezzjoni
  - timbru tal-korp li għamel l-ispezzjoni

(iii) Tagħmir tal-vettura (ADR jew standards ekwivalenti)

- Ċilindru addizzjonali għat-tifi tan-nar
- Apparat speċjali

(iv) Tagħbija tal-vettura

- Tagħbija żejda (skond il-kapaċità tat-tank)
- Sigurtà ta' pakketti
- Projbizzjoni ta' tagħbija mħallta

([1]) ĠU L 95, 9.4.1992, p. 1.

(ċ) Kontrolli dwar il-mezzi ta' trasport ta' oġġetti deterjorabbli ta' l-ikel u b'mod partikolari:

(i) Dokumenti

— Ċertifikat ta' konformità għat-tagħmir

(ii) Apparat speċjali użat għall-ġarr ta' oġġetti deterjorabbli ta' l-ikel

— Pjanċa ta' konformità

— Marki ta' identifikazzjoni

(iii) Operazzjoni ta' tagħmir speċjali

— Kondizzjonijiet tat-temperatura.

*ANNESS II*

**REGOLAMENT IMĦASSAR FLIMKIEN MA' L-EMENDA TIEGĦU**

**(kif imsemmi fl-Artikolu 5)**

| | |
|---|---|
| Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4060/89 | (ĠU L 390, 30.12.1989, p. 18) |
| Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3356/91 | (ĠU L 318, 20.11.1991, p. 1) |

*ANNESS III*

**TABELLA TA' KORRELAZZJONI**

| Regolament (KEE) Nru 4060/89 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Artikolu 2 | Artikolu 2 |
| Artikolu 3 | Artikolu 3 |
| Artikolu 3a | Artikolu 4 |
| Artikolu 4 | Artikolu 6 |
| — | Artikolu 5 |
| Anness Parti 1, Direttivi (a) | Anness I, Parti 1, Taqsima 1 (a) |
| Anness, Parti 1, Direttivi (b) | Anness I, Parti 1, Taqsima 1 (b) |
| Anness, Parti 1, Direttivi (ċ) | Anness I, Parti 1, Taqsima 1(ċ) |
| Anness, Parti 1, Direttivi (d) | — |
| Anness, Parti 1, Direttivi (e) | Anness 1, Parti1, Taqsima 1(d) |
| Anness, Parti 1, Direttivi (f) | Anness 1, Parti 1, Taqsima 1(e) |
| Anness, Parti 1, Regolamenti (a) | Anness 1, Parti 1, Taqsima 2 (a) |
| Anness, Parti1, Regolamenti (b) | — |
| Anness, Parti 1, Regolamenti (ċ) | — |
| Anness, Parti 1, Regolamenti (d) | Anness I, Parti 1, Taqsima 2(b) |
| Anness, Parti 1, Regolamenti (e) | Anness I, Parti1, Taqsima 2(ċ) |
| Anness, Parti1, Regolamenti (f) | Anness I, Parti 2, Tasima 2(d) |
| Anness, Parti 2 | Anness I, Parti 2 |
| — | Anness II |
| — | Anness III |

# REGOLAMENT (KE, EURATOM) Nru 1101/2008 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tat-22 ta' Ottubru 2008

## dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej

**(Verżjoni kodifikata)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 187 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([1]),

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KEE) Nru 1588/90 tal-11 ta' Ġunju 1990 dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej ([2]) ġiet emendata kemm-il darba ([3]) u b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kodifikat.

(2) Biex tkun tista' twettaq id-dmirijiet tagħha fdati lilha mit-Trattati, il-Kummissjoni għandha jkollha informazzjoni kompleta u affidabbli. Fl-interess ta' amministrazzjoni effiċjenti, l-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-"Eurostat", għandu jkun jista' jikseb l-informazzjoni statistika nazzjonali kollha meħtieġa sabiex jipprepara l-istatistika Komunitarja u jwettaq l-analiżi meħtieġa.

(3) L-Artikolu 10 tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 192 tat-Trattat Euratom, jeżiġi li l-Istati Membri jiffaċilitaw it-twettiq tal-kompiti tal-Komunità. Din l-obbligazzjoni testendi għall-provvista ta' l-informazzjoni kollha meħtieġa għal dan il-għan. Barra minn hekk in-nuqqas ta' *data* statistika kunfidenzjali tikkostitwixxi għall-Eurostat telf konsiderevoli ta' informazzjoni fil-livell tal-Komunità u jagħmilha diffiċli li tithejja statistika u li jitwettqu l-analiżi tal-Komunità.

(4) L-Istati Membri m'għandhomx aktar raġuni biex jinvokaw id-dispożizzjonijiet dwar kunfidenzjalità statistika minħabba li l-Eurostat toffri l-istess garanziji ta' kunfidenzjalità ta' *data* bħal dawk ta' l-istituti nazzjonali ta' l-istatistika. Dawn il-garanziji huma diġà sa ċertu punt stabbiliti fit-Trattati tal-Komunità notevolment fl-Artikolu 287 tat-Trattat tal-KE, l-Artikolu 194(1) tat-Trattat Euratom, u l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, ECSC) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968, li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali u l-kondizzjonijiet ta' impjiegi ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej ([4]), u jistgħu jiġu sostnuti b'miżuri adatti taħt dan ir-Regolament.

(5) Kull ksur tal-kunfidenzjalità statistika koperta b'dan ir-Regolament għandu jiġi indirizzat b'mod effettiv, ikun min ikun dak li jwettaq il-ksur.

(6) Kull ksur tar-regoli li jorbtu lill-uffiċjali u ħaddiema oħra li jaħdmu għall-Eurostat, sew jekk magħmul xjentement jew b'negliġenza, jirrendihom responsabbli għal sanzjonijiet penali u, fejn ikun il-każ, penalitajiet legali għall-ksur tas-segretezza professjonali, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 12 u 18, flimkien, tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej.

(7) Dan ir-Regolament japplika biss għat-trażmissjoni lill-Eurostat ta' *data* statistika li, fil-qasam tal-kompetenza ta' l-istituti nazzjonali ta' l-istatistika, huma koperti bil-kunfidenzjalità statistika, u ma jaffettwax id-dispożizzjonijiet nazzjonali jew tal-Komunità li jirrelataw mat-trażmissjoni ta' tipi oħra ta' informazzjoni lill-Kummissjoni.

(8) Dan ir-Regolament għandu jiġi adottat mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 296(1)(a) tat-Trattat KE, li taħtu ebda Stat Membru ma huwa meħtieġ li jipprovdi informazzjoni li l-iżvelar tagħha jitqies minnu bħala kuntrarju għall-interessi essenzjali tas-sigurtà tiegħu.

(9) L-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jinsabu f'dan ir-Regolament, u b'mod partikolari dawk maħsuba biex jiżguraw il-protezzjoni ta' *data* statistika kunfidenzjali trażmessa lill-Eurostat, teħtieġ riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji.

([1]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Diċembru 2006 (ĠU C 317 E, 23.12.2006, p. 600) u Deċiżjoni tal-Kunsill ta' 25 ta' Settembru 2008.
([2]) ĠU L 151, 15.6.1990, p. 1.
([3]) Ara l-Anness I.
([4]) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

(10) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni ([1]),

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. L-għan ta' dan ir-Regolament huwa:

(a) li jawtorizza lill-awtoritajiet nazzjonali biex jittrażmettu data statistika kunfidenzjali lill-Uffiċju Statistiku tal-Komunitajiet Ewropej (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Eurostat");

(b) li jipprovdi garanzija li l-Kummissjoni tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura l-kunfidenzjalità tad-data hekk trażmessa.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-kunfidenzjalità statistika. Huwa m'għandux jaffettwa dispożizzjonijiet speċjali, tal-Komunità jew nazzjonali, li jissalvagwardjaw kunfidenzjalità diversa mill-kunfidenzjalità statistika.

*Artikolu 2*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-termini li ġejjin huma definiti kif ġej:

(a) *data* ta' statistika kunfidenzjali: *data* definita fl-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar l-Istatistika tal-Komunità ([2]);

(b) awtoritajiet nazzjonali: istituti nazzjonali ta' l-istatistika u korpi oħra nazzjonali responsabbli għall-ġbir u l-użu ta' statistika għall-Komunitajiet;

(ċ) informazzjoni dwar il-ħajja privata ta' persuni fiżiċi: informazzjoni dwar il-ħajja privata u tal-familja ta' persuni fiżiċi kif definita mil-leġislazzjoni jew prattika nazzjonali fl-Istati Membri varji;

(d) użu għall-finijiet ta' statistika: użu esklussivament għall-kompilazzjoni ta' tabelli ta' statistika jew analiżi statistiċi ekonomiċi; ma jistgħux jintużaw għall-finijiet amministrattivi, legali jew ta' taxxa jew għall-verifiki kontra l-unitajiet mistħarrġa;

(e) unità statistika: unità bażika li għaliha tirriferi d-*data* statistika trażmessa lill-Eurostat;

(f) identifikazzjoni diretta: identifikazzjoni ta' unità statistika minn isimha jew l-indirizz, jew minn numru ta' identifikazzjoni uffiċjalment allokat u ppubblikat;

(g) identifikazzjoni indiretta: il-possibbiltà li tiġi dedotta l-identità ta' unità statistika minbarra mill-informazzjoni msemmija fil-punt (f);

(h) uffiċjali ta' l-Eurostat: uffiċjali tal-Komunitajiet fis-sens ta' l-Artikolu 1 tar-Regolamenti dwar Impjiegi ta' Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, li jaħdmu fl-Eurostat;

(i) persunal ieħor ta' l-Eurostat: persunal tal-Komunitajiet fis-sens ta' l-Artikoli 2 sa 5 tal-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, li jaħdmu fl-Eurostat;

(j) disseminazzjoni: il-provvista ta' *data* irrispettivament mill-forma tagħha: pubblikazzjonijiet, aċċess għal databases, microfiches, komunikazzjonijiet bit-telefon, eċċ.

*Artikolu 3*

1. L-awtoritajiet nazzjonali huma b'dan awtorizzati li jittrażmettu *data* kunfidenzjali statistika lill-Eurostat.

2. Ir-regoli nazzjonali dwar kunfidenzjalità statistika ma jistgħux jiġu invokati biex jipprevjenu t-trażmissjoni ta' *data* statistika kunfidenzjali lill-Eurostat fejn att tal-liġi tal-Komunità li jirregola statistika tal-Komunità jipprovdi għat-trażmissjoni ta' dik id-*data*.

3. It-trażmissjoni lill-Eurostat ta' *data* statistika kunfidenzjali, fis-sens tal-paragrafu 2, għandha titwettaq b'tali mod li l-unitajiet statistiċi ma jkunux jistgħu jiġu direttament identifikati. Dan ma jipprekludix l-ammissibbiltà ta' regoli ta' trażmissjoni aktar estensivi skond il-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri.

4. L-awtoritajiet nazzjonali m'għandhomx ikunu obbligati li jittrażmettu informazzjoni dwar il-ħajja privata ta' persuni fiżiċi lill-Eurostat jekk l-informazzjoni trażmessa tippermetti li dawk il-persuni jkunu identifikati direttament jew indirettament.

*Artikolu 4*

1. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa regolatorji, amministrattivi, tekniċi u organizzattivi biex tiżgura l-kunfidenzjalità tad-*data* statistika trażmessa mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri lill-Eurostat skond l-Artikolu 3.

2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-proċeduri għat-trażmissjoni ta' *data* statistika kunfidenzjali lill-Eurostat u l-prinċipji għall-protezzjoni ta' dik id-*data* skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 7(2).

([1]) ĠU L 184 17.7.1999, p. 23.

([2]) ĠU L 52, 22.2.1997, p. 1.

*Artikolu 5*

1. Il-Kummissjoni għandha tagħti istruzzjonijiet lid-Direttur Ġenerali ta' l-Eurostat biex jiżgura l-protezzjoni tad-*data* trażmessa mill-awtoritajiet nazzjonali ta' l-Istati Membri lill-Eurostat. Hija għandha tistabbilixxi l-arranġamenti għall-organizzazzjoni interna ta' l-Eurostat sabiex tiżgura dik il-protezzjoni, wara li tikkonsulta mal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 7(1).

2. Id-*data* kunfidenzjali trażmessa lill-Eurostat għandha tkun aċċessibbli biss għall-uffiċjali ta' l-Eurostat u tista' tintuża minnhom esklussivament għall-finijiet ta' statistika.

3. Madankollu, il-Kummissjoni tista' tagħti aċċess għal *data* statistika kunfidenzjali lil ħaddiema oħra ta' l-Eurostat kif ukoll lil persuni oħra fiżiċi li jaħdmu fil-proprjetà ta' l-Eurostat taħt kuntratt, f'każijiet speċjali u esklussivament għall-finijiet ta' statistika. Il-proċeduri għal dak l-aċċess għandhom ikunu stabbiliti mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 7(2).

4. Id-*data* statistika kunfidenzjali fil-pussess ta' l-Eurostat tista' tiġi disseminata biss meta magħquda ma' *data* oħra f'forma li tiżgura li l-unitajiet statistiċi ma jkunux jistgħu jiġu identifikati la direttament u lanqas indirettament.

5. L-Uffiċjali u ħaddiema oħra ta' l-Eurostat u persuni oħra fiżiċi li jaħdmu fil-proprjetà ta' l-Eurostat taħt kuntratt ma jistgħux jużaw jew jiddisseminaw din id-*data* għal finijiet minbarra dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament. Din il-projbizzjoni għandha tkompli tapplika ukoll wara t-trasferiment, terminazzjoni ta' servizz jew irtirar.

6. Il-miżuri ta' protezzjoni msemmija fil-paragrafi 1 sa 5 għandhom japplikaw għal:

(a) kull data statistika kunfidenzjali li t-trażmissjoni tagħha lill-Eurostat hija koperta b'att tal-liġi Komunitarja li jirregola xi statistika Komunitarja,

(b) kull data statistika kunfidenzjali trażmessa volontarjament mill-Istati Membri lill-Eurostat.

*Artikolu 6*

L-Istati Membri għandhom, qabel l-1 ta' Jannar 1992, jieħdu miżuri adatti biex jirrestrinġu kull ksur ta' l-obbligu li tinżamm is-segretezza ta' *data* kunfidenzjali trażmessa skond l-Artikolu 3. Dawn il-miżuri għandhom għall-inqas jikkonċernaw ksur imwettaq fit-territorju ta' l-Istat Membru konċernat, minn uffiċjali jew ħaddiema oħra ta' l-Eurostat u minn persuni oħra fiżiċi li jaħdmu taħt kuntratt fil-proprjetà ta' l-Eurostat.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bil-miżuri meħuda. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra.

*Artikolu 7*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat dwar il-Kunfidenzjalità ta' l-Istatistika, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat".

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

*Artikolu 8*

Il-Kumitat għandu jeżamina l-kwistjonijiet, li jirrelataw ma' l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, imqajma mill-president tiegħu, kemm fuq inizjattiva tiegħu stess kif ukoll fuq it-talba ta' rappreżentant ta' Stat Membru.

*Artikolu 9*

Ir-Regolament (Euratom, KEE) Nru 1588/90, kif emendat mir-Regolamenti elenkati fl-Anness I, huwa b'dan mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

*Artikolu 10*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, 22 ta' Ottubru 2008.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | J.-P. JOUYET |

*ANNESS I*

**Regolament imħassar flimkien ma’ l-emendi suċċessivi tiegħu**

| | |
|---|---|
| Regolament tal-Kunsill (Euratom, KEE) Nru 1588/90<br>(ĠU L 151, 15.6.1990, p. 1) | |
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97<br>(ĠU L 54, 22.2.1997, p. 1) | L-Artikolu 21(2) biss |
| Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<br>(ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1) | L-Anness II, punt 4 biss |

*ANNESS II*

**TABELLA TA' KORRELAZZJONI**

| Regolament (Euratom, KEE) Nru 1588/99 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 1(1) l-ewwel u t-tieni inċiżi | Artikolu 1(1)(a) u (b) |
| Artikolu 1(2) | Artikolu 1(2) |
| Artikolu 2(1) sa (10) | Artikolu 2(a) sa (j) |
| Artikolu 3(1) | Artikolu 3(1) |
| Artikolu 3(2) | Artikolu 3(2) |
| Artikolu 3(3) l-ewwel subparagafu | — |
| Artikolu 3(3) it-tieni subparagrafu | Artikolu 3(3) |
| Artikolu 3(4) | Artikolu 3(4) |
| Artikolu 4(1) | Artikolu 4(1) |
| Artikolu 4(2) | Artikolu 5(6) |
| Artikolu 4(3) | Artikolu 4(2) |
| Artikolu 5(1) sa (5) | Artikolu 5(1) sa (5) |
| Artikolu 6 | Artikolu 6 |
| Artikolu 7, paragrafi 1 u 2 | Artikolu 7, paragrafi 1 u 2 |
| Artikolu 7, paragrafu 3 | — |
| Artikolu 8 | Artikolu 8 |
| — | Artikolu 9 |
| Artikolu 9 | Artikolu 10 |
| — | Anness I |
| — | Anness II |

# REGOLAMENT (KE) Nru 1102/2008 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tat-22 ta' Ottubru 2008

## dwar il-projbizzjoni tal-merkurju metalliku u ta' ċerti komposti u taħlitiet tal-merkurju u l-ħżin sikur tal-merkurju metalliku

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu u, fir-rigward ta' l-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Ir-rilaxxi tal-merkurju huma rikonoxxuti bħala theddida globali li titlob azzjoni f'livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u globali.

(2) Konformement mal-Komunikazzjoni, mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, imsejħa "Strateġija Komunitarja dwar il-Merkurju", mal-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ġunju 2005 u mar-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Marzu 2006 ([3]) dwar l-istrateġija msemmija hawn fuq, huwa meħtieġ li jitnaqqas ir-riskju ta' l-espożizzjoni tal-bniedem u ta' l-ambjent għall-merkurju.

(3) Il-miżuri li jittieħdu fil-livell Komunitarju jridu jitqiesu bħala parti minn sforz globali sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' espożizzjoni għall-merkurju, partikolarment fil-qafas ta' Programm dwar il-Merkurju taħt il-Programm Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti.

(4) Il-problemi ambjentali u soċjali jirriżultaw mill-għeluq tal-minjieri tal-merkurju fil-Komunità. Għandu jibqa' jingħata l-appoġġ għal proġetti u inizjattivi oħra permezz tal-mekkaniżmu disponibbli ta' finanzjament sabiex iż-żoni milquta jkunu jistgħu jsibu s-soluzzjonijiet vijabbli għall-ambjent lokali, għall-impjiegi u għall-attività ekonomika.

(5) Jeħtieġ li l-esportazzjoni tal-merkurju metalliku, taċ-ċinabru mhux maħdum, tal-klorur tal-merkurju (I), ta' l-ossidu tal-merkurju (II) u tat-taħlitiet tal-merkurju metalliku ma' sustanzi oħra, fosthom il-liegi tal-merkurju, b'konċentrazzjoni tal-merkurju ta' mill-inqas 95 % piż b'piż mill-Komunità tiġi pprojbita sabiex il-provvista globali tal-merkurju titnaqqas b'mod sinifikattiv.

(6) Il-projbizzjoni ta' l-esportazzjoni ser tirriżulta f'ammonti konsiderevoli ta' merkurju żejjed fil-Komunità li għandhom jiġu impediti milli jerġgħu jidħlu fis-suq. Għalhekk, il-ħżin sikur ta' dan il-merkurju fi ħdan il-Komunità għandha tkun żgurata.

(7) Sabiex isir provvediment għall-possibbiltajiet ta' ħżin sikur tal-merkurju metalliku li jkun kunsidrat bħala skart, huwa xieraq li ssir deroga mill-Artikolu 5(3)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma ([4]) għal ċerti tipi ta' terraferma artifiċjali u li l-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 2.4 ta' l-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/33/KE tad-19 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi l-kriterji u proċeduri għall-aċċettazzjoni ta' skart f'terraferma artifiċjali skond l-Artikolu 16 ta' u l-Anness II tad-Direttiva 1999/31/KE ([5]) jiġu dikjarati mhux applikabbli għall-ħżin temporanju rikuperabbli ta' merkurju metalliku għal aktar minn sena f'faċilitajiet fuq l-art dedikati u mgħammra għal dan il-għan.

(8) Id-dispożizzjonijiet l-oħra tad-Direttiva 1999/31/KE għandhom japplikaw għall-faċilitajiet kollha tal-ħżin għall-merkurju metalliku li jitqies bħala skart. Dawn jinkludu r-rekwiżit, stabbilit fl-Artikolu 8 (a)(iv) ta' dik id-Direttiva, li l-applikant għal permess jipprovdi adegwatament, permezz ta' garanzija finanzjarja jew b'mod ekwivalenti ieħor, sabiex jiżgura li l-obbligi (fosthom provvediment għall-kura ta' wara) stipulati taħt il-permess jitwettqu u li l-proċeduri ta' l-għeluq jiġu segwiti. Barra minn hekk, id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali fir-rigward tal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali ([6]) tapplika għal faċilitajiet ta' ħżin bħal dawn.

([1]) ĠU C 168, 20.7.2007, p. 44.

([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Ġunju 2007 (ĠU C 146 E, 12.6.2008, p. 209), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2007 (ĠU C 52 E, 26.2.2008, p. 1) u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2008 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2008.

([3]) ĠU C 291 E, 30.11.2006, p. 128.

([4]) ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1.

([5]) ĠU L 11, 16.1.2003, p. 27.

([6]) ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56.

(9) Għal ħżin temporanju ta' merkurju metalliku għal aktar minn sena waħda f'faċilitajiet fuq l-art dedikati u mgħammra għal dan il-għan, għandha tapplika d-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-kontroll ta' perikli ta' aċċidenti kbar fl-użu ta' sustanzi perikolużi ([1]).

(10) Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart ([2]). Madankollu, sabiex jippermettu r-rimi b'mod adegwat tal-merkurju metalliku fil-Komunità, l-awtoritajiet kompetenti tad-destinazzjoni u d-dispaċċ huma mħeġġin jevitaw li jqajmu oġġezzjonijiet għal vjeġġi ta' merkurju metalliku li jkun meqjus bħala skart abbażi ta' l-Artikolu 11(1)(a) ta' dak ir-Regolament. Hu nnutat li, skond l-Artikolu 11(3) tiegħu, fil-każ ta' skart perikoluż prodott fi Stat Membru tad-dispaċċ fi kwantità totali kull sena tant żgħira li l-provvediment ta' installazzjonijiet speċjalizzati ġodda għar-rimi f'dak l-Istat Membru ma jkunx ekonomiku, l-Artikolu 11(1)(a) tiegħu ma japplikax.

(11) Sabiex jiġi żgurat ħżin sikur għas-saħħa tal-bniedem u ta' l-ambjent, il-valutazzjoni ta' sikurezza għall-ħżin taħt l-art skond id-Deċiżjoni 2003/33/KE għandha tkun komplementata b'rekwiżiti speċifiċi u għandha wkoll issir applikabbli għall-ħżin mhux taħt l-art. L-ebda operazzjoni ta' rimi finali m'għandha tiġi permessa sakemm għad iridu jiġu adottati r-rekwiżiti speċjali u l-kriterji ta' aċċettazzjoni. Il-kondizzjonijiet tal-ħżin f'minjiera tal-melħ jew f'formazzjonijiet ta' blat iebes taħt l-art fil-fond, adattati għar-rimi tal-merkurju metalliku, għandhom notevolment jissodisfaw il-prinċipji tal-protezzjoni ta' l-ilma ta' l-art kontra l-merkurju, tal-prevenzjoni ta' emissjonijiet vaporifiċi ta' merkurju, ta' l-impermeabbiltà ta' l-inħawi għall-gassijiet u l-likwidi u – fil-każ ta' ħżin permanenti – tas-siġillar sikur ta' l-iskart fit-tmiem tal-proċess ta' deformazzjoni tal-minjiera. Dawk il-kriterji għandhom jiġu introdotti fl-Annessi tad-Direttiva 1999/31/KE, meta jiġu emendati għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

(12) Il-kondizzjonijiet tal-ħżin fuq l-art għandhom notevolment jissodisfaw il-prinċipji tar-reversibbiltà tal-ħżin, tal-protezzjoni tal-merkurju kontra l-ilma meteoriku, ta' l-impermeabiltà lejn il-ħamrija u tal-prevenzjoni ta' emissjonijiet vaporifiċital-merkurju. Dawk il-kriterji għandhom jiġu introdotti fl-Annessi tad-Direttiva 1999/31/KE meta jiġu emendati għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Il-ħżin fuq l-art ta' merkurju metalliku għandu jitqies bħala soluzzjoni temporanja.

(13) L-industrija tal-kloro-alkali għandha tibgħat id-data kollha relatata mad-diżattivazzjoni ta' ċelluli tal-merkurju fl-impjanti tagħhom lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri konċernati sabiex jiġi faċilitat l-infurzar ta' dan ir-Regolament. Is-setturi ta' l-industrija li jiksbu l-merkurju mit-tindif tal-gass naturali jew bħala prodott sekondarju minn attivitajiet ta' tħaffir għal metalli li ma jkunx fihom ħadid jew minn attivitajiet ta' tidwib għandhom ukoll jipprovdu d-data rilevanti lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri konċernati. Il-Kummissjoni għandha tagħmel din l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

(14) L-Istati Membri għandhom jippreżentaw informazzjoni dwar permessi maħruġa għal faċilitajiet ta' ħżin kif ukoll dwar l-applikazzjoni u l-effetti fuq is-suq ta' dan ir-Regolament, sabiex eventwalment tkun tista' ssir valutazzjoni tiegħu. L-importaturi, l-esportaturi u l-operaturi għandhom jippreżentaw informazzjoni dwar il-movimenti u l-użu tal-merkurju mettaliku, taċ-ċinabru mhux maħdum, tal-klorur tal-merkurju (I), ta' l-ossidu tal-merkurju (II) u tat-taħlitiet tal-merkurju metalliku ma' sustanzi oħra, fosthom il-liegi tal-merkurju, b'konċentrazzjoni tal-merkurju ta' mill-inqas 95 % piż b'piż.

(15) L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jkunu imponibbli fuq persuni fiżiċi u ġuridiċi. Dawk il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(16) Huwa kunsiljabbli li jkun organizzat l-iskambju ta' informazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti sabiex tiġi valutata l-ħtieġa potenzjali għal miżuri supplimentari relatati ma' l-esportazzjoni, l-importazzjoni u l-ħżin tal-merkurju u ma' taħlitiet ta' merkurju u ma' prodotti li jkollhom fihom il-merkurju mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' kompetizzjoni tat-Trattat, b'mod partikolari għall-Artikolu 81 tiegħu.

(17) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-għoti ta' assistenza teknika lil pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u lil pajjiżi li l-ekonomija tagħhom għaddejja minn tranżizzjoni, speċjalment assistenza li tiffaċilita l-bidla għal teknoloġiji alternattivi ħielsa mill-merkurju u t-tneħħija eventwali ta' l-użu u r-rilaxx tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju.

(18) Għaddejja riċerka dwar ir-rimi sikur ta' merkurju, anke dwar metodi tekniċi differenti għall-istabbilizzazzjoni jew modi oħrajn għall-immobilizzazzjoni tal-merkurju. Bħala prijorità, l-Kummissjoni għandha żżomm din ir-riċerka taħt reviżjoni u tippreżenta rapport malajr kemm jista' jkun. Din l-informazzjoni hija importanti billi tipprovdi bażi soda għal reviżjoni ta' dan ir-Regolament sabiex jinkiseb l-għan tiegħu.

(19) Il-Kummissjoni għandha tikkonsidra din l-informazzjoni meta tippreżenta rapport ta' valutazzjoni sabiex tidentifika l-ħtiġijiet li jistgħu jkunu possibbli għall-emendament ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 10, 14.1.1997, p. 13.
([2]) ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1.

(20) Il-Kummissjoni għandha ssegwi ukoll l-iżviluppi internazzjonali rigward il-provvista u d-domanda ta' merkurju, partikolarment negozjati multilaterali, u tirrapporta fuqhom sabiex tippermetti l-valutazzjoni tal-konsistenza ta' l-approċċ globali.

(21) Il-miżuri meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-ħżin temporanju tal-merkurju metalliku f'ċerti faċilitajiet imsemmija hawn għandhom jiġu adottati skond id-Direttiva 1999/31/KE b'kont meħud tal-konnessjoni diretta bejn dan ir-Regolament u dik id-Direttiva.

(22) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri t-tnaqqis ta' l-espożizzjoni għall-merkurju permezz ta' projbizzjoni ta' l-esportazzjoni u ta' obbligu ta' ħżin, ma jistax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri, u jista' għalhekk, minħabba l-impatt fuq il-moviment ta' merkanzija u l-funzjonament tas-suq intern kif ukoll in-natura transkonfinali tat-tniġġis bil-merkurju, jinkiseb aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista tadotta miżuri, konformement mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak il-għan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. L-esportazzjoni ta' merkurju metalliku (Hg, CAS RN 7439-97-6)), tal-mineral taċ-ċinabru, tal-klorur tal-merkurju (I) ($Hg_2Cl_2$, CAS RN 10112-91-1), ta' l-ossidu tal-merkurju (II) (HgO, CAS RN 21908-53-2) u ta' taħlitiet tal-merkurju metalliku ma' sustanzi oħra, inklużi liegi tal-merkurju, b'konċentrazzjoni tal-merkurju ta' mill-inqas 95 % piż b'piż mill-Komunità hija b'dan projbita mill-15 ta' Marzu 2011.

2. Il-projbizzjoni m'għandhiex tapplika għall-esportazzjonijiet tal-komposti msemmija fil-paragrafu 1 għar-riċerka u l-iżvilupp u għal raġunijiet mediċi jew ta' analiżi.

3. It-taħlit tal-merkurju metalliku ma' sustanzi oħra għar-raġuni unika ta' l-esportazzjoni tal-merkurju metalliku għandu jiġi pprojbit mill-15 ta' Marzu 2011.

*Artikolu 2*

Mill-15 ta' Marzu 2011, dan li ġej għandu jitqies bħala skart u jintrema skond id-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar l-iskart ([1]) b'mod li jkun sikur għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent:

(a) merkurju metalliku li ma jkunx użat aktar fl-industrija tal-kloro-alkali;

(b) merkurju metalliku miksub mit-tindif ta' gass naturali;

(ċ) merkurju metalliku miksub mit-tħaffir għal minerali li ma jkollhomx fihom ħadid u minn attivitajiet ta' tidwib; u

(d) merkurju metalliku estratt mill-mineral taċ-ċinabru fil-Komunità mill-15 ta' Marzu 2011.

*Artikolu 3*

1. B'deroga mill-Artikolu 5(3)(a) tad-Direttiva 1999/31/KE, il-merkurju metalliku li jitqies bħala skart jista', f'konteniment adatt, jiġi

(a) maħżun temporanjament għal aktar minn sena jew maħżun permanentement (operazzjonijiet ta' rimi D 15 jew D 12 rispettivament, kif definiti fl-Anness II A tad-Direttiva 2006/12/KE) f'minjieri tal-melħ adattati għar-rimi ta' merkurju metalliku, jew f'formazzjonijiet ta' blat iebes taħt l-art fil-fond li jipprovdu livell ta' sigurtà u iżolament ekwivalenti għal dak tal-minjieri tal-melħ, jew

(b) maħżun temporanjament (operazzjoni ta' rimi D 15, kif definita fl-Anness II A tad-Direttiva 2006/12/KE) għal aktar minn sena f'faċilitajiet fuq l-art dedikati u mgħammra għall-ħżin temporanju ta' merkurju metalliku. F'dan il-każ, m'għandhomx japplikaw il-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 2.4 ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 2003/33/KE.

Id-dispożizzjonijiet l-oħrajn tad-Direttiva 1999/31/KE u tad-Deċiżjoni 2003/33/KE għandhom japplikaw għall-punti (a) u (b).

2. Id-Direttiva 96/82/KE għandha tapplika għall-ħżin imsemmi fil-paragrafu 1(b) ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 4*

1. Il-valutazzjoni ta' sigurtà li trid issir konformenent mad-Deċiżjoni 2003/33/KE għar-rimi ta' merkurju metalliku skond l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament għandha tiżgura li r-riskji partikularili jirriżultaw min-natura u l-karatteristiċi għat-terminu twil tal-merkurju metalliku u mill-konteniment tiegħu jkunu koperti.

2. Il-permess imsemmi fl-Artikoli 8 u 9 tad-Direttiva 1999/31/KE għall-faċilitajiet imsemmija fl-Artikolu 3(1)(a) u (b) ta' dan ir-Regolament għandu jinkludi rekwiżiti għal ispezzjonijiet viżwali regolari tal-kontenituri u ta' l-installazzjoni ta' tagħmir adatt ta' rilevament ta' vaporożità sabiex tiġi skoperta kwalunkwe tnixxija.

([1]) ĠU L 114, 27.4.2006, p. 9.

3. Ir-rekwiżiti għal faċilitajiet imsemmija fl-Artikolu 3(1)(a) u (b) ta' dan ir-Regolament kif ukoll il-kriterji ta' aċċettazzjoni għall-merkurju metalliku, li jemendaw l-Annessi I, II u III tad-Direttiva 1999/31/KE, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 16 ta' dik id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta adatta mill-aktar fis possibbli, u mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2010, b'kont meħud ta' l-eżitu ta' l-iskambju ta' informazzjoni skond l-Artikolu 8(1) u tar-rapport dwar ir-riċerka ta' l-opzjonijiet ta' rimi sikur skond l-Artikolu 8(2).

Kwalunkwe operazzjoni ta' rimi finali (operazzjoni ta' rimi D 12, kif definita fl-Anness II A tad-Direttiva 2006/12/KE) li tikkonċerna l-merkurju metalliku għandha tkun permessa biss wara d-data li fiha tkun giet adottata l-emenda ta' l-Annessi I, II u III tad-Direttiva 1999/31/KE.

*Artikolu 5*

1. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni kopja ta' kwalunkwe permess maħruġ għall-faċilità magħżula għal ħżin temporanju jew permanenti tal-merkurju metalliku (operazzjonijiet ta' rimi D 15 jew D 12 rispettivament, kif definiti fl-Anness II A tad-Direttiva 2006/12/KE), akkumpanjata mill-valutazzjoni ta' sikurezza rispettiva tiegħu skond l-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament.

2. Sa l-1 ta' Lulju 2012, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni u l-effetti fuq is-suq ta' dan ir-Regolament fit-territorji rispettivi tagħhom. L-Istati Membri għandhom, fuq talba mill-Kummissjoni, jippreżentaw dik l-informazzjoni qabel dik id-data.

3. Sa l-1 ta' Lulju 2012, l-importaturi, l-esportaturi u l-operaturi ta' l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2, skond il-każ, għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti d-data li ġejja:

(a) volumi, prezzijiet, pajjiż ta' oriġini u pajjiż ta' destinazzjoni kif ukoll l-użu intenzjonat tal-merkurju metalliku li jidħol fil-Komunità;

(b) volumi, pajjiż ta' oriġini u pajjiż ta' destinazzjoni tal-merkurju metalliku meqjus bħala skart li jiġi transkonfinalment negozjat ġewwa l-Komunità.

*Artikolu 6*

1. Il-kumpaniji konċernati fl-industrija tal-klor-alkali għandhom jibagħtu d-data li ġejja relatata mad-diżattivazzjoni tal-merkurju f'sena partikolari lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri konċernati:

(a) l-aħjar kalkolu ta' l-ammont totali tal-merkurju li għadu jintuża fiċ-ċellula tal-klor-alkali;

(b) l-ammont totali tal-merkurju maħżun fil-faċilità;

(ċ) l-ammont ta' l-iskart tal-merkurju mibgħut f'faċilitajiet individwali, temporanji jew permanenti, tal-ħżin, il-pożizzjoni ta' dawn il-faċilitajiet u d-dettalji ta' kuntatt tagħhom.

2. Il-kumpaniji konċernati fis-setturi ta' l-industrija li jiksbu l-merkurju mit-tindif tal-gass naturali jew bħala prodott sekondarju mit-tħaffir għall-metall li ma jkollux fih ħadid u attivitajiet ta' tidwib għandhom jibagħtu d-data, li ġejja, relatata mal-merkurju miksub f'sena partikolari lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri konċernati:

(a) l-ammont ta' merkurju miksub;

(b) l-ammont ta' merkurju mibgħut f'faċilitajiet individwali, temporanji jew permanenti, tal-ħżin kif ukoll il-pożizzjoni ta' dawn il-faċilitajiet u d-dettalji ta' kuntatt tagħhom.

3. Il-kumpaniji konċernati għandhom jibagħtu d-data msemmija fil-paragrafi 1 u 2, skond dak applikabbli, għall-ewwel darba sa 4 ta' Diċembru 2009 u wara dan kull sena sal-31 ta' Mejju.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel din l-informazzjoni fil-paragrafu 3 disponibbli għall-pubbliku konformement mar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Åarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid tad-Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità ([1]).

*Artikolu 7*

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha sabiex jiżguraw li dawn jiġu applikati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa 4 ta' Diċembru 2009 u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li tolqothom.

*Artikolu 8*

1. Il-Kummissjoni għandha torganizza skambju ta' tagħrif bejn l-Istati Membri u l-partijiet interessati rilevanti sa l-1 ta' Jannar 2010. Dan l-iskambju ta' tagħrif għandu, b'mod partikolari, jeżamina l-bżonn għal:

(a) estensjoni tal-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni għal komposti oħra tal-merkurju, għal taħlitiet b'kontenut tal-merkurju iktar baxx u għal prodotti li jkollhom fihom il-merkurju, b'mod partikolari termometri, barometri u sfigmomanometri;

([1]) ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13.

(b) projbizzjoni fuq l-importazzjoni ta' merkurju metalliku, ta' komposti tal-merkurju u ta' prodotti li jkollhom fihom il-merkurju;

(ċ) estensjoni ta' l-obbligu ta' ħżin għall-merkurju metalliku minn sorsi oħrajn;

(d) limiti ta' żmien dwar il-ħżin temporanju ta' merkurju metalliku.

Dan l-iskambju ta' informazzjoni għandu jqis ukoll ir-riċerka ta' opzjonijiet għar-rimi sikur.

Il-Kummissjoni għandha torganizza iżjed skambji ta' informazzjoni meta ssir disponibbli informazzjoni rilevanti ġdida.

2. Il-Kummissjoni għandha tibqa' tirrivedi l-attivitajiet kurrenti ta' riċerka ta' opzjonijiet għar-rimi sikur, inkluża s-solidifikazzjoni tal-merkurju metalliku. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa l-1 ta' Jannar 2010. Abbażi ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni għandha, skond il-każ, tippreżenta proposta għal reviżjoni ta' dan ir-Regolament mill-iktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-15 ta' Marzu 2013.

3. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-applikazzjoni u l-effetti fuq is-suq ta' dan ir-Regolament fil-Komunità, b'kont meħud ta' l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 u fl-Artikoli 5 u 6.

4. Il-Kummissjoni għandha mill-aktar fis possibbli, iżda mhux aktar tard mill-15 ta' Marzu 2013, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport, jekk ikun il-każ akkumpanjat minn proposta għal reviżjoni ta' dan ir-Regolament, li għandu jirrifletti u jivvaluta l-eżitu ta' l-iskambju ta' informazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 u tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, kif ukoll ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 2.

5. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa l-1 ta' Lulju 2010 dwar il-progress f'attivitajiet u negozjati multilaterali dwar il-merkurju, waqt li tivvaluta partikolarment il-konsistenza tal-programmazzjoni u l-ambitu tal-miżuri speċifikati f'dan ir-Regolament ma' żviluppi internazzjonali.

*Artikolu 9*

Sal-15 ta' Marzu 2011, l-Istati Membri jistgħu jżommu fis-seħħ miżuri nazzjonali li jirrestrinġu l-esportazzjoni ta' merkurju metalliku, tal-mineral taċ-ċinabru, ta' klorur tal-merkurju (I), ta' l-ossidu tal-merkurju (II) u ta' taħlitiet tal-merkurju metalliku ma' sustanzi oħra, inklużi liegi tal-merkurju, b'konċentrazzjoni tal-merkurju ta' mill-inqas 95 % piż b'piż li ġew adottati konformement mal-leġiżlazzjoni Komunitarja qabel l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 10*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, 22 ta' Ottubru 2008.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | J.-P. JOUYET |

# REGOLAMENT (KE) Nru 1103/2008 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tat-22 ta' Ottubru 2008

## li jadatta numru ta' strumenti suġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, fir-rigward tal-proċedura regolatorja bi skrutinju

## Adattament għall-proċedura regolatorja bi skrutinju

## It-Tielet Parti

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-punt (c) ta' l-Artikolu 61, il-punt 1(a) ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 63 u l-Artikolu 67 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([2]),

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni ([4]) ġiet emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/512/KE ([5]), li introduċiet il-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-adozzjoni ta' miżuri ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' strument bażiku adottat skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat, *inter alia* billi jitħassru uħud minn dawk l-elementi jew billi l-istrument jiġi supplimentat b'elementi ġodda mhux essenzjali.

(2) Konformement mad-Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ([6]) dwar id-Deċiżjoni 2006/512/KE, sabiex din il-proċedura regolatorja bi skrutinju tkun tapplika għall-istrumenti li huma diġà fis-seħħ u li kienu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat, dawk l-istrumenti għandhom jiġu aġġustati skond il-proċeduri applikabbli.

(3) Ir-Renju Unit u l-Irlanda, li pparteċipaw fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' l-istrumenti emendati b'dan ir-Regolament, konformement ma' l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, qegħdin jipparteċipaw fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(4) Konformement ma' l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u għalhekk m'hijiex marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

F'dan ir-Regolament, "Stat Membru" tfisser l-Istati Membri kollha ħlief għad-Danimarka.

*Artikolu 2*

L-istrument elenkati fl-Anness huma b'dan adattati, konformement ma' dak l-Anness, għad-Deċiżjoni 1999/468/KE, kif emendata mid-Deċiżjoni 2006/512/KE.

*Artikolu 3*

Ir-referenzi magħmula għad-dispożizzjonijiet ta' l-istrumenti elenkati fl-Anness għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dawk id-dispożizzjonijiet kif adattati minn dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU C 224, 30.8.2008, p. 35.
([2]) ĠU C 117, 14.5.2008, p. 1.
([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Ġunju 2008 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2008
([4]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.
([5]) ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11.
([6]) ĠU C 255, 21.10.2006, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri konformement mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmul fi Strasburgu, 22 ta' Ottubru 2008.

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | J.-P. JOUYET |

*ANNESS*

1. **Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali** ([1])

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 44/2001, għandha tingħata s-setgħa lill-Kummissjoni biex taġġorna u tagħmel aġġustamenti tekniċi lill-formoli stabbiliti fl-Annessi ta' dak ir-Regolament. Billi dawk il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 44/2001, huma għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1994/468/KE.

Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 44/2001 huwa b'dan emendat kif ġej:

1. l-Artikolu 74(2) għandu jiġi sostitwit minn dan li ġej:

"2. L-aġġornament jew l-aġġustamenti tekniċi għal-formoli, li kampjuni tagħhom jidhru fl-Annessi V u VI, għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 75(2).";

2. l-Artikolu 75(2) għandu jiġi sostitwit minn dan li ġej:

*"Artikolu 75*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a (1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.".

2. **Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati ta' l-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili u kummerċjali** ([2])

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1206/2001, għandha tingħata s-setgħa lill-Kummissjoni biex taġġorna u tagħmel aġġustamenti tekniċi għall-formoli standard stabbiliti fl-Anness ta' dak ir-Regolament. Billi dawk il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 1206/2001, huma għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1994/468/KE.

Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1206/2001 huwa b'dan emendat kif ġej:

1. l-Artikolu 19(2) għandu jiġi sostitwit minn dan li ġej:

"2. L-aġġornament jew l-aġġustamenti tekniċi għall-formoli standard għandhom isiru mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 20(2).";

2. l-Artikolu 20(2) għandu jiġi sostitwit minn dan li ġej:

*"Artikolu 20*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a (1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.".

---

([1]) ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1.

([2]) ĠU L 174, 27.6.2001, p. 1.

3. **Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil depożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz** ([1])

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 343/2003, għandha tingħata s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta l-kondizzjonijiet u l-proċeduri għall-implimentazzjoni ta' klawżola umanitarja u biex tadotta l-kriterji neċessarji biex twettaq trasferimenti. Billi dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 343/2003 billi jissupplimentah b'elementi mhux essenzjali ġodda, huma għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 343/2003 huwa b'dan emendat kif ġej:

1. l-Artikolu 15(5) għandu jiġi sostitwit minn dan li ġej:

"5. Il-kondizzjonijiet u l-proċeduri għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, inklużi, fejn ikun il-każ, mekkaniżmi ta' konċiljazzjoni għas-soluzzjoni ta' nuqqas ta' qbil bejn Stati Membri dwar il-ħtieġa li jgħaqqdu l-persuni kkonċernati, jew il-post fejn dan għandu jsir, għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 27(3).";

2. l-Artikolu 19(5) għandu jiġi sostitwit minn dan li ġej:

"5. Il-Kummissjoni tista' tadotta regoli supplimentari dwar l-eżekuzzjoni ta' trasferimenti. Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 27(3).";

3. l-Artikolu 20(4) jiġi sostitwit minn dan li ġej:

"4. Il-Kummissjoni tista' tadotta regoli supplimentari dwar l-eżekuzzjoni ta' trasferimenti. Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 27(3).";

4. l-Artikolu 27(3) għandu jiġi sostitwit minn dan li ġej:

"3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.".

4. **Ir-Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati** ([2])

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 805/2004, għandha tingħata s-setgħa lill-Kummissjoni biex temenda l-formoli standard stabbiliti fl-Annessi ta' dak ir-Regolament. Billi dawk il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 805/2004 huma għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għalhekk, l-Artikoli 31 u 32 tar-Regolament (KE) Nru 805/2004 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

*"Artikolu 31*

**Emendi ta' l-Annessi**

Il-Kummissjoni għandha temenda l-formoli standard fl-Annessi. Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 32(2).

([1]) ĠU L 50, 25.2.2003, p. 1.
([2]) ĠU L 143, 30.4.2004, p. 15.

*Artikolu 32*

**Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 75 tar-Regolament (KE) Nru 44/2001.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a (1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.".

**NOTA LILL-QARREJ**

L-istituzzjonijiet iddeċidew li ma jikkwotawx aktar fit-testi tagħhom l-aħħar emenda ta' l-atti kkwotati.

Sakemm mhux indikat mod ieħor, l-atti mmsemija fit-testi ppubblikati hawn jirreferu għall-atti li bħalissa huma fis-seħħ.